www.sportivmalta.com – Ħarġa nru. 12 – Marzu / April 2008

€3.00

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar


Marsaxlokk F.C.
Poster, p48
Stompers R.F.C.
Poster, p69



Formula 1
Raikkonen u Hamilton jiftħu l-isfida, p58

L-Istorja tar-Regatta f'Malta
Tkompli, p82






## Erba' timijiet Ingliżi fil-Kwarti-Finali

Champions League, p45

# Temile ipoġġi lil Valletta fil-quċċata

Tkompli l-kriżi ta' Sliema Wanderers...
Birkirkara jiftħu beraħ il-Kampjonat u jidħlu biċ-ċans għat-titlu...
Analiżi u ritratti, p4

JOE BRINCAT • FUTSAL • GUENTCHO DOBREV • MOTO GP • ŻWIEMEL • POOL • MARATONA TA' MALTA • RUGBY


What every vacation needs.
Sun, sand and
ice-cold temperatures.
Heineken®
served extra cold

More and more **homes** are insured with us

www.middlesea.com

Middlesea Insurance p.l.c.

COM010807A

Middlesea Insurance p.l.c. is authorised by the Malta Financial Services Authority to carry on both Long Term and General Business under the Insurance Business Act, 1998.



2008



# Marzu - April

Bdiet ir-rebbiegħa, staġun fost il-favoriti magħna l-Maltin, staġun fejn kollox jibda ħiereġ mill-qoxra u jibda jieħu l-forma tiegħu. L-istess bħal fjuri fir-Rebbiegħa il-Kampjonati tagħna jieħdu l-forma u jasal il-qtiegħ il-qalb, fejn kull sforz żejjed jew nieqes jaf isarraf determinanti għax-xogħol kollu ta' matul l-istaġun.

Nieħdu l-football, fil-Premier, dan l-istaġun l-emozzjonijiet u s-sorpriżi ma naqsux. Nibdew minn Sliema, team mibni biex fir-Rebbiegħa jwarrad, iżda bil-kontra għaliex il-blues nixfu u fallew punti mportanti li jistgħu jiswewhom il-Kampjonat. F'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħhom, il-partitarji kien ħaqqhom xi ħaġa aħjar! Marsaxlokk mhux b'inqas, kulħadd stqarr li kienu t-team B tal-President Victor Scicluna, iżda issa spiċċaw it-team rivali tiegħu. L-affarijiet bħal donnhom jinbidlu minn staġun għall-ieħor, hekk kif ġralhom Valletta, bdew b'pass ta' nemla u issa qabdu r-ritmu ta' atleta u għaddejin ġmielhom fuq quddiem tal-klassifika. L-aħħar u mhux l-inqas Birkirkara, li ħarġu l-fjuri tagħhom eżatt meta kien suppost. Maż-żriegħ ħadd ma kien qiegħed jistenna riżultati daqshekk sbieħ, ħadu l-frott tax-xogħol u tad-dedikazzjoni li bil-paċenzja kollha rawmu u stennew sakemm il-fjuri tagħhom ukoll kibru u ħallewna sorpriżi dwar kemm il-qalb u l-imħabba lejn il-flokk jilagħbu parti mportanti f'team tal-football. Il-ġnieda miftuħa, kollha lesti bil-bukketti biex f'Mejju jkunu huma u mhux l-oħrajn li joffru l-fjuri lill-partitarji tagħhom. Iżda dan mhux kollox, fadal ħafna logħob deċiżiv, kull logħba finali meta d-differenza tkun daqshekk minima. Fadal ukoll Floriana u Hamrun Spartans, żewġ timijiet oħra fiċ-Championship Pool li lesti jkunu parti mir-rebħ tat-titlu. Il-punti li jakkwistaw minn issa sa l-aħħar jafu jsarrfu fatali għat-timijiet li qegħdin jiġġieldu l-isfida l-kbira. Is-sorpriżi mistennija ma jiefqux hawn!

Iż-żerriegħa ta' Hibernians dan l-istaġun għalkemm ma ssarrfitx f'waħda mill-aqwa ta' dawn l-aħħar snin, kienet tajba daqs dik ta' Hamrun u mhux inferjuri ħafna minn dik ta' l-ewwel ħamsa. Sfortunatament kellhom ibaxxu rashom u għall-ewwel darba jinżlu fir-Relegation Pool, aktar minn sfortuna aħjar insejħula nġustizzja. Għal punt wieħed biss spiċċaw jilagħbu biex isalvaw, biex il-kampjonat jibqa' eċċitanti, biex in-nies tagħhom imorru jarawhom aktar bil-gzuz. Fil-fatt mal-kundanna n-nies tagħhom naqsu bil-ħafna għaliex ma kien fadal xejn eċċitanti u l-fjuri tagħhom mietu mat-tisfira finali kontra Hamrun Spartans fl-aħħar logħba ta' l-ewwel fażi.

Irridu nibdlu u dan ma ngħidux jien iżda l-klabbs kollha ta' l-ogħla diviżjoni. F'Ta' Qali hemm affarijiet li nibdluhom mil-lum għal għada u oħrajn li ndumu nkarkru bihom staġun wara staġun. F'isem l-eċċitament u l-entużjażmu li nsemmu, hemm bżonn li nsellmu darba għal dejjem lil dan il-format. U kif qbadna fuq il-bidla, Ħadd il-Għid kellu jkun jum sabiħ li tqatta' mal-familji jew ta' l-anqas hekk kien ippjanat li jkun, iżda fl-aħħar mument dan kellu jinbidel f'jum ta' football fejn mhux kemm morna u ħadna gost bit-team tagħna imma bħal donnu nsejna li kien l-Għid il-Kbir u tlaqna b'kantaliena ta' korijiet li ma jagħmlux ġieħ matul is-sena kollha aħseb u ara f'jum l-Għid. Bejn l-elezzjoni ġenerali u t-team nazzjonali ssagrifikajna l-logħba tagħna minn jum għall-ieħor u meta nitkellmu dwar kemm huma baxxi l-attendenzi u dwar kemm hu fqir l-introjtu, kollox jgħodd...

Nilqgħukom għal Ħarġa numru 12 u għal żahar ieħor ta' emmozzjonijiet!

**Sportiv meta l-isports jasal għandek b'differenza!**

**Björn Vassallo Editur**

**Ħarġiet kollha ta' SPORTIV (min-numru 1 sa numru 11) jistgħu jiġu akkwistati mill-uffiċċju ta' Zen Publishing jew ċemplu 27200233.**

www.sportivmalta.com

SPORTIV


SPARK
Cola
Carbonated soft drink







www.sportivmalta.com

SPORTIV


Ħarġa nru 12

SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar

www.sportivmalta.com

Ippubblikat minn Zen Publishing
c/o 2, 'Yucca', Triq l-Gwielaq, Swieqi SWQ 3101
Tel: 27200233 Fax: 25401217

Publishing Director
Norman Darmanin Demajo
norman.darmanindemajo@sportivmalta.com

Associate Publisher
Paul Falzon
info@sportivmalta.com

Managing Editor
Björn Vassallo
bjorn.vassallo@sportivmalta.com

Public Relations Officer
Claudia Cutajar
claudia.cutajar@sportivmalta.com

Marketing Department
info@sportivmalta.com

Contributors
info@sportivmalta.com

Design
Zen Grafiks

Photographer
Stephen Gatt

Cover
Frank Temile (Valletta F.C.) - Ritratt Stephen Gatt

SPORTIV stampat
fil-Union Print Co. Ltd
Marsa, Malta


# Werrej


**4 Analiżi Kampjonat Premier**
Minn Tonio Farrugia

**6 Ħarsa lejn il-Kampjonati**
Sliema W. fi kriżi u Birkirkara jitħu l-Kampjonat

**28 Intervista Mqabba F.C.**
Ħamsin sena mit-twaqqif tal-Klabb

**30 L-Istorja tal-Football Malti**
Kif qatt ma rajtuha qabel...

**36 Stilel tal-Premier**
Joe Brincat - it-Tivoli

**38 Football Nurseries**
Ritratti mill-Easter Tournaments

**42 Marzu 1987**
Portugall v Malta 2-2

**44 UEFA Champions League**
Man. Utd., Arsenal, Chelsea u Liverpool fil-Kwarti Finali

**48 Poster Marsaxlokk F.C.**

**51 Futsal Mini-T'ment**
Malta titlef il-logħbiet kollha minn Grupp 7

**52 Intervista Kelder**
Jitkellem dwar l-imħabba lejn l-istatistika Maltija

**54 ... bla kumment!**
Mill-isfera sportiva

**56 Moto GP**
Casey Stoner bl-ewwel rebħa

**58 Formula 1**
Is-sewwieqa u t-timijiet kollha

**61 Formula 1**
Tibda l-isfida bejn Raikkonen u Hamilton

**64 Rugby**
Kavallieri u Stompers fid-dritta finali

**69 Poster**
Stompers RFC

**70 Żwiemel**
Hudson Blue jirbaħ it-Tazza l-Kbira

**76 Kampjonati Ewropej tal-Pool**
Malta Champions Ewropej

**78 Maratona ta' Malta**
Rekord għal Jonathan Balzan

**82 Storja tar-Regatta**
It-Tieni kapitlu

**88 KOM**
Jitnieda ċ-Ċentru ta' Eċċellenza

**91 Statistika**
Il-logħbiet kollha tal-football

**104 Kriss-Kross**
Irbaħ ma' Sportiv

minn Tonio Farrugia



# Jaqa' DARBTEJN

M'aħniex nirreferu għal xi dramm tal-passjoni li kien tant popolari f'dawn l-aħħar ġranet għax hemmekk waqa' tliet darbiet. Qed nirreferu għall-mixja tat-team Slimiż f'dan ix-xahar ta' Marzu li xorta waħda tixbaħ ħafna dramm tal-passjoni hekk kif it-team tal-Wanderers fetaħ l-impenji tiegħu f'dan iċ-Championship Pool b'żewġ telfiet biex ra t-tamiet għar-rebħ ta' l-unuri jieħdu tisbita kbira. Id-dramm tal-passjoni jekk xejn qed jgħixuh il-partitarji leali tagħhom (ftit fil-verità – fit-telfa ma' Birkirkara għoddejna biss ħamsin) li xtaqu kieku jiċċelebraw il-mitt sena tal-club mod ieħor.




Il-filmati li rajna ta' Stephen Azzopardi mitluq fuq il-bank bla saħħa eżatt wara r-raba' goal ta' Marsaxlokk kienu xempju ta' persuna li qata' qalbu minn dan it-team. Ftit bankijiet 'il boghod minnu Etienne Barbara, ilvent u fuq tiegħu, li ftit deher iddisprat bir-riżultat wara li reġa' tħalla bil-qiegħda 'l boghod mill-għażla ta' l-ewwel ħdax tal-Wanderers. U b'liema mod u manjiera.

Wara li kien ilu jagħmel il-warm-up tul il-ħin kollu tal-mistrieħ u għal parti tajba mit-tieni taqsima, u f'ħin meta l-Wanderers kienu diġà bidlu żewġ plejers, tqajjem ukoll biex jagħmel il-warm-up il-barrani Duda Ventura. Barbara daqs kulħadd jaf jgħodd sat-tlieta. Ta ħarsa lejn Stephen Azzopardi u wara ftit minn jeddu reġa' mar bil-qiegħda u ħalla lil Duda jagħmel il-warm-up waħdu. Mill-karattru tiegħu Barbara mhux imdorri jkompli ma' min irid jagħti eżempju bih. F'malajr beżaqlu fis-sunnara.

Wieħed għad irid jifhem x'wassal għal din il-bidla fil-ħsieb ta' Stephen Azzopardi. Għaliex Duda u mhux Barbara. Raġuni jkun hemm dejjem u probabbli li tkun waħda teknika wkoll Jista' jkun li fuq il-video li kien baghtilhom l-istess Duda, dan il-barrani kien ħalla mpressjoni tajba aktar milli ħalla Barbara sa issa f'dan il-kampjonat Slimiż. Ma tridx wisq. Għax minkejja li Etienne Barbara huwa plejer tajjeb ħafna - minn dawk li togħrok idejk bil-ferħ meta takkwistah – però din l-avventura tiegħu mal-Wanderers qed tirriżulta kompletament żbaljata. Minkejja t-talent huwa s-soltu tiegħu li ma jdumx wisq ma' l-istess club. Ma jsaddad ma' ħadd. F'malajr itellquh. Bħal Cassano eżatt.

Biex ngħidu kollox però, ir-raġunijiet ta' din il-waqgħa Slimiza m'huwiex Etienne Barabara biss. Huma diversi. Ċertu rebħiet iktar servew biex jgħattu l-problemi li diġà kienu preżenti. Apparti r-rebħa ta' ftit granet ilu ma' Hamrun Spartans id-draw ta' 2-2 kontra Valletta, per eżempju, meta Sliema ma tawx xutt fil-lasta (bil-plejer Ivan Woods misterjożament jirnexxielu jirbaħ il-Plejer tal-Logħba għaliex skorja żewġ penalties) u r-rebħa mqanżħa fuq Pietà Hotspurs jidħlu b'saħħa f'din il-lista.

Barra minn hekk mhux normali l-anqas li team li jkun qed jisfida għall-unuri jibdel il-coach f'nofs l-istaġun. Normali ħafna f'team li jkun ser jaqa' iżda mhux bil-kuntrarju. Stephen Azzopardi hekk daħal skomdu f'nofs staġun, f'ambjent diġà mimli apatija u bruda, u sab quddiemu wkoll kampanja ta' akkwisti ta' plejers ta' isem tas-sajf li rriżultaw kompletament żbaljati. Ma qablux ma' l-ambjent Slimiż.

Nitqanżħu biex insibu partita tajba ta' Ian Azzopardi, ta' Roderick Briffa, jew ta' Etienne Barbara – it-tlieta li huma akkwistati fis-sajf. Biex ikompli jiżdied il-melħ fuq il-ferita, Aleksandar Madzar il-plejer medjokri li l-Wanderers kellhom f'nofs l-attakk tagħhom, inbidel mil-lejl għan-nhar f'attakkant li qed jilgħab, jiddeverti u jiskorja wara li sieħeb lil Marsaxlokk f'Jannar li għadda. L-aħħar żewġ goals tiegħu max-Xlukkajri waslu proprju kontra l-Wanderers ġimgħatejn ilu. U Duda, l-aħħar akkwist Slimiz, kompla fetaħ din il-ferita tat-trasferimenti żbaljati beraħ, kompliċi anke l-mod dilettantesk dwar kif jiġu akkwistati l-plejers barranin fil-kampjonat Malti.

Il-plejer ġie Malta minn fuq il-videos li ntbagħtu lill-club Slimiż u fuq l-isem qabel ma ġie ppruvat. Nibdew mill-isem. Il-plejer kien tajjeb m'hemmx dubju. Tliet snin ilu kien regolari ma' Boavista u lagħab u skorja fiċ-Champions League kontra timijiet kbar u anke żgħar bħal Liverpool u Hibernians tagħna. Goal kontra Liverpool huwa passaport pożittiv li tibqa' ġġorru miegħek kull fejn tmur. L-istess kif Michael Mifsud jibqa' magħruf għal dejjem magħna għaż-żewġ goals kontra Manchester United.

Imma f'dawn l-aħħar tliet snin qegħdin fi dlam assolut u fil-ħniena ta' Duda u ta' min baghtu biex inkunu nafu eżatt kemm lagħab u jekk lagħabx, fuq kollox. Għax il-clubs li kien magħhom f'dawn l-aħħar tliet snin huma żewġ clubs żgħar fil-Brażil u minn hawn Malta xejn ma nafu dwarhom. Imbagħad il-videos. Huwa faċli li tgħaqqad l-isbaħ u l-aqwa siegħa ta' football tajjeb fuq l-iktar plejer medjokri li tista' issib.

Nieħdu eżempju lil Etienne Barbara. Fuq l-isem dan ukoll huwa fost l-aqwa plejers fil-Premier, jekk mhux l-aqwa, pero' qed jirriżulta wkoll fl-aqwa diżappunt ta' Sliema għal dan l-istaġun. Jekk trid, minkejja kollox, xorta tista' tgħaqqad siegħa ta' football sabiħ minn tiegħu bil-flokk tal-Wanderers. Apparti affarijiet oħra. Għax jekk trid tista' tgħaqqad ukoll siegħa minn tiegħu tiela' u niezel jagħmel il-warm-up bil-flokk tal-Wanderers, siegħa minn tiegħu jipprotesta fuq kollox bil-flokk tal-Wanderers kif ukoll sigħat sħaħ minn tiegħu bil-qiegħda fuq il-bank tas-sostituti jiċċajta u jidħaq bit-tracksuit tal-Wanderers. Il-videos huma dak li huma. Metodu faċli biex plejer fil-preżent medjokri tagħmlu jidher aqwa minn Roy of the Rovers tal-comics.

# Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben



F'dan ix-xahar ukoll tħabbar li Quelin Refalo ta' Pietà Hotspurs weħel sitt logħbiet wara li xejjer daqqa ta' ponn lill-uffiċjal tal-club Ħamruniz ftit wara li tkeċċa fil-logħba ta' bejniethom. Quelin huwa t-tifel ta' Leo li għal min għandu l-età tagħna jiftakruh jilgħab ma' skoss timijiet tal-Premier League wara żmien twil ma' l-Ispartans. Issa players jaslu biex ixejru bil-ponn jew għax ikunu għadhom għaqal ta' tfal jew għax ma jkollhom xejn x'jitilfu. Quelin Refalo jidħol sparat fiż-żewġ kategoriji.

Jien dak in-nhar kont hemm. L-inkwiet veru nqala' fuq ix-xejn bejn żewġt itfal, Refalo u Evano Briffa, li sa fejn nafu aħna kienu ħbieb fi żmien il-Minors ta' Hamrun Spartans. Tkeċċew u baqgħu għaddejjin jilletikaw u jridu jmorru għal xulxin bir-referee jiġri warajhom it-tnejn biex jifridhom sakemm daħlu 'l ġewwa. Missier Refalo, il-kbir Leo li darba, hu wkoll, goal kontra Rabat Ajax kien swielu sospensjoni ta' erba' logħbiet għax qabad il-fajjenza fid-direzzjoni tan-nies Rabtin, minflok ikkalmah iktar saħħanlu rasu għax beda jiddendel mal-ħadid bħal iljun tal-ġungla bil-bżieq itir minn ħalqu. X'jibqa' fl-iben meta jara dak l-eżempju mingħand il-missier. Iktar tilef rasu. U din mhix sitwazzjoni unika. Kienet diġà ġrat lil Cleavon Frendo wkoll.

Għax il-football Malti hu dak li hu – kull min jitlef it-tempra kulħadd jagħmel dak li jiġih f'moħħu għax ħadd m'għandu x'jitlef. Il-flus mal-club huwa ta' part-time job li tista' taqlagħhom jekk tmur tagħmel xogħol ta' part-time waiter. Għalhekk l-Ingliżi darba fl-istorja kienu ġabru kollox f'sentenza waħda biex jiddeskrivuna. 'The Maltese are a team of part-time waiters' kienu kitbu fuqna. U konna ħadna għalina.

Li kieku m'għandniex dan il-livell ċkejken kieku mhux ser tara players bħal Willie Camenzuli jew Bernard Sciberras b'żaqq daqshiex jilagħbu fl-ogħla diviżjoni tagħna. M'aħniex niddiskutu lilhom għax minkejja żaqqhom xorta waħda huma players tajbin u utli għat-team tagħhom. Qed nitkellmu fuq il-livell tal-Premier tagħna. Kieku għandna players ta' livell, lill-players b'żaqq bħal dik iġibuhom żugraga. Dik mhux figura ta' atleta. Xi bank manager issib b'żaqq bħal dik jew xi ħadd jaħdem fil-ġebel.

Mhux player tal-football!

PREMIER

# Giorev bit-tieni rebħa minn daqstant logħbiet

## Mqabba v Pieta' Hotspurs 2-0




B'żewġ goals fit-tieni taqsima ta' Marcelo Pereira, Mqabba kisbu rebħa oħra mportanti kontra t-team li jinsab fuqhom fil-klassifika. Taħt it-tmexxija tal-coach il-ġdid, Bobby Giorev, it-team bħal qisu ttrasforma ruħu u wara r-rebħa konvinċenti kontra Msida St. Joseph ftit tal-jiem qabel, issa waslet din ir-rebħa wkoll.

Kollox deher mitmum għalihom, iżda issa l-mistoqsija toħroġ waħedha, Mqabba kapaċi joħolqu sorpriża u jiġġieldu ma' Pietà u Msida biex isalvaw? Għalkemm Msida St. Joseph jinsabu f'pożizzjoni aħjar minn dik tal-Hotspurs u Mqabba, kollox għadu possibbli u sakemm il-matematika ma tikkundannax lil xi team jew ieħor, il-ġlieda tibqa' miftuħa sa l-aħħar. Irridu nistennew u naraw jekk Bobby Giorev verament iwettaqx xi sorpriża!

PREMIER




# Madzar jagħti r-rebħa lil Marsaxlokk

## Floriana v Marsaxlokk 1-2



Għalkemm fuq in-naħa telliefa Floriana offrew wirja tajba kontra t-team ta' Marsaxlokk. Kien Aleksandar Madzar li wassal lix-Xlukkajri għar-rebħ tat-tliet punti mportanti. Wara li Floriana kienu marru fil-vantaġġ permezz ta' Trevor Cilia, kien Madzar li wara ftit ġab il-goal tad-draw, biex sitt minuti mit-tmiem huwa ssiġġilla r-rebħa b'goal li beda minn pożizzjoni ferm dubjuża u bil-logħob jitkompla, huwa qabeż lil goalkeeper Simon Agius u tefa' f'xibka vojta fost il-ferħ tal-partitarji, players u l-uffiċjali ta' Marsaxlokk. Aleksandar Madzar... minn mażżra ma' Sliema Wanderers inbidel f'attakkant prolifiku ma' Marsaxlokk. Żgur mhux l-arja tal-baħar li għamlet bih, għaliex kemm Tas-Sliema u kif ukoll Marsaxlokk imdawrin bil-baħar. L-anqas il-kulur tal-flokk, blù kien u blù baqa'. Forsi id-differenza fil-paga... minn Liri għall-Euro?

PREMIER

# Birkirkara jissorprendu lil Wanderers



## Sliema Wanderers v Birkirkara 1-3

Qabel din il-logħba Sliema Wanderers kienu l-favoriti li joħorġu minn Ta' Qali bil-punti massimi, iżda waqt il-logħba dan il-ħsieb inbidel wara li, għalkemm b'raġel inqas, Birkirkara xorta waħda baqgħu aħjar mill-avversarji tagħhom u kienu ftit dawk id-drabi li Omar Borg kien serjament impenjat mill-players ta' Sliema. Fil-fatt kienu s-sofor u ħomor li akkwistaw it-tliet punti u ħallew lis-Slimiżi f'paniku sħiħ qabel il-logħba mportanti kontra Marsaxlokk.




# Mid-dawl għad-dlam

## Valletta v Hamrun Spartans 4-1

Mid-dawl għad-dlam... fil-fatt Hamrun Spartans bdew biex ibbrillaw u kienu huma li skurjaw l-ewwel u marru fil-vantaġġ iżda wara dan bħal donnhom intfew. Mill-goal ta' Frank Temile kienu Valletta biss li xegħlu u l-logħba spiċċat malli Valletta marru fil-vantaġġ permezz ta' Monesterolo. Id-dawl f'Ta' Qali ukoll intefa qabel il-waqt - kien fl-istess burdata ta' Hamrun, intefa kmieni wisq!







# Hibs kważi salvi

## Hibernians v Msida St. Joseph 3-0




# Sliema Wanderers fi kriżi

## Marsaxlokk v Sliema Wanderers 4-2

Mill-wirja medjokri kontra Birkirkara, Sliema Wanderers waslu għal din l-isfida f'mument importanti meta l-prijorità kienet dik li jirbħu punti prezzjużi biex iżommu l-pass ma' Valletta u Marsaxlokk. Min-naħa l-oħra żgur li ma kinetx se tkun faċli kontra t-team ta' Marsaxlokk u fil-fatt dawn ikkonfermawh matul id-disgħin minuta. Ix-Xlukkajri marru f'vantaġġ ta' tliet goals, biex wara r-reazzjoni ta' Sliema, li naqqsu d-distakk b'żewġ goals, kien Alcorse li għalaq il-konfront fl-84 minuta. Il-protagonisti għal Marsaxlokk kienu ż-żewġ barranin tagħhom, Madzar u Alcorse, li b'żewġ goals kull wieħed għaqdu l-erba' goals tax-Xlukkajri. Għal Sliema l-protagonista kien il-president, Robert Arrigo, li mhux kuntent bil-wirja u n-nuqqas ta' determinazzjoni tal-plejers tiegħu stqarr li kien se jżomm il-pagi ta' Marzu u ma kienx lest iħallas lill-players tiegħu. Kollox ma' kollox nistgħu ngħidu li Sliema jinsabu fi kriżi sħiħa ta' riżultati u b'hekk l-anqas il-bidla minn Ray Farrugia għal Stephen Azzopardi ma jidher li halliet ir-riżultat mixtieq.

B'wirja konvinċenti kontra Msida St. Joseph, Hibernians akkwistaw tliet punti mportanti li bihom serrħu rashom li staġun ieħor jerġgħu jkunu fil-Kampjonat Premier. Għalkemm matematikament xejn m'għadu deċiż, Hibs kellhom l-isfortuna li jispiċċaw fir-Relegation Pool għaliex fl-ewwel fażi tal-kampjonat spiċċaw punt taħt Hamrun Spartans. Kundanna wisq kiefra, format ta' kampjonat li ħadd ma jaqbel miegħu, format ta' kampjonat li suppost jittrasforma l-Premier f'wieħed eċċitanti.



PREMIER



# Punt kull wieħed f'logħba maqsuma

**Floriana v Hamrun Spartans 1-1**

F'logħba miċ-Championship Pool, Floriana u Hamrun qasmu l-punti biex b'hekk annullaw aktar lil xulxin mit-taqtiegha għall-ewwel tliet postijiet. Wara li Floriana marru fil-vantaġġ b'goal sabiħ skurjat mill-plejer Serb, Darko Krsteski, kienu Hamrun li wieġbu tajjeb u meritatament irnexxielhom iġibu l-goal tad-draw. Meritatament għaliex Hamrun tkeċċielhom Roderick Fenech mal-ftuħ tat-tieni taqsima.

PREMIER

**Birkirkara v Valletta 1-1**

# Monesterolo jsalva lil Valletta fl-aħħar sekondi »

PREMIER





Bir-rebħa kontra Sliema Wanderers, Birkirkara saħħew it-tamiet tagħhom għal post fost l-ewwel tlieta. Għaldaqstant il-Karkariżi niżlu għal din il-logħba f'forma tajba u kif kien mistenni offrew wirja oħra mpekkabbli din id-darba kontra Valletta. B'dan ir-riżultat Valletta tilfu wkoll ras il-klassifika u dan ma jawgura xejn tajjeb meta wieħed iqis li l-konfront ta' wara dan huwa kontra l-ġirien u r-rivali eterni Floriana. L-aktar li gawdew kienu Marsaxlokk li jittamaw li Floriana jkomplu fuq il-passi ta' Birkirkara u jirnexxielhom jisirqu l-punti lil Valletta. Żgur li Floriana jkunu kuntenti jaqdu lix-Xlukkajri, iżda tgħid ikun Monesterolo li jerġa' jħassar il-festi hekk kif għamel fil-ħin barrani kontra Birkirkara?

PREMIER



# Marsaxlokk fil-lista tal-vittmi ta' Birkirkara

## Birkirkara v Marsaxlokk 2-1

Wara l-wirjiet inkoraġġanti kontra Sliema u Valletta, Birkirkara komplew fejn ħallew u bi sforz kollettiv għelbu lic-Champions renjanti Marsaxlokk. Il-goal tar-rebħa wasal fl-aħħar minuti tal-logħba minn Jean-Pierre Mifsud Triganza, liema goal tefa' f'dellirju ta' ferħ lill-Karkariżi preżenti f'Ta' Qali. Id-diżappunt ta' Marsaxlokk kien kbir, speċjalment wara li Valletta irnexxielhom jerġgħu jaqbżu fl-ewwel post tal-klassifika. Minn din il-ġimgħa d-differenza minn ġimgħat oħrajn hi li flimkien mat-timijiet li qegħdin jissieltu għar-rebħ tal-kampjonat issa insibu wkoll lil Birkirkara li sa ftit ġimgħat ilu kienu għadhom jissieltu għal post ma' l-ewwel sitta. Fir-rigward tal-logħba, Marsaxlokk kienu ferm deludenti u l-wirja tagħhom ma laħqux il-livell mixtieq mix-Xlukkajri. Fl-attakk Alcorse u Madzar kienu wisq iżolati u fit-tieni taqsima għajr għal okkażjoni waħda, Omar Borg ma kienx fl-azzjoni. Issa li l-ġlieda spiċċat bejn erbgħa, mistenni jkun Brian Talbot li jerġa' joħroġ rebbieħ jew se jkun l-ewwel wieħed għal Pawlu Zammit? Tgħid jasal qabilhom Stephen Azzopardi jew jista' joħloq sorpriża John Buttigieg?



# Goal ta' Temile biżżejjed għal Valletta

## Valletta v Floriana 1-0

Frank Temile għola tajjeb u b'daqqa ta' ras sabiħa għeleb lil Simon Agius fil-lasti ta' Floriana. Id-differenza bejn il-logħob taż-żewġ timijiet kien biss il-goal ta' Frank Temile, skurjat eżatt qabel tmiem l-ewwel taqsima fid-derby ta' bejn is-swar. Valletta li kienu ġejjin mid-draw kontra Birkirkara, kienu għatxana li jerġgħu jakkwistaw ras il-klassifika wara li Marsaxlokk ma rnexxilhomx jakkwistaw it-tliet punti fil-logħba ta' qabel. Il-logħba qatt m'offriet logħob spettakolari, b'Valletta jkunu xi ftit aktar avventuriżi mill-avversarji tagħhom u b'Floriana jistennew u joħorġu bil-kontra-attakk. Valletta kienu nieqsa minn dik il-ħeffa li s-soltu naraw fl-attakk tagħhom, fil-fatt il-goal uniku li rebbaħhom it-tliet punti wasal minn azzjoni ta' free-kick. Għal Floriana telfa oħra li tħallihom fl-aħħar post taċ-Championship Pool, bl-istess punti daqs Hamrun Spartans, telfa li tweġġa' kontra r-rivali Valletta, telfa li turi biċ-ċar l-inferjorità tal-ħodor fid-dipartiment ta' quddiem – attakk mingħajr attakkanti puri!



# Dingli, Floriana, Hamrun u Valletta



# fil-Kwarti-Finali

**Mqabba v Dingli Swallows 0-1**

**Floriana v Senglea Athletic 3-2 aet**

**Hamrun Spartans v Pieta' Hotspurs 1-0**

**Valletta v Tarxien Rainbows 5-0**





L-akbar sorpriża waslet minn Dingli Swallows meta b'goal ta' Chris Ciappara għelbu lit-team mill-Premier ta' Mqabba. Kienet logħba bilanċjata fejn it-team ta' Jesmond Zammit ħareġ rebbieħ wara wirja tajba u b'hekk it-team ta' Dingli huwa l-uniku team mill-Kampjonat ta' l-Ewwel Diviżjoni li se jkun fost it-tmien timijiet fil-Kwarti-Finali ta' din il-kompetizzjoni. Minbarra Dingli, Senglea Athletic ukoll għoddhom wettqu sorpriża meta kienu biss megħluba minn Floriana fl-aħħar tal-ħin barrani. Hamrun ukoll kellhom ibatu mhux ftit biex jegħlbu lir-rivali sportivi tagħhom, Pietà Hotspurs, b'goal jasal minn xutt sabiħ ta' Meilak li ħabat mal-lasti qabel spiċċa fix-xibka. Għalkemm kienet logħba kwieta, ir-riżultat baqa' nċert sa l-aħħar. F'logħba korretta, Valletta serrħu rashom kmieni biex il-logħba kontra Tarxien Rainbows kienet waħda bla storja, fejn il-Beltin irnexxielhom jieħdu dak li riedu u ma ħallewx lir-Rainbows ikunu perikolużi quddiem il-lasti ta' Saviour Darmanin. Għaldaqstant it-timijiet fl-urna tal-Kwarti-Finali huma Dingli Swallows, Floriana, Hamrun Spartans, Valletta, Hibernians, Birkirkara, Sliema Wanderers u Marsaxlokk.


€100
DISCOUNT
on a laptop or PC
• 2 years warranty on parts
• 5 years warranty on labour
• Free Windows Vista
• Free Course in Windows Vista
• Free Internet Course
vodafone
Fast and easier internet at home
Starting from €13.86/(Lm5.95) per month with:
• 2 Megabits speed
• 12 GB download limit per month
• Free Installation
• Free Activation with no hidden line rental costs
For more information visit our website or call 247 from your Vodafone or 9900 0247 from any other network.
https://internet.vodafone.com.mt | customerservice.malta@vodafone.com
Life is now
Service requires mains power supply. Other Vodafone Internet offers are available from these Vodafone Retail Outlets: B'Kara, Paola, St. Paul's Bay, Valletta, Gozo. Other terms and conditions may apply.
Windows Vista
Home Premium

# Min qed jiskorja

**318 goals – 100 skorers**

15 Omar Sebastian Monesterolo (Valletta)

11 Marcelo Perreira (Mqabba)

8 Ryan Darmanin (Floriana); Alfred Effiong, Gaetan Spiteri (Hamrun S.); Julio Alcorse (Hibernians 4+Marsaxlokk 4); Aleksandar Madzar (Marsaxlokk 4 + Sliema W. 4); Njongo Priso (Msida SJ); Ivan Woods (Sliema W.); Ian Zammit (Valletta)

7 Terence Scerri (Hibernians); Malcolm Licari (Marsaxlokk); Pedro Dos Santos Calcado (Msida SJ)

6 Jean Pierre Mifsud Triganza (Birkirkara); Stefan Sultana (Hamrun S.); Mark Barbara (Marsaxlokk), Etienne Barbara (Sliema W.); Frank Temile (Valletta)

5 Alan Tabone (Birkirkara); Andrew Cohen (Hibernians); Adrian Mifsud (Hibernians 2+Floriana 3); Cleavon Frendo (Marsaxlokk); Edward Herrera, Martin Deanov (Pietà H.)

4 Shaun Bajada, Michael Galea, Ronni Hartvig, Amed Davy Sylla (Birkirkara), Darko Krsteski, Manolito Micallef (Floriana); Kevin Sammut (Marsaxlokk); Adrian Farrugia, Tyrone Farrugia (Msida SJ); Svetlan Kondev (Pieta H.)

3 Yala Bolasie, Christian Caruana, Trevor Cilia (Floriana); Edmond Agius (Hibernians); Brian Said (Sliema W.); Heiner Backhaus, Stefan Giglio (Valletta).

2 Mauro Brincat, Christian Cassar (Floriana); Roderick Fenech, Ryan Fenech, Rupert Mangion (Hamrun S.); Pablo Doffo, Andre Rocha Da Silva (Hibernians 1+Marsaxlokk 1); Wendell Gomes. Jamie Pace (Marsaxlokk); Fabio Silva, Dylan Zarb (Mqabba); Patrick Borg (Msida S.J.); Quilin Refalo (Pietà H.); Orosco Anonam, Roderick Bajada, Matthew Bartolo, Roderick Briffa, Alex Muscat (Sliema W.); Gilbert Agius, David Camilleri, Josef Mifsud, Kenneth Scicluna (Valletta)

1 Thomas Paris, Marceline Tamboulas, Emil Yantchev (Birkirkara); Mario Caruana, Zoran Levnajic, Emanuel Sevasta (Floriana); Evano Briffa, Diego Armando Cucciardi, Branislav Timotic (Hamrun S.); Ben Camilleri, Ndubisi Chukunyere, Clayton Failla, Edafe Uzeh(Hibernians); Peter Pullicino, Gareth Sciberras, Trevor Templeman (Marsaxlokk); Mauro Bonnici, Clifford Gatt Baldacchino (Mqabba); Roderick Baldacchino, Gilberto Dos Santos, Glenn Magri, Goerge Ogbonna (Msida SJ); Peicho Deliminkov, Rumen Galabov, Glanville Goodlip, Carl Pulo (Pietà H.); Nesko Milovanovic, Noel Turner (Sliema W.); Jonathan Bondin, Claude Mattocks (Valletta)

**Auto-goals**

5 Patrick Borg (Msida SJ v Marsaxlokk – 19.12.07); Kenneth Scicluna (Valletta v Hamrun S. – 19.01.08); Mauro Bonnici (Mqabba v Sliema W. – 20.01.08); Roderick Fenech (Hamrun S. v Birkirkara – 09.02.08); Bernard Sciberras (Pietà H. v Sliema W. – 16.02.08)

# Klassifika

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Championship Pool** | | | | | | | |
| Valletta | 21 | 12 | 7 | 2 | 46 | 18 | 25 |
| Marsaxlokk | 21 | 12 | 3 | 6 | 42 | 31 | 23 |
| Birkirkara | 21 | 9 | 7 | 5 | 33 | 21 | 21 |
| Sliema W. | 21 | 10 | 5 | 6 | 36 | 25 | 19 |
| Floriana | 21 | 8 | 5 | 8 | 35 | 32 | 15 |
| Hamrun S. | 21 | 7 | 7 | 7 | 32 | 36 | 15 |
| **Relegation Pool** | | | | | | | |
| Hibernians | 19 | 7 | 7 | 5 | 25 | 19 | 16 |
| Msida SJ | 20 | 7 | 3 | 10 | 29 | 40 | 14 |
| Pietà H. | 19 | 5 | 0 | 14 | 21 | 42 | 8 |
| Mqabba | 20 | 3 | 0 | 17 | 19 | 54 | 6 |

# Logħob li jmiss

**Is-Sibt 29 ta' Marzu**
**(National Stadium)**
**Championship Pool**
Marsaxlokk v Hamrun S.
Sliema W. v Valletta

**Il-Ħadd 30 ta' Marzu**
**(National Stadium)**
**Relegation Pool**
Pietà H. v Hibernians
**Championship Pool**
Floriana v Birkirkara

**Is-Sibt 5 t'April**
**(National Stadium)**
**Championship Pool**
Birkirkara v Hamrun S.
Sliema W. v Floriana

**Il-Ħadd 6 t'April**
**(National Stadium)**
**Relegation Pool**
Hibernians v Mqabba
**Championship Pool**
Valletta v Marsaxlokk

**Is-Sibt 19 t'April**
**(National Stadium)**
**Championship Pool**
Birkirkara v Sliema W.
Hamrun S. v Valletta

**Il-Ħadd 20 t'April**
**(National Stadium)**
**Relegation Pool**
Msida S.J. v Pietà H.
**Championship Pool**
Marsaxlokk v Floriana

**Is-Sibt 26 t'April**
**(National Stadium)**
**Relegation Pool**
Msida S.J. v Hibernians
**Championship Pool**
Birkirkara v Valletta

**Il-Ħadd 27 t'April**
**(National Stadium)**
**Championship Pool**
Hamrun S. v Floriana
Sliema W. v Marsaxlokk

**Is-Sibt 3 ta' Mejju**
**(National Stadium)**
**Relegation Pool**
Pietà H. v Mqabba
**Championship Pool**
Marsaxlokk v Birkirkara

**Il-Ħadd 4 ta' Mejju**
**(National Stadium)**
**Championship Pool**
Sliema W. v Hamrun S.
Floriana v Valletta

**Il-Ħamis 8 ta' Mejju**
**(National Stadium)**
**Relegation Pool**
Mqabba v Msida S.J.
**Championship Pool**
Birkirkara v Floriana

**Il-Ġimgħa 9 ta' Mejju**
**(National Stadium)**
**Relegation Pool**
Hibernians v Pietà H.
**Championship Pool**
Hamrun S. v Marsaxlokk

**Is-Sibt 10 ta' Mejju**
**(National Stadium)**
**Championship Pool**
Valletta v Sliema W.

**It-Tlieta 13 ta' Mejju**
**(National Stadium)**
**Relegation Pool**
Mqabba v Hibernians
**Championship Pool**
Hamrun S. v Birkirkara

**Il-Ħamis 15 ta' Mejju**
**(National Stadium)**
**Relegation Pool**
Pietà H. v Msida S.J.
**Championship Pool**
Floriana v Sliema W.

**Il-Ġimgħa 16 ta' Mejju**
**(National Stadium)**
**Championship Pool**
Marsaxlokk v Valletta

stephengatt.com
FREELANCE SPORTS PHOTOGRAPHER

# Goals li ġew skurjati

| No. | Data | Player | Team | | Opponents | Rd | Min | Riżultat | Stadium |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 280 | 12.03.08 | MARCELO PEREIRA | MQABBA | v | Pieta H. | RP | 65 pen | 1-0 | National Stadium |
| 281 | 12.03.08 | MARCELO PEREIRA | MQABBA | v | Pieta H. | RP | 77 min | 2-0 | National Stadium |
| 282 | 12.03.08 | TREVOR CILIA | FLORIANA | v | Marsaxlokk | CP | 6 min | 1-0 | National Stadium |
| 283 | 12.03.08 | ALEKSANDER MADZAR | MARSAXLOKK | v | Floriana | CP | 10 min | 1-1 | National Stadium |
| 284 | 12.03.08 | ALEKSANDER MADZAR | MARSAXLOKK | v | Floriana | CP | 84 min | 2-1 | National Stadium |
| 285 | 13.03.08 | AMED DAVY SYLLA | BIRKIRKARA | v | Sliema W. | CP | 12 min | 1-0 | National Stadium |
| 286 | 13.03.08 | AMED DAVY SYLLA | BIRKIRKARA | v | Sliema W. | CP | 27 min | 2-0 | National Stadium |
| 287 | 13.03.08 | IVAN WOODS | SLIEMA W. | v | Birkirkara | CP | 47 min | 1-2 | National Stadium |
| 288 | 13.03.08 | JEAN PIERRE MIFSUD TRIGANZA | BIRKIRKARA | v | Sliema W. | CP | 89 min | 3-1 | National Stadium |
| 289 | 13.03.08 | ALFRED EFFIONG | HAMRUN S. | v | Valletta | CP | 3 min | 1-0 | National Stadium |
| 290 | 13.03.08 | FRANK TEMILE | VALLETTA | v | Hamurn S. | CP | 8 min | 1-1 | National Stadium |
| 291 | 13.03.08 | OMAR SEBASTIAN MONESTEROLO | VALLETTA | v | Hamurn S. | CP | 23 min | 2-1 | National Stadium |
| 292 | 13.03.08 | JOSEF MIFSUD | VALLETTA | v | Hamurn S. | CP | 47 min | 3-1 | National Stadium |
| 293 | 13.03.08 | FRANK TEMILE | VALLETTA | v | Hamurn S. | CP | 80 min | 4-1 | National Stadium |
| 294 | 16.03.08 | PABLO DOFFO | HIBERNIANS | v | Msida SJ | RP | 29 min | 1-0 | Hibs Ground |
| 295 | 16.03.08 | BEN CAMILLERI | HIBERNIANS | v | Msida SJ | RP | 37 min | 2-0 | Hibs Ground |
| 296 | 16.03.08 | TERENCE SCERRI | HIBERNIANS | v | Msida SJ | RP | 74 min | 3-0 | Hibs Ground |
| 297 | 16.03.08 | ALEKSANDER MADZAR | MARSAXLOKK | v | Sliema W. | CP | 5 min | 1-0 | Hibs Ground |
| 298 | 16.03.08 | ALEKSANDER MADZAR | MARSAXLOKK | v | Sliema W. | CP | 45 min | 2-0 | Hibs Ground |
| 299 | 16.03.08 | JULIO ALCORSE | MARSAXLOKK | v | Sliema W. | CP | 59 min | 3-0 | Hibs Ground |
| 300 | 16.03.08 | ALEX MUSCAT | SLIEMA W. | v | Marsaxlokk | CP | 72 min | 1-3 | Hibs Ground |
| 301 | 16.03.08 | IVAN WOODS | SLIEMA W. | v | Marsaxlokk | CP | 77 min | 2-3 | Hibs Ground |
| 302 | 16.03.08 | JULIO ALCORSE | MARSAXLOKK | v | Marsaxlokk | CP | 84 min | 4-2 | Hibs Ground |
| 303 | 17.03.08 | DARKO KRSTESKI | FLORIANA | v | Hamurn S. | CP | 21 min | 1-0 | National Stadium |
| 304 | 17.03.08 | ALFRED EFFIONG | HAMRUN S. | v | Floriana | CP | 74 min | 1-1 | National Stadium |
| 305 | 17.03.08 | SHAUN BAJADA | BIRKIRKARA | v | Valletta | CP | 7 min | 1-0 | National Stadium |
| 306 | 17.03.08 | OMAR SEBASTIAN MONESTEROLO | VALLETTA | v | Birkirkara | CP | 91 min | 1-1 | National Stadium |
| 307 | 22.03.08 | TYRONE FARRUGIA | MSIDA SJ | v | Mqabba | RP | 9 min | 1-0 | Hibs Ground |
| 308 | 22.03.08 | TYRONE FARRUGIA | MSIDA SJ | v | Mqabba | RP | 15 min | 2-0 | Hibs Ground |
| 309 | 22.03.08 | PEDRO DOS SANTOS CALCADO | MSIDA SJ | v | Mqabba | RP | 24 min | 3-0 | Hibs Ground |
| 310 | 22.03.08 | MARCELO PEREIRA | MQABBA | v | Msida SJ | RP | 38 pen | 1-3 | Hibs Ground |
| 311 | 22.03.08 | PEDRO DOS SANTOS CALCADO | MSIDA SJ | v | Mqabba | RP | 77 min | 4-1 | Hibs Ground |
| 312 | 22.03.08 | MARCELO PEREIRA | MQABBA | v | Msida SJ | RP | 89 min | 2-4 | Hibs Ground |
| 313 | 22.03.08 | MATTHEW BARTOLO | SLIEMA W. | v | Hamurn S. | CP | 79 min | 1-0 | Hibs Ground |
| 314 | 22.03.08 | RODERICK BAJADA | SLIEMA W. | v | Hamurn S. | CP | 85 min | 2-0 | Hibs Ground |
| 315 | 23.03.08 | CLEAVON FRENDO | MARSAXLOKK | v | Birkirkara | CP | 44 min | 1-0 | National Stadium |
| 316 | 23.03.08 | ALAN TABONE | BIRKIRKARA | v | Marsaxlokk | CP | 72 pen | 1-1 | National Stadium |
| 317 | 23.03.08 | JEAN PIERRE MIFSUD TRIGANZA | BIRKIRKARA | v | Marsaxlokk | CP | 89 min | 2-1 | National Stadium |
| 318 | 23.03.08 | FRANK TEMILE | VALLETTA | v | Floriana | CP | 45 min | 1-0 | National Stadium |



BOV 1st Div. League
BOV Bank of Valletta your Success, our Goal

# KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Tarxien R. | 13 | 8 | 3 | 2 | 23 | 14 | 27 |
| Mosta | 12 | 8 | 2 | 2 | 20 | 10 | 26 |
| Qormi | 12 | 7 | 2 | 3 | 24 | 17 | 23 |
| Senglea A. | 12 | 7 | 1 | 4 | 21 | 10 | 22 |
| Dingli S. | 13 | 6 | 2 | 5 | 19 | 17 | 20 |
| St. Georges | 13 | 6 | 1 | 6 | 19 | 19 | 19 |
| Vittoriosa S. | 13 | 5 | 1 | 7 | 18 | 19 | 16 |
| St. Patrick | 13 | 2 | 3 | 8 | 11 | 18 | 9 |
| Mellieha | 13 | 2 | 3 | 8 | 16 | 31 | 9 |
| Marsa | 12 | 3 | 0 | 9 | 16 | 32 | 9 |

Meta fadal ftit aktar minn kwart tal-kampjonat x'jintlagħab, l-affarijiet qegħdin jieħdu l-forma kemm fin-naħa ta' fuq u kif ukoll fin-naħa t'isfel tal-klassifika. Il-ġlieda għall-promozzjoni miftuħa bejn tlieta, Tarxien Rainbows, Mosta u Qormi. It-tliet timijiet kienu protagonisti sa minn Ottubru, fil-fatt Tarxien u Mosta mill-ewwel ikkonfermaw il-potenzjal tagħhom, b'Qormi jkunu dejjem viċin tagħhom. Minbarra dawn Senglea wkoll kienu viċin tagħhom, iżda issa jidher li se jinqatgħu lura u dan wara li qegħdin ifallu l-logħbiet dretti kollha u għaldaqstant qegħdin jitilfu punti mportanti.

It-tliet coaches, Noel Coleiro, Michael Molzahn u Jesmond Zerafa mistennija jkollhom għadma iebsa biex fl-aħħar ikun eliminat wieħed minnhom. Kull punt jgħodd, kull deċiżjoni tajba jew ħażina tista' issarraf f'punti, ix-xogħol kollu ta' kampjonat sħiħ. Għal Mosta l-promozzjoni tfisser ritorn wara nuqqas ta' sentejn, filwaqt li għal Tarxien Rainbows u Qormi l-għatx għall-promozzjoni huwa ħafna akbar għaliex ilhom żmien ma jkunu minn fost l-aqwa timijiet f'pajjiżna. Minn fuq nibdew it-triq lejn nofs il-klassifika fejn insibu tliet timijiet ixxamplati. Kemm Dingli Swallows, St. George' s u kif ukoll Vittoriosa Stars jinsabu f'pożizzjoni kwieta u moħħhom mistrieħ mir-relegazzjoni. Wara kollox ħaqqhom din il-pożizzjoni komda għaliex it-tliet timijiet huma aħjar minn dawk li jinsabu warajhom. L-aktar team sorprendenti fosthom huwa bla dubju dak ta' Dingli Swallows. It-team ta' Jesmond Zammit irnexxielu jserraħ rasu u joħroġ miż-żona l-ħamra tal-klassifika ħafna qabel tmiem il-kampjonat u għal team li għadu kif kiseb il-promozzjoni dan huwa fattur determinanti li juri kemm ix-xogħol sar tajjeb.

U jekk Dingli ssorprendew fil-pożittiv. Marsa u St.Patrick issorprendew fin-negattiv. Issa li wasalna fl-aħħar ftit huwa fiċ-ċert li wieħed minn dawn iż-żewġ timijiet, jekk mhux it-tnejn, fi staġun ieħor se narawhom jikkompetu fil-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni. Fl-aħħarnett, Mellieha, team promoss matul l-istaġun li għadda u mmexxi mill-coach Ilir Pelinku. Għalkemm kull logħba jinżlu determinati li jakkwistaw punti mportanti, għandhom skwadra ta' livell inqas minn dik ta' timijiet oħra u għaldaqstant mistennija tkun ferm diffiċli li staġun ieħor nerġgħu narawhom fl-istess diviżjoni.

I DIVIŻJONI

# Dingli Swallows idawru telfa f'rebħa



## Vittoriosa Stars v Dingli Swallows 1-3

Dingli Swallows tbiegħdu aktar miż-żona l-ħamra tar-relegazzjoni wara li dawru telfa f'rebħa biex għelbu lil Vittoriosa Stars bl-iskor ta' 3-1. Din ir-rebħa kienet waħda mill-aktar importanti għal Dingli fejn issa naqset xi ftit il-pressjoni minn fuqhom hekk kif telgħu jokkupaw post f'nofs il-klassifika, 'il bogħod mill-periklu tar-relegazzjoni. Matul l-ewwel taqsima, din il-logħba kienet waħda bilanċjata fejn iż-żewġ timijiet daħlu jistrieħu b'goal fuq kull naħa. Iżda wara l-mistrieħ kienu Dingli li urew l-aħjar logħob biex meritatament ħarġu rebbieħa u xeħtu lit-team ta' Birgu f'baħar ta' nkwiet għall-għarqa għat-Tieni Diviżjoni.

I DIVIŻJONI

# Tarxien Rainbows ikabbru l-vantaġġ

## Tarxien Rainbows v Mellieha 3-0

Il-leaders, Tarxien Rainbows, komplew ikabbru l-vantaġġ f'ras il-klassifika għal erba' punti mill-eqreb rivali tagħhom, Mosta, b'rebħa ta' 3-0 fuq Mellieha li min-naħa tagħhom baqgħu jokkupaw l-aħħar post flimkien ma' St. Patrick u Marsa. F'dan il-konfront, ir-Rainbows iddominaw mill-bidu sa l-aħħar fejn għalqu l-logħba fl-ewwel taqsima b'goals ta' Angus Buhagiar, Luke Vella Critien u Jean Paul Muscat u minkejja li naqqsu r-ritmu wara l-mistrieħ xorta waħda kienu l-aħjar team u qatt ma dehru f'periklu li b'xi mod jistgħu jitilfu xi punti minn din il-partita. L-anqas meta tkeċċa Critien, fit-72 minuta, għal żewġ karti sofor.



I DIVIŻJONI

# Mosta jsaħħu t-tieni post

## St. Patrick v Mosta 0-1

Mosta komplew iżommu t-tamiet tagħhom ħajjin għall-promozzjoni għall-Kampjonat Premier billi saħħew it-tieni post b'rebħa ta' 1-0 fuq St. Patrick li baqgħu fl-aħħar post flimkien ma' Mellieha u Marsa rispettivament. Il-goal importanti wasal fid-59 minuta wara li l-ewwel taqsima kienet waħda bilanċjata. Iż-Żabbarin għamlu reazzjoni immedjata iżda ma setgħux jinfdu d-difiża avversarja. L-affarijiet għalihom komplew ġejjin ħażin meta 11-il minuta mit-tmiem tkeċċa Matthew Xerri għal żewġ karti sofor.




I DIVIŻJONI




# Marsa f'pożizzjoni mwegħra

## Marsa v St. George's 1-3

St. George's irritornaw għar-rebħ wara sensiela ta' tliet telfiet meta għelbu lil Marsa bl-iskor ta' 3-1 biex dawn ta' l-aħħar baqgħu ankrati f'qiegħ il-klassifika. B'din ir-rebħa t-team Bormliż inqala' miż-żona l-ħamra tar-relegazzjoni. Marsa taw l-impressjoni li se jkunu sfida denja iżda tliet goals fi spazju ta' kwarta lejn tmiem l-ewwel taqsima temmewlhom kull tama li jistgħu b'xi mod isalvaw il-partita.



# Qormi jżommu t-tamiet ħajjin

**Senglea Athletic v Qormi 1-3**

Qormi telgħu fit-tielet post tal-klassifika b'rebħa tajba ta' 3-1 fuq Senglea Athletic li min-naħa tagħhom tilfu ċans tad-deheb li jkunu huma li jitilgħu fit-tielet post. Wara bidu tajjeb Senglean li fih fetħu l-iskor, Qormi irriorganizzaw tant tajjeb li kisbu d-draw wara biss ftit minuti biex imbagħad rebħu l-inizjattiva bil-konsegwenza li skurjaw żewġ goals oħra mingħajr risposta.



# Vittoriosa jiksbu rebħa kbira

**Mellieha v Vittoriosa Stars 3-6**




Vittoriosa Stars kisbu rebħa kbira meta għelbu lil Mellieħa bl-iskor ta' 6-3. Filwaqt li Mellieha jibqgħu fil-periklu tar-relegazzjoni, meta jinsabu fl-aħħar post flimkien ma' St. Patrick u Marsa, Vittoriosa telgħu fis-sitt post tal-klassifika u jinsabu komdi 'l bogħod mill-periklu tal-waqgħa. Bla dubju, l-eroj tat-team ta' Birgu kien l-attakkant Niġerjan, Anthony Eviparker, li skorja erba' goals u kien ukoll involut fis-sitt wieħed skurjat mis-sostitut Leighton Grech.

I DIVIŻJONI

# Il-leaders Tarxien Rainbows megħluba




## St. George's v Tarxien Rainbows 2-0

Tarxien Rainbows sofrew it-tieni telfa ta' l-istaġun meta sfaw megħluba minn St. George' s bl-iskor ta' 2-0 biex ma rnexxielhomx isaħħu posthom fil-quċċata tal-klassifika fejn issa l-għeda għall-promozzjoni reġgħet infetħet beraħ. Matul din il-partita, St. George's urew l-aħjar logħob u kien jimmeritahom li joħorġu bit-tliet punti. Huma skurjaw goal f'kull taqsima minn Peter Anizoba u Glenn Barry bir-Rainbows jonqsu milli jagħmlu reazzjoni biex jippruvaw jidħlu fil-partita biex il-Bormliżi setgħu jikkontrollaw u jamministraw il-partita għajr xi attakk iżolat mit-team immexxi minn Noel Coleiro.

I DIVIŻJONI

# Dingli Swallows paxxuti f'nofs il-klassifika

## Dingli Swallows v St. Patrick 2-0




Dingli Swallows irreġistraw rebħa mportanti bl-iskor ta' 2-0 fuq St. Patrick biex issa jinsabu paxxuti f'nofs il-klassifika, 'il bogħod mill-periklu tar-relegazzjoni. Mhux l-istess jista' jingħad għat-team Żabbari li baqa' f'qiegħ il-klassifika wara li sofra t-tmien telfa ta' l-istaġun minn 13-il partita. Għalkemm kienu St. Patrick li ħarġu l-aħjar, Dingli dawru kollox favur tagħhom wara nofs siegħa logħob meta fetħu l-iskor minn Jeremy Agius biex minn hemm qatt ma ħarsu lura u qatt ma dehru f'pożizzjoni li b'xi mod jistgħu jitilfu xi punti minn dan il-konfront. Kien fl-aħħar mumenti li Haruna Doda laqat il-lasti għal St. Patrick.

BOV 2nd Div. League
BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal

# KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan Y. | 17 | 12 | 1 | 4 | 43 | 21 | 37 |
| Rabat A. | 17 | 11 | 3 | 3 | 25 | 8 | 36 |
| Melita | 17 | 11 | 2 | 4 | 31 | 15 | 35 |
| San Gwann | 17 | 9 | 5 | 3 | 33 | 19 | 32 |
| Birzebbuga SP | 17 | 9 | 2 | 6 | 29 | 23 | 29 |
| St. Venera L. | 17 | 7 | 3 | 7 | 20 | 26 | 24 |
| Lija A. | 17 | 7 | 2 | 8 | 20 | 22 | 23 |
| Naxxar L. | 17 | 6 | 1 | 10 | 10 | 23 | 19 |
| Zurrieq | 17 | 4 | 5 | 8 | 18 | 23 | 17 |
| St. Andrews | 17 | 4 | 5 | 8 | 11 | 17 | 17 |
| Mgarr U. | 17 | 3 | 6 | 8 | 14 | 24 | 15 |
| Sirens | 17 | 0 | 3 | 14 | 7 | 40 | 3 |

Meta kull team fadallu ħames logħbiet x'jilgħab għal tmiem il-kampjonat, it-taqtiegħa għall-promozzjoni u kif ukoll dik għas-salvazzjoni għadhom miftuħin beraħ. Wara li fl-aħħar ta' Frar it-team ta' Balzan Youths falla diversi punti, il-Kampjonat kien reġa' infetaħ beraħ.

Għaldaqstant matul Marzu kellna ġlieda kontinwa bejn l-erba' timijiet li qegħdin jaspiraw li matul l-istaġun li ġej jilagħbu fil-kampjonat ta' l-Ewwel Diviżjoni. San Gwann dehru li se jkunu l-akbar favoriti u dan għaliex il-programm tal-logħob kien jiffavurihom xi ftit, iżda wara t-telfa kontra Birżebbuġa, is-Saints iridu jistennew minn ħaddieħor biex ikunu jafu d-destin tagħhom.

Min-naħa l-oħra wara t-telfa ta' San Gwann u d-draw bejn Rabat Ajax u Melita, Balzan Youths reġgħu akkwistaw ras il-klassifika u jidher li t-team ta' Alfred Attard huwa deċiż li ma jerġax jitlef dan il-post. Eżatt wara l-Youths fil-klassifika insibu t-timijiet ta' Rabat u Melita. Il-Magpies żammew ma' l-aspettattivi tal-bidu, minn Settembru l-ambizzjoni prinċipali tagħhom kienet il-promozzjoni.

Mill-banda l-oħra Melita kienu sorpriża għaliex ħadd ma basar li l-Amateurs kienu se jkunu daqshekk konsistenti fil-logħob tagħhom sa l-aħħar ta' l-istaġun. Kollox għadu miftuħ!

U bħal fuq quddiem fuq wara wkoll. Sirens mistennija jsellmu l-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni wara biss staġun wieħed, iżda min se jkun dak it-team li jispiċċa magħhom fit-Tielet Diviżjoni? L-isfida miftuħa. Mgarr iridu jirkupraw ħafna aktar minn Zurrieq u St.Andrew' s għaliex jinsabu żewġ punti taħthom fil-klassifika.

Fil-ġlieda fadal ukoll Naxxar Lions, li għalkemm erba' punti fuq l-istess Mgarr, il-Lions iridu joqogħdu attenti li ma jitilfux konfronti diretti li jistgħu jiswewhom doppju. Irridu nistennew u naraw, issa li kull karta safra u ħamra tgħodd, kull team fil-ġlieda rispettiva ma jistax jaffordja telf ta' punti minħabba nuqqasijiet varji.

## II DIVIŻJONI

# Wara Rabat u San Gwann, Luxol jegħlbu wkoll lil Balzan



### Balzan Youths v St. Andrew's 0-1

St.Andrew' s wettqu sorpriża u wara li fl-ewwel round għelbu lir-Rabat Ajax u lil San Gwann, issa kienu Balzan Youths li ċedew il-punti kollha lit-team ta' Billy Mock. Il-Vjola offrew wirja tajba ħafna, fejn għalihom reġa' spikka l-veteran Alex Busuttil li flimkien ma' Anthony Galea, l-awtur tal-goal ta' Luxol, ħolqu periklu kontinwu lill-avversarji tagħhom. Telfa xejn mistennija għal Balzan Youths, b'żewġ players imkeċċija u bil-kampjonat jerġa' jinfetaħ beraħ.




# Balzan jirritornaw għar-rebħ

## Lija Athletic v Balzan Youths 0-2

Goal ta' Michael Abdilla kien biżżejjed għaż-Żrieraq biex jegħlbu lil Naxxar Lions u jieħdu nifs ġdid fit-taqtiegħa fil-qiegħ tal-klassifika. Naxxar li għadhom f'pożizzjoni kerha iridu jitħabtu mhux ftit biex jakkwistaw dawk il-punti li jassigurawhom minn post fit-Tieni Diviżjoni, staġun ieħor. L-istess Zurrieq, għalkemm akkwistaw it-tliet punti li bihom laħqu lil St.Andrews u qabżu lil Mgarr fil-klassifika, xejn m'għadu deċiż u kull team irid jakkwista punti mportanti kontra l-kbar biex isalva mir-relegazzjoni.

# Is-Saints jagħlquha fl-ewwel taqsima

## St. Venera Lightnings v San Gwann 2-4

San Gwann għalqu l-isfida tagħhom kontra St.Venera matul l-ewwel taqsima, fejn wara l-ewwel ħamsa u erbgħin minuta huma kienu minn fuq bl-iskor ta' 3-0 u l-iskor seta' kien akbar. Għal San Gwann din ir-rebħa fissret tamiet ġodda għall-promozzjoni, filwaqt li għat-team ta' Lolly Aquilina, din it-telfa ħalliethom f'pożizzjoni li għalkemm komda żgur mhux deċiżiva mis-salvazzjoni u għaldaqstant iridu jkomplu jiġġieldu biex jakkwistaw aktar punti fil-logħob li ġejjin.





# Żurrieq jieħdu nifs ġdid

## Żurrieq v Naxxar Lions 1-0

Goal ta' Michael Abdilla kien biżżejjed għaż-Żrieraq biex jegħlbu lil Naxxar Lions u jieħdu nifs ġdid fit-taqtiegħa fil-qiegħ tal-klassifika. Naxxar li għadhom f'pożizzjoni kerha iridu jitħabtu mhux ftit biex jakkwistaw dawk il-punti li jassigurawhom minn post fit-Tieni Diviżjoni, staġun ieħor. L-istess Zurrieq, għalkemm akkwistaw it-tliet punti li bihom laħqu lil St.Andrews u qabżu lil Mgarr fil-klassifika, xejn m'għadu deċiż u kull team irid jakkwista punti mportanti kontra l-kbar biex jeħles mir-relegazzjoni.

# Draw ġust f'logħba bilanċjata

## Melita Amateurs v Rabat Ajax 0-0

Melita kkonfermaw il-konsistenza tagħhom u baqgħu mal-grupp ta' fuq wara wirja tajba kontra Rabat Ajax. L-Amateurs ħasdu lil kulħadd matul dan l-istaġun mhux biss għaliex żammew il-pass, iżda wkoll għaliex wara li f'Jannar tilfu lill-attakkant prolifiku tagħhom Matthew Borg I, it-team immexxi minn Stephen D'Amato baqa' joffri logħob sabiħ u divertenti. Għal Rabat Ajax dan kien ċans mitluf, riżultat li l-aktar li gawdew minnu kienu Balzan u San Gwann.






# St. Venera jaqbżu lil Lija

## Lija Athletic v St. Venera Lightnings 0-2

F'konfront bejn żewġ timijiet f'nofs il-klassifika, St.Venera kienu l-aħjar team u għaldaqstant kien jimmeritahom li jieħdu l-punti massimi. Għal Lija li kienu ġejjin minn rebħa tajba fuq Mgarr, din kienet wirja medjokri u għaldaqstant iridu jirbħu aktar punti biex matematikament iserrħu rashom mir-relegazzjoni. Għal St.Venera li kienu mingħajr diversi plejers regolari, ir-rebħa fuq Lija kkonfermat l-istaġun pożittiv min-naħa tagħhom, staġun fejn introduċew diversi plejers ġodda u fejn għadhom jistgħu itellfu punti mportanti lit-timijiet li qegħdin jiġġieldu għall-promozzjoni.

KAMPJONAT 3 DIVIŻJONI

## KLASSIFIKA 3A

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zebbug R. | 13 | 10 | 3 | 0 | 29 | 7 | 33 |
| Attard | 13 | 7 | 3 | 3 | 34 | 12 | 24 |
| Mdina K. | 14 | 7 | 3 | 4 | 27 | 12 | 24 |
| Fgura U | 13 | 6 | 4 | 3 | 19 | 12 | 22 |
| Xghajra T. | 13 | 5 | 6 | 2 | 19 | 13 | 21 |
| Qrendi | 13 | 5 | 3 | 5 | 12 | 12 | 18 |
| Siggiewi | 13 | 4 | 2 | 7 | 18 | 32 | 14 |
| Zejtun C. | 13 | 3 | 3 | 7 | 18 | 25 | 12 |
| Ghaxaq | 13 | 2 | 3 | 8 | 13 | 28 | 9 |
| Mtarfa | 14 | 2 | 0 | 12 | 15 | 51 | 6 |

## KLASSIFIKA 3B

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gozo | 11 | 10 | 1 | 0 | 30 | 9 | 31 |
| Gzira U. | 11 | 7 | 1 | 3 | 25 | 10 | 22 |
| Gharghur | 12 | 6 | 3 | 3 | 24 | 15 | 21 |
| Pembroke A. | 11 | 5 | 4 | 2 | 18 | 11 | 19 |
| Gudja U. | 12 | 4 | 5 | 3 | 21 | 17 | 17 |
| Luqa SA | 12 | 3 | 3 | 6 | 12 | 24 | 12 |
| Sta. Lucia | 12 | 3 | 1 | 8 | 19 | 24 | 10 |
| Kalkara | 12 | 2 | 4 | 6 | 12 | 30 | 10 |
| Kirkop U. | 11 | 0 | 2 | 9 | 9 | 30 | 2 |

BOV 3rd Div. League
BOV
Bank of Valletta
your Success, our Goal

Il-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni kompla jikkonferma s-saħħa ta' Zebbug Rangers u Gozo. Mill-bidu deher li ż-żewġ timijiet kellhom xi ħaġa aħjar mill-kumplament ta' l-iskwadri l-oħra. Zebbug għadhom mingħajr telfa, filwaqt li t-team Għawdxi falla biss żewġ punti fid-draw kontra Kalkara. Intant jekk l-ewwel post fiż-żewġ sezzjonijiet huwa meħud, mhux l-istess jista' jingħad għall-postijiet fil-play-offs. F'Sezzjoni A, il-ġlieda hija bejn erba' timijiet, b'Attard u Mdina Knights jibdew bħala favoriti u warajhom Fgura United u Xghajra Tornadoes. F'Sezzjoni B, ukoll kollox maqsum bejn erba' timijiet. Gzira United u Għargħur huma favoriti fuq Pembroke Athleta u Gudja United, iżda fil-football kull logħba fiha storja u ħadd ma jista' jażżarda jgħid x'jista' jiġri għajr li Zebbug Rangers u Gozo mistennija jsiru Champions tas-Sezzjoni rispettiva tagħhom.

III DIVIŻJONI



# Pembroke jaħsdu lil Gzira

### Gzira United v Pembroke Athleta 1-2

Pembroke Athleta ħasdu lil Gzira u f'konfront dirett min-naħa ta' fuq tal-klassifika, kienu l-Athleta li akkwistaw it-tliet punti neċessarji biex jersqu aktar viċin l-istess Gzira fil-klassifika. B'din ir-rebħa Pembroke jinsabu viċin post fil-play-offs.

# Rebħa tajba minn Xgħajra

### Attard v Xghajra Tornadoes 0-2

Attard dabbru t-tielet telfa staġjonali kontra Xgħajra Tornadoes, meta f'logħba kumbattuta dawn ta' l-aħħar ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 2-0. Alex Azzopardi u Jovel Abela skurjaw iż-żewġ goals li ddeċidew il-logħba. Attard kien jimmerithom xi ħaġa aħjar minn din il-logħba, iżda l-pressjoni tagħhom lejn l-aħħar tal-partita sarrfet fix-xejn bit-team ta' Xgħajra jkunu solidi fid-difiża u ma jagħtu l-ebda ċans lill-avversarji.





# Fgura jkomplu bil-mixja pożittiva

## Mtarfa v Fgura United 1-5

Fgura United saħħew it-tamiet tagħhom għal post fil-play-offs b'rebħa komda fuq it-team ta' Mtarfa. Sa mill-bidu tagħha l-logħba qabdet direzzjoni waħda, bit-team ta' Fgura dejjem fuq l-offensiva u għalhekk ma kien hemm l-ebda dubju dwar fejn kienu sejrin il-punti.

# Qrendi jissorprendu

## Mdina Knights v Qrendi 0-2

Qrendi wettqu sorpriża kbira meta għelbu lil Mdina Knights, f'logħba fejn il-ħodor ta' Qrendi minn ħaddiehom jisfruttaw iċ-ċansijiet li ħolqu taħt il-lasti u spiċċaw biex rebħu konfront li fuq il-karta kien jidher improbabbli li huma setgħu jakkwistaw xi punti. Għal Mdina din it-telfa mhux mistennija waslet wara li ftit tal-jiem qabel huma tilfu wkoll kontra t-team modest ta' Fgura United. B'dawn it-telfiet Mdina ġew milħuqa minn Attard u għaldaqstant id-dwell għal post fil-play-offs mistenni jkun wieħed missielet ħafna bejn dawn iż-żewġ timijiet. Magħhom biċ-ċans hemm ukoll Fgura United u Xgħajra Tornadoes u kollox jindika li se jkollna tmiem spettakolari.





# Gozo jirritornaw għar-rebħ

## Gozo v Għargħur 3-1

Wara ż-żelqa xejn mistennija kontra Kalkara, fejn l-Għawdxin fallew l-ewwel punti tal-kampjonat, it-team ta' Gozo reġa' qabad ir-ritmu b'rebħa tajba fuq Għargħur. It-team ta' Joe Grech iddetta l-logħob sa mill-bidu u l-uniku għan kien li jirbaħ it-tliet punti. Għal Għargħur li kienu ġejjien minn żewġ riżultati pożittivi, din kienet it-tielet telfa ta' l-istaġun, telfa mistennija kontra team ferm aktar b'saħħtu.

# Gzira jirkupraw tajjeb

## Kirkop United v Gzira United 0-3

Gzira United irkupraw tajjeb wara t-telfa li ġarrbu kontra kontra Pembroke Athleta u bi skor ta' 3-0 għelbu lit-team fl-aħħar tal-klassifika ta' Kirkop United. Il-goals ta' Gzira waslu minn Tano Farrugia, Justin Felice u Aldrin Muscat. Tliet punti li jħallu lil Gzira fit-tieni post tal-klassifika ta' Sezzjoni B u favoriti li jkunu fil-play-offs għall-promozzjoni.





# St. Lucia joffru sfida denja

## Għargħur v St. Lucia 1-0

Għalkemm St Lucia offrew sfida tajba kontra Għargħur, kienu dawn ta' l-aħħar li ħarġu rebbieħa permezz ta' goal skurjat minn Jesmond Micallef matul it-tieni taqsima. B'dan ir-riżultat Għargħur baqgħu jittamaw f'post fil-play-offs, fil-fatt huma jinsabu fit-tielet post wara Gzira United u qabel Pembroke Athleta. Fl-ewwel post f'Sezzjoni 3 jibqa' t-team Għawdxi li kemm Gzira, Pembroke u l-istess Għargħur ftit joħolmu li jistgħu jitilgħu f'ras il-klassifika.

## Klassifika Kampjonat – ONVOL L-EWWEL DIVIŻJONI

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nadur Y. | 14 | 11 | 1 | 2 | 26 | 11 | 34 |
| Sannat L. | 14 | 8 | 2 | 4 | 35 | 16 | 26 |
| Victoria H. | 13 | 7 | 4 | 2 | 26 | 17 | 25 |
| Ghajnsielem | 14 | 5 | 3 | 6 | 20 | 22 | 18 |
| Qala SJ | 14 | 2 | 5 | 7 | 14 | 27 | 11 |
| Kercem A. | 14 | 2 | 4 | 8 | 16 | 28 | 10 |
| Xaghra U. | 13 | 2 | 3 | 8 | 9 | 25 | 9 |

Bħall-Kampjonati f'Malta, il-football f'Għawdex ukoll riescq lejn tmiem ta' staġun ieħor. Staġun fejn sa ftit ilu kellna taqtiegħa ħarxa għall-ewwel post fl-Ewwel Diviżjoni, iżda issa jidher li għal darb'oħra Nadur Youngsters jinsabu ferm vicin li jirbħu Kampjonat ieħor. Dan ikun l-10 Kampjonat fl-istorja tal-klabb u jaħbat f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif. F l-qiegħ l-affarijiet mhux daqstant ċari u se jkollna nistennew sa l-aħħar biex insiru nafu min se jiġi relegat għat-Tieni Diviżjoni. L-isfida miftuħa bejn tliet timijiet, Qala St.Joseph, Kercem Ajax u Xagħra United, bil-logħob tal-ġimgħat li ġejjin ikun determinanti sabiex insiru nafu liema mistenni jkun dak it-team li jispiċċa l-aħħar.







## Klassifika Kampjonat – SPRITE IT-TIENI DIVIŻJONI

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SK Victoria W. | 14 | 10 | 2 | 2 | 51 | 9 | 32 |
| Xewkija T. | 13 | 9 | 2 | 2 | 36 | 14 | 29 |
| St. Lawrence S. | 14 | 9 | 2 | 3 | 19 | 11 | 29 |
| Zebbug R. | 13 | 4 | 4 | 5 | 21 | 29 | 16 |
| Munxar F. | 13 | 1 | 6 | 6 | 10 | 23 | 9 |
| Gharb R. | 14 | 2 | 3 | 9 | 16 | 46 | 9 |
| Oratory Y. | 13 | 1 | 3 | 9 | 16 | 37 | 6 |

Fit-Tieni Diviżjoni xejn m'hu konkluż l-anqas, kemm fuq u kif ukoll isfel, il-kundanni għadhom mhux deċiżi. SK Victoria Wanderers, Xewkija Tigers u St.Lawrence Spurs jinsabu ferm viċin xulxin u l-ebda team m'hu favorit għall-promozzjoni diretta. Ġlieda interessanti ferm. Intant, l-uniku team f dan il-Kampjonat mingħajr aktar ambizzjonijiet huwa dak ta' Zebbug Rovers. Ir-Rovers jinsabu ixxamplati f'nofs klassifika, ferm 'il bogħod mill-emozzjonijiet ta' fuq u mill-problemi ta' isfel. Fl-aħħarnett, Munxar Falcons, Gharb Rangers u Oratory Youths mistennija jikkonfrontaw lil xulxin għall-konsolazzjoni li l-ebda wieħed minn dawn it-timijiet ma jrid jispiċċa fl-aħħar post tat-Tieni Diviżjoni u għalhekk ikun meqjus bħala l-aktar team dgħajjef fil-gżira Għawdxija.







## KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 13 | 12 | 1 | 0 | 89 | 5 | 37 |
| Birkirkara | 12 | 10 | 1 | 1 | 68 | 7 | 31 |
| Mosta | 11 | 5 | 1 | 5 | 19 | 24 | 16 |
| Sliema R. | 13 | 4 | 3 | 6 | 32 | 28 | 15 |
| Melita | 11 | 4 | 3 | 4 | 23 | 23 | 15 |



## KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mgarr U. | 12 | 6 | 2 | 4 | 21 | 40 | 20 |
| St. Venera YB | 13 | 4 | 2 | 7 | 11 | 20 | 14 |
| Pembroke A. | 12 | 2 | 2 | 8 | 8 | 54 | 8 |
| Lija A. | 13 | 0 | 1 | 12 | 4 | 74 | 1 |

Fil-konfront bejn l-aqwa żewġ timijiet tal-Kampjonat, Hibernians u Birkirkara qasmu l-punti fi draw ta' 1-1. B'dan ir-riżultat, Birkirkara fallew iċ-ċans li jilħqu lil Hibernians fil-quċċata tal-klassifika. Għal Hibs li setgħu jikkuntentaw minn żewġ riżultati minn tlieta, id-draw ħallihom bħala favoriti netti għar-rebħ tat-titlu. Għaldaqstant l-aħħar logħba tal-Kampjonat bejn l-istess żewġ timijiet f'April tista' ma tkunx deċiżiva għaliex Hibernians jistgħu jkunu inkurunati champions ferm qabel.




POWERADE®
COMMITMENT TO SPORT
POWE

# L-importanza ta' l-ilma fil-ħajja tagħna...

Il-ġisem għandu bżonn ta' l-inqas tmien tazzi ilma kuljum biex ikollu idratazzjoni regolari. Dan mhux dejjem faċli jew pjaċevoli.

**X'alternattivi hemm?**

L-ilma huwa element vitali għall-ġisem tal-bniedem. Il-ġisem għandu bżonn l-ilma għall-funzjoni iet fiżiċi kollha, għad-diġestjoni u biex jittrasferixxi il-vitamini u n-nutrijenti bejn iċ-ċelluli. L-ilma jirregola t-temperatura tal-ġisem tagħna u jżomm il-ġilda elastika. L-ammont ta' ilma li l-ġisem għandu bżonn kuljum jiddependi mill-età, is-sess, il-piż u l-ammont ta' attività fiżika li ssir kuljum.

Għaldaqstant, il-ġisem ta' ħajla adulta jikkonsuma 2.7 litri ilma kuljum. 20% ta dan l-ammont jittieħed mill-ikel (prinċipalment mill-frott u mill-ħaxix) u il-kumplament tat-80% jittieħed mil-likwidi li jinxtorbu kuljum. Dan l-ammont isarraf fi tmien tazzi ilma. Id-diffikultà tagħna hija li waqt il-ġurnata, il-bniedem jinsa jixrob l-ilma jew ma jistax jew jippreferi jixrob xi ħaġa oħra u b'hekk ma jkunx qed jixrob zewġ litri ilma kif suppost.

**Hemm alternattiva għall-ilma?**

Sa riċentament, tobba u speċjalisti kienu jemmnu li l-ilma huwa l-uniku likwidu adattat biex il-ġisem iżomm l-idratazzjoni tiegħu kif suppost.

Kienu jemmnu wkoll i kull xorb li fih il-kafeina bħal kafè, tè u luminata mhux biss ma jissodisfax il-bżonn tal-ġisem imma jikkawża diżidratazzjoni.

Fl-2004 ktieb maħrug mill-'Medical Institute, Scientific Academy, USA' biddel dan it-twemmin. Skond din ir-riċerka xjentifika, kull xarba mhux alkoħolika tipprovdi idratazzjoni xierqa lill-ġisem. Dan għaliex dawn jikkontribwixxu wkoll, fuq livell supplimentari, għall-bżonnijiet tal-ġisem tagħna għaliex huma magħmulin minn 87% sa 99% mill-ilma. Dan ivarja bejn xarba u oħra.

**Dan xi jfisser għalina?**

L-ilma għandu jkun l-ewwel għażla tagħna għalkemm meta nkunu bil-għatx nistgħu nixorbu wkoll xarbiet oħra bħal kafè , sports drinks jew il-luminata favorita tagħna. Dawn ix-xarbiet kollha jammontaw għall-famużi 'tmien tazzi' kuljum mingħajr ma nċaħħdu lill-ġisem tagħna mill-bżonnijiet naturali tiegħu.

**Dan l-artiklu huwa miġjub lilkom minn Powerade Malta**





# L-għan tagħna huwa li nżommu postna fil-Kampjonat Premier

**- Mario Borg**
President ta' MqabbFC

***Matul Diċembru li għadda l-klabb ta' Mqabba ċċelebra l-50 anniversarju mit-twaqqif tiegħu. X'kienu l-akbar suċċessi li ntlaħqu matul dawn is-snin ta' fundazzjoni?***

F'dawn is-snin kollha l-klabb ta' Mqabba rebaħ erba' darbiet l-promozzjoni għall-ogħla diviżjoni, li kienu fl-1985, 1991, 1995 u matul dan l-istaġun. Sfortunatament qatt ma żammejna postna iżda xorta waħda nħossuna kburin li bil-limitazzonijiet tagħna lgħabna fl-aqwa diviżjoni.

Suċċessi oħra kienu promozzjonijiet oħra mid-diviżjonijiet inferjuri.

***Intom klabb li għamiltu bosta snin fid-diviżjonijiet inferjuri. Din is-sena, kif għedt int, erġajtu ġejtu promossi fil-Kampjonat Premier. Kemm hi kbira d-differenza bejn d-diversi kampjonati?***

Jekk wieħed ikun organizzat, fil-kampjonati nferjuri ma tantx issib dik id-differenza kbira. Infatti meta rbaħna l-promozzjoni mit-Tieni għall-Ewwel Diviżjoni, sitt snin ilu, kulħadd kellu d-dubji u x-xettiċiżmu fuqna u li konna se nkunu dak it-team ta' umiljazzjoni.

Iżda permezz ta' akkwisti ġodda, dixxiplina u organizzazzjoni f'waqtha żammejna postna għal sitt staġuni fejn konna dejjem sfida denja għal kulħadd, tant, li rbaħna wkoll il-promozzjoni għall-Kampjonat Premier.

Għamilna perijodu nispiċċaw fit-tielet post u dan ukoll ifisser li fid-diviżjonijiet inferjuri hemm bilanċ bejn it-timijiet konċernati.

Iżda mbagħad bejn il-Kampjonat Premier u dak ta' l-Ewwel Diviżjoni hemm qabża kbira. Kemm mil-lat ta' organizzazzjoni kif ukoll mil-lat finanzjarju minħabba li klabb irid ikun armat tajjeb biex iżomm postu.

Matul dan l-istaġun għamilna l-almu tagħna biex inżommu postna fejn anke nippossjedu minn fost l-aqwa players barranin ukoll. Iżda minħabba n-nuqqas ta' esperjenza tal-players żgħażagħ ninsabu fl-aħħar post. Minkejja dan xorta waħda sodisfatt bil-prestazzjonijiet tal-players tagħna għax dejjem taw il-massimu tagħhom.

***X'inhuma l-prioritajiet ta' klabb li mill-Ewwel Diviżjoni jirbaħ il-promozzjoni għall-Kampjonat Premier?***

Kif diġà għedt qabel, meta klabb jirbaħ il-promozzjoni għall-ogħla diviżjoni l-prioritajiet ikunu l-budget finanzjarju biex tkun tista' tingaġġa players ġodda li jinkludu wkoll players barranin.

Konxji mill-fatt li dan huwa kampjonat diffiċli dejjem ippruvajna nieħdu logħba wara oħra. L-obbjettiv tagħna minn dejjem kien li nżommu postna fil-Premier mingħajr ebda pretensjonijiet. Nista' ngħid li konna avversarji denji.

***Fl-Ewwel Diviżjoni kull team ikollu bosta players żgħażagħ fl-iskwadra biex dawn jieħdu esperjenza neċessarja għall-futur tagħhom. Il-klabb ta' Mqabba ntroduċa bosta minn dawn il-players. Kemm taħseb li dawn huma nvestiment għall-klabb, li jħaddnu din it-tip ta' strateġija?***

Minħabba l-fatt li għandna Nursery żgħira, aħna dejjem ibbażajna fuq players żgħażagħ (li mhumiex stabbiliti) mill-klabbs il-kbar bħal Sliema Wanderers, Floriana, Hibernians u Valletta. B'dan il-mod il-klabbs konċernati jkunu qed jiggwadanjaw minħabba li l-players rispettivi jkunu qed jiksbu aktar esperjenza minħabba li jkunu fl-azzjoni regolarment u fl-istess waqt ikunu ta' servizz utli għall-klabb tagħna u klabbs oħra bħalna.

***Nitkellmu dwar dan l-istaġun. Fil-bidu l-affarijiet dehru li kienu ġejjin tajjeb. Offrejtu logħob sabiħ kif ukoll irreġistrajtu rebħa sabiħa fuq Sliema Wanderers. Għaliex wara l-ewwel perijodu r-ritmu nbidel u ma waslux aktar riżultati?***

Naqbel miegħek. Matul l-ewwel round ksibna riżultati tajbin grazzi għal wirjiet determinanti fejn irreġistrajna rebħa fuq Sliema Wanderers u anke konna sfortunati f'diversi logħbiet oħrajn fejn b'aktar fortuna stajna ksibna riżultati aħjar.

Naħseb li l-moral tal-players beda jonqos għall-fatt li r-riżultati ma bdewx ġejjin kif antiċipat. Nerġa' nisħaq li kieku daħkitilna xi ftit il-fortuna il-pożizzjoni tagħna fil-klassifika kienet tkun ħafna aħjar. Għaldaqstant nemmen li dan il-fattur kien detrimentali għall-psikoloġija tal-players tagħna. Ma rridx niġi miftiehem ħażin imma l-arja ta' dak l-entużjażmu tal-bidu ta' l-istaġun naqset drastikament. Biex l-affarijiet ikomplu ġejjin ħażin għalina wasslet ir-riżenja tal-coach, Joe Falzon, wara telfa kemmxejn umiljanti kontra Pietà Hotspurs.

***L-għażla li tikkonfermaw lill-coach, Joe Falzon, fil-bidu ta' l-istaġun kienet waħda kuraġġuża minħabba li Falzon ftit kellu esperjenza wara diversi logħbiet u biex eventwalment ġie mibdul minn Bobby Giorev. X'kienu l-fatturi prinċipali fl-għażla ta' Falzon fil-bidu tal-kampjonat u wara fit-tneħħija tiegħu?***

Joe Falzon għamel xogħol siewi fil-Kampjonat ta' l-Ewwel Diviżjoni. Kien ilu jaħdem għal tliet snin fejn eventwalment irnexxielu jtellagħna fil-Kampjonat Premier. Kienet deċiżjoni ġusta u unanima mill-kumitat li Falzon jibqa' jmexxi t-team fil-Kampjonat Premier.

Konna konxji li dan l-istaġun kien se jkun wieħed diffiċli għalina iżda xorta waħda urejna fiduċja fis-servizzi tiegħu għax wara kollox huwa bena t-team li bih irbaħna l-promozzjoni għall-ogħla diviżjoni. Joe huwa bniedem dedikat ħafna u għandi kull rispett lejh.

Iżda ġara li l-affarijiet matul it-tieni rawnd ma bdewx ġejjin kif mixtieq u t-telfa umiljanti ta' 5-0 kontra Pietà Hotspurs kienet it-tmiem tiegħu fit-tmexxija tat-team minħabba li offra r-riżenja.

Min-naħa ta' Bobby Giorev, dan inħatar bħala s-suċċessur ta' Joe. Iżda rrid ngħid ukoll li din il-ħatra kienet waħda sfurzata minħabba li r-riżenja ta' Joe kienet bħal sajjetta fil-bnazzi. L-offerta tagħna mill-ewwel ġiet milqugħa minn Giorev u nista' ngħid li qed jagħmel xogħol siewi minħabba li fiż-żewġ partiti li mexxa t-team fil-kampjonat akkwistajna punti massimi.

***Fl-aħħar żewġ logħbiet tal-kampjonat, bit-tmexxija ta' Bobby Giorev, Mqabba rebħu kontra Msida St. Joseph u Pietà Hotspurs. Żewġ timijiet aktar ikkwotati minnkom. Wara dawn iż-żewġ rebħiet liema huwa l-għan tad-diriġenza?***

Wara dawn iż-żewġ rebħiet il-moral reġa' għola. Qed inżommu saqajna ma' l-art iżda qed nerġgħu nemmnu fina nfusna. F'din it-tieni fażi tal-Kampjonat qed nilagħbu fir-Relegation Pool u ninsabu fl-aħħar post. Fil-football jista' jiġri kollox u jekk nibqgħu nuru l-istess attitudni, dixxiplina u determinazzjoni fil-logħob tagħna nistgħu navvanzaw aktar. Nerġa' nisħaq li mhux qed

nitkellem bi pretensjonijiet iżda b'sodisfazzjon li ksibna żewġ rebħiet importanti minn daqstant ħarġiet.

***X'inhuma l-pjani tal-futur għall-klabb ta' Mqabba?***

Mil-lat ta' infrastruttura qed nirranġaw il-klabb tagħna kif ukoll bnejna ground 5-a-side u qed nibnu ieħor 9-a-side fejn ttesta l-pedament tiegħu.

Bħala klabb żgħir naħsbu li għandna bażi biex fil-futur inkomplu nisfidaw lill-klabbs ta' l-istess livell tagħna. Il-mira tagħna xorta waħda tibqa' l-kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Premier u li nżommu l-profil tagħna ma' l-aqwa timijiet ta' pajjiżna.

***Għaliex qed tinvestu daqshekk tard fil-bini ta' dan il-ground b'art sintetika li hija daqshekk importanti għat-tkabbir tal-klabb?***

L-ispejjeż huma kbar u l-affarijiet ma jinbidlux mil-lum għal għada għax kollox jieħu ż-żmien tiegħu. Barra minn hekk il-problemi finanzjarji huma l-akbar għadu ta' kull klabb. Wettaqna bosta affarijiet u issa huwa l-mument li nikkonċentraw fuq dan il-ground 9-a-side li qed nittamaw ikun b'art sintetika. Wieħed irid jifhem ukoll li Mqabba huwa r-raħal żgħir u barra minn hekk hija sezzjoni żgħira tal-popolazzjoni li ssegwi l-logħba tal-football b'interess.

***Mill-esperjenza tiegħek fil-Kampjonat Premier bħala president ta' Mqabba, x'tikkummenta dwar il-format tiegħu?***

Il-format tal-Kampjonat ilu jintlagħab fuq din il-bażi għal dawn l-aħħar snin. Li ma nistax nifhem huwa li kulħadd jistqarr li ma jaqbilx miegħu u nibqgħu nilagħbu b'din is-sistema ta' tnaqqis tal-punti (bin-nofs) wara t-tieni rawnd kif ukoll it-timijiet, jitqassmu fil-kategoriji tac-Championship Pool u Relegation Pool.

Jien nemmen li l-kampjonat tagħna jkun isbaħ u aktar attraenti jekk jintlagħab fuq tliet rounds.

***Fl-iskwadra tippossjiedu players nazzjonali ta' Taħt il-21 sena. Kemm taffettwa li dawn il-players jitħarrġu aktar ma' l-iskwadra nazzjonali u mhux mal-klabb?***

Jiena naqbel ma' dan it-tip ta' taħriġ għax filwaqt li l-players tagħna qed jieħu l-aqwa taħriġ possibbli ma' l-iskwadra nazzjonali huma jirrapportaw għat-taħriġ mal-klabb kull nhar ta' Ħamis u Ġimgħa. B'hekk il-players ikunu qed jibbenefikaw minn dan it-taħriġ li jista' jkun utli għal meta jilagħbu mat-team tagħna.

***Ħafna klabbs jilmentaw li l-introjtu tagħhom qed jonqos ma' kull sena filwaqt li piżijiet finanzjarji qed dejjem jiżdiedu. X'taħseb li għandu jsir biex il-klabbs jibdew igawdu minn dħul li jixraq?***

Din hija problema għal kull klabb Malti. Kif qed tgħid tajjeb int id-dħul finanzjarju huwa wieħed żgħir ħafna. Kull klabb Malti jibqa' jiffunzjona u jżomm fuq saqajh minħabba l-benefatturi tiegħu. Ma nistax nara li din il-problema se tissolva fil-futur għax l-ispejjeż qegħdin dejjem jikbru u bosta klabbs qed jintlaqtu ħażin ħafna.

***Matul dawn l-aħħar snin waqqaftu n-Nursery tal-klabb. Kemm taħseb li huwa mportanti li fil-futur tieħdu l-frott mixtieq mix-xogħol siewi li qiegħed isir?***

In-Nursery hija mportanti ħafna minħabba li hija l-polz tal-futur tal-klabb. Minkejja li għadha fil-bidu tagħha nista' ninnota entużjażmu kbir fost it-tfal u dan jawgura tajjeb li jista' jkollna l-players tagħna għal ġenerazzjoni oħra. Bla dubju, dan ikun investiment kbir jekk it-tfal tagħna jibqgħu juru l-istess interess.

***Taqbel mal-pjan ta' ċentralizzazzjoni li toffri l-Assoċjazzjoni bil-logħob kollu jintlagħab fi stadium wieħed?***

Aktar ma jkun hawn grounds fejn jintlagħab il-kampjonat aktar ikun aħjar għal kulħadd. Iżda mbagħad min-naħa l-oħra wieħed irid jgħid ukoll li ma tantx għandna grounds minn fejn nagħżlu biex nilagħbu l-logħbiet tagħna. Nemmen li kull team jieħu pjaċir jilgħab fl-Istadium Nazzjonali għax huwa ġawhra. Bir-rispett kollu lejn kulħadd, jeżistu grounds li mhumiex adattati biex jintlagħab il-Kampjonat Premier.



## Mqabba Hajduks

L-ewwel dehra ta' team mir-raħal ta' Mqabba fl-MFA kien fl-istaġun 1957-58 meta Mqabba Rovers kienu ħadu sehem fl-Amateur League tal-MFA, filwaqt li fis-sena ta' wara kien tfaċċa team ieħor, Mqabba Hajduks, li wkoll kien ipparteċipa fl-Amateur League ta' l-MFA. Id-debutt ta' Mqabba Rovers fl-Amateur League seħħ fit-2 ta' Novembru, 1958, meta kienu għelbu lil Luqa 2-1. Mqabba Hajduks lagħbu l-ewwel partita tagħhom fl-Amateur League fit-12 ta' Ottubru, 1958, meta kienu rebħu lil Atalanta SC 1-0. Wara dan l-istaġun iż-żewġ timijiet ingħaqdu f'team wieħed bl-isem ta' Mqabba Hajduks. Il-moħħ wara din l-għaqda kien is-Sur Richard Spiteri.

Kellhom jgħaddu erba' snin qabel Mqabba Hajduks ipparteċipaw fil-kampjonat ta' l-MFA u għaldaqstant fl-istaġun, 1962-63, ħadu sehem fil-kampjonat tat-Tielet Diviżjoni. Huma kienu fetħu l-impenji tagħhom fl-14 ta' Ottubru 1962 b'telfa ta' 2-0 kontra San Gwann.

**L-Unuri**

L-istorja tagħhom fl-MFA hija meqjusa bi ftit unuri. Rebħu l-Good Conduct Shield tat-Tielet Diviżjoni fl-istaġun 1967-68, filwaqt li kienu Champions tal-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni fl-1983-84, bla telfa, filwaqt li fl-istaġun ta' wara kienu rebħu l-promozzjoni għall-Kampjonat Premier. Matul l-istess kampjonat għalkemm spiċċaw runners-up, punt taħt Birkirkara, kienu wkoll spiċċaw l-impenji tagħhom mingħajr telfa. B'kollox huma kienu għamlu rekord ta' 40 partita mhux megħluba. L-ewwel partita tagħhom fil-Premier kienet it-telfa ta' 1-0 kontra Birkirkara fil-31 ta' Awwissu, 1985.

Fl-istaġun, 1990-91, kienu reġgħu rebħu l-promozzjoni għall-Kampjonat Premier bħala champions. Wara li kienu sofrew żewġ relegazzjonijiet konsekuttivi huma kienu rebħu l-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni, fl-2000-01, u spiċċaw runners-up ta' l-Ewwel Diviżjoni fl-istaġun li għadda biex reġgħu ġew promossi għall-Kampjonat Premier.

**Players Magħrufa**

L-aktar player magħruf fl-Imqabba, bla dubju, jibqa' Jimmy Briffa li kien ma' Mqabba fi żminijiet differenti kemm bħala player, bħala coach u kif ukoll bħala player-coach. Briffa kellu wkoll karriera sabiħa ma' Sliema W. u mat-team nazzjonali Malti. Plejers oħra ta' isem li libsu l-flokk ta' Mqabba huma Godfrey Gaffarena, Louis Zammit, Joe Demanuele 'It-Tikka', Joe Curmi, Bobby Giorev, Slobodan Janjus, Alfred Grima u Ninu Mallia.



Home Away

minn Tonio Farrugia

## MALTA FOOTBALL LEAGUE 1948-49 (l-Ewwel Parti)

*Il-kampjonat tal-football lokali 1948-49 intafa' lura b'ġimgħatejn qabel ma finalment beda fis-16 ta' Ottubru, 1948, minħabba li l-plejers li kienu mas-Servizz ma kellhomx permess mill-Armata biex jilagħbu. Il-Kunsill ta' l-MFA kellu ħjiel tajjeb li dan il-permess kellu joħroġ dalwaqt u peress li f'kull tmiem il-ġimgħa kienu jintlagħbu żewġ partiti biss l-MFA ma ridetx li b'dan il-mod tagħti xi vantaġġ lil nofs il-klabbs ta' l-Ewwel Diviżjoni f'każ li l-permess kien jinħareġ wara l-ewwel ġimgħa mill-bidu tal-kampjonat. Li kieku l-MFA kienet taf li l-permess kien ser joħroġ ġimgħatejn wara l-bidu tal-kampjonat u għalhekk kull team kien ser ikun laħaq lagħab partita, kieku l-kampjonat kien jibda kif oriġinarjament kien ipprogrammat fit-2 ta' Ottubru, 1948.*



It-team ta' Hibernians 1949-50

# Hibernians v Naxxar... abbandunata wara tliet minuti

## in-nies ifarrku l-Istadium għax ma ingħatawx il-flus lura

### L-EWWEL ĠURNATA

**16-10-1948:**
**Valletta FC v Sliema Wdrs 1-0 H.T 0-0**
Ref: C.P.O T.F Hewinson (HMS Forth)
Skorja: S. Schembri (V) 88'

**Valletta FC:** Wenzu Gabaretta, Alfie Pearson, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Nenu 'Rubinu' Zammit, Leli 'Qali' Attard, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Pawlu Vassallo, Salvinu Schembri, Leli 'Goway' Carmi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Leli 'Pesa' Pace.

**Sliema Wdrs. FC:** Lolly Rizzo, Donald Mercieca, Emmanuel 'Diju' Borg, Gejtu 'Gaga' Sacco, Eddie Cole, Nenu Catania, Ġużi 'Labre' Camilleri, Lewis Vigar, Tony Nicholl, Leli 'Scotch' Cauchi, Dr. Maurice Decesare.

1. Sliema Wanderers kienu mingħajr Lieut. Sonny Borg Cardona minħabba li kien qata' l-ligamenti waqt partita ta' ħbiberija li ntlagħbet fid-19 ta' Settembru, 1948, kontra H.M.S Forth, kif ukoll mingħajr il-Kaptan tal-Armata, Ġiġi Borg, minħabba li ma kienx qed ikun regolari għat-taħriġ. Borg Cardona kien dam barra mill-football sitt xhur. Valletta FC min-naħa tagħhom kellhom nieqes lil Ġużi Vassallo li kien fuq xogħol mal-H.M.S Forth, barra minn Malta.

2. Kien hemm żewġ debuttanti f'din il-partita, wieħed fuq kull naħa, li t-tnejn fl-istaġun ta' qabel kienu lagħbu ma' Floriana FC, meta għal Sliema Wanderers lagħab il-veteran Leli Cauchi 'L-Iscotch' filwaqt li Charlie Bennett 'In-Najsu' kien qed jiddebutta ma' Valletta FC. 'Scotch' Cauchi kien sieħeb lil Sliema ġimgħatejn qabel beda l-kampjonat fejn għall-firma tiegħu l-Wanderers kienu ħallsu lil Floriana FC £80. L-MFA kienet ikkunsidrat is-somma mħallsa bħala waħda għolja u naqqset it-transfer fee għal £60.

3. Nenu Catania ta' Sliema Wanderers laqat il-lasta minn penalty fis-76 minuta.

4. Leli 'Qali' Attard sieħeb lil Valletta FC mingħand St. George's FC. Huwa ħa post 'Budgy' Dowling li ingħaqad mill-ġdid ma' Melita FC fit-Tieni Diviżjoni.

5. Emmanuel Borg 'Id-Diju', ta' 19-il sena, sieħeb lil Sliema Wanderers mingħand Birkirkara United. It-tifel tiegħu, it-Tabib Pawlu Borg, lagħab ma' Birkirkara fis-snin tmenin u kien waqaf mill-football minħabba l-professjoni.

6. Minbarra lil 'Budgy' Dowling, Valletta FC kienu ttrasferew ukoll lil Abraham Ohayon għal ma' Vittoriosa Stars fit-Tieni Diviżjoni.

**17-10-1948:**
**Naxxar Lions v St.George's FC 2-1 H.T 1-0**
Skurjaw: P. Galea (N) 41', O. Bartolo (St. Geo) u P. Galea (N)

**Naxxar Lions:** Ninu Degiorgio, Emmanuel Falzon, Salvu 'Zullu' Fenech, Albert Izzo, Patist Attard, Nikol Aquilina, Ninu Vella, Leli 'Likku' Saliba, Pawlu 'Ħamiemu' Galea, Ġużi Pace, Scicluna.

**St.George's FC:** Paul Vella, J. Attard, Bondin, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Dr. Peppi Paris, Dr. George Degiorgio, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, George Flask, Salvu Romolo, Ġużi Cachia.

1. Pawlu Galea u Salvu Fenech huma żewġ players oħra ta' Floriana FC li ssieħbu ma' klabbs oħra fis-sajf, meta t-tnejn ġew akkwistati minn Naxxar Lions. Fenech kien diġà player tal-Lions meta dawn kienu rebħu l-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni sentejn qabel. Akkwist ieħor ta' Naxxar Lions kien dak ta' Albert Izzo li seħibhom mingħand Vittoriosa Stars.

2. Dr. Peppi Paris irritorna ma' St. George's FC wara staġun ma' Melita FC.

**23-10-1948:**
**Hibernians FC v St. Andrew's FC 5-1 H.T 3-0**
Ref: Walter (Watty) Gatt.
Skurjaw: F. Church (H) 13', Ġ. Pirotta (H) 35', Ċ Friggieri (H) pen. 42', P. Micallef (H) 68', Ġ. Pirotta (H) 95' u G. Psaila (St.And) 100'

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Paul 'Diggie' Deguara, Danny Edwards, Joseph Cachia, Victor Formosa, Edwin 'Dwinu'



Charlie Azzopardi (Floriana) jiskorja kontra Hamrun Spartans (2-1) – 13.02.1950

Schembri, Ġużi Pirotta, Ċensu 'Iż-Żibġa' Friggieri, Fredu Church, Paċikk Micallef, Lorry Seychell.

**St. Andrew's FC:** Salvu Spiteri, Mercieca, Fiju Camilleri, Emanuel Fortelli, Salvu Mejlaq, Brownrigg, C Scicluna, Joe Gatt, Gejtu 'Ħaċċa' Fsaila, Frans Scifo, Pullu Zarb.

1. Ir-referee Gatt saffar għall-mistrieħ fil-50 minuta u għat-tmiem il-partita wara 102 minuti.

2. Il-players Joe Gatt, Salvu Mejlaq u Pullu Zarb huma tliet players oħra ta' Floriana FC li ħallew il-klabb matul is-sajf meta kollha ġew akkwistati minn St. Andrew's FC. Pullu Zarb żewġ staġuni qabel kien lagħab l-aħħar partiti tal-kampjonat ma' Sliema Athletic minflok Zarb Mizzi li kien weġġa' filwaqt li fl-istaġun ta' qabel kien player regolari fit-tieni team ta' Floriana FC fit-Tieni Diviżjoni.

3. Hiberrians FC kienu mingħajr l-attakkant Costantino Sammut li kien ġie trasferit lit-team tat-Tieni Diviżjoni Msida Wolves. Sammut jiġi ħu l-famuż Salvu Sammut 'L-Għargħuri'.

**24-10-1948: Floriana FC v Hamrun Spartans 3-2 H.T 1-0**
Ref: C.P.O T.F Hewinson (Forth).
Skurjaw: C. Azzopardi (F) 13', 54' u 60'; o.g L. Debattista (HS) 65' u Ġ. Buttigieg (H) pen. 75'.

**Floriana FC:** John Portelli, Lolly Debattista, Leli Zammit, John Zahra, Joe 'Tichy' Grech, Tony Vella, Victor Farrugia, Benny Camilleri, Charlie 'Gross' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

**Hamrun Sp.:** Frans Paris, Fredu Preca, Salvu Azzopardi, Ġużi Bennetti, Joseph Zammit, Nenu Taliana, Leli 'Ta' Giorgia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Freddie Landolina, Romeo Vassallo, Horace Herbert.

1. Ikompli l-eżodu tal-players Furjaniżi meta tliet players oħra – Fredu Preca, Ġużi Bennetti u Horace Herbert – ħallew lil Floriana biex sieħbu lil Hamrun Spartans. Akkwisti oħra mill-Ispartans kienu tal-goalkeeper Frans Paris li kienu akkwistaw mingħand Zejtun Athletic u Salvu Azzopardi li kien ġie akkwistat mingħand Vittoriosa Stars.

2. Floriana FC ingaġġaw coach barrani meta rnexxielhom jinnegozzjaw ma' West Bromwich Albion għall-akkwist tal-ex-internazzjonali Ingliż George E. D Shaw. Shaw kien wasal Malta fis-17 ta' Settembru, 1948, abbord S. S. Laurana. Fil-karriera tiegħu Shaw kien lagħab ma' Doncaster Rovers, Huddersfield Town taħt il-gwida tal-kbir Herbert Chapman u W.B.A filwaqt li kien lagħab għall-Ingilterra kontra l-Irlanda fl-1932.

3. John Portelli ta' Floriana FC kien ġie akkwistat mingħand Naxxar Lions. Tiegħu Floriana kienu ħallsu lil Naxxar £10 u tawhom ukoll lill-player Pawlu Galea 'Ħamiemu'. Galea kien ilu fuq il-lista tat-trasferimenti mit-telfa ta' 5-0 kontra Valletta FC.

4. Floriana FC kienu mingħajr Arthur Micallef Podestà, skrivan mal-Barclays Bank, li kien jinsab fuq xogħol fl-Eritrea.

Klassifika: Hibernians FC, Naxxar Lions, Floriana FC u Valletta FC 2 pti.; Hamrun Sp, St.George's FC, Sliema Wdrs u St. Andrew's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: C. Azzopardi (Floriana FC) 3 goals; P. Galea (Naxxar Lions) u Ġ. Pirotta (Hibernians FC) 2 goals.

## IT-TIENI ĠURNATA

**30-10-1948: Hamrun Spartans v St.George's FC 4-2 H.T 3-1**
Ref: William (Billy) Mock.
Skurjaw: Z. Sciberras (HS) 1', W. Buttigieg (HS) 8', S. Romolo (St.Geo) 18', Ġ. Buttigieg (HS) 30', N. Bonavia (St.Geo) 46' u W. Buttigieg (HS) 78'.

**Hamrun Sp.:** Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Fredu Preca, Salvu Azzopardi, Ġużi Bennetti, Salvu Gambin, Nenu Taliana, Żużu 'Qomos' Sciberras, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Willie Buttigieg, Romeo Vassallo, Horace Herbert.

**St.George's FC:** Paul Vella, J. Attard, Frans Purkiss, John Cachia, Dr. Peppi Paris, Dr. George Degiorgio, Oscar Bartolo, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Nenu Bonavia, Salvu Romolo, Ġuzeppi Oliva.

1. Willie Buttigieg, ħu Ġużi, skorja darbtejn fl-ewwel partita tiegħu ma' l-Ispartans. Huwa kien qed jieħu post Freddie Landolina li tħalla barra wara t-telfa ta' ġimgħa qabel kontra Floriana FC. Barra minn hekk is-centre-half Joseph Zammit ma riedx jilgħab aktar ma' Hamrun Spartans wara li ġie kkritikat fuq il-wirja tiegħu.

2. John Cachia ta' St. George's FC kien qed jilgħab minflok ħuh il-kbir Ġużi fil-qalba tad-difiża. Fil-partita ta' ġimgħa qabel, Ġużi Cachia kien beda l-partita bħala attakkant iżda wara kien tniżżel fil-pożizzjoni solita tiegħu ta' left half.

**01-11-1948: Hibernians FC – Valletta FC 2-0 H.T 0-0**
Ref: A.V Tambling.
Skurjaw: o.g J. Demicoli (H) 70' u M. Cali-Warrington (H) 71'

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Paul 'Diggie' Deguara, Danny Edwards, Ġużi Cachia, Victor Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ġużi Pirotta, Joe Gerada, Maurice Calì-Warrington, Fredu Church, Lorry Seychell.

**Valletta FC:** Wenzu Gabaretta, Ġużi 'Il-Kanesi' Demicoli, Alfie Pearson, Nenu 'Rubinu' Zammit, Leli 'Il-Qali' Attard, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Pawlu Vassallo, Ġużi Vassallo, Renu Azzopardi, Salvinu Schembri, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.

1. Maurice Calì Warrington skorja fid-debutt tiegħu ma' Hibernians. Fl-istaġun ta' qabel huwa kien is-centre-forward ta' Mosta fit-Tielet Diviżjoni.

2. Reno Azzopardi ta' Valletta FC ġie akkwistat mingħand St. George's FC. Huwa sieħeb lill-Beltin bħala Form K player.

Floriana FC kienu fl-aħbarijiet fis-sajf meta ħallewhom ħafna players ta' l-ewwel team. Il-players tagħhom li sieħbu klabbs oħra kienu l-veteran Leli Cauchi 'L-Iscotch', l-aħwa Ġużi u Charlie Bennetti 'In-Najsu', l-iskorer Pawlu Galea 'Ħamiemu', Salvu Fenech, Joe Gatt, Salvu Mejlaq, Pullu Zarb, Fredu Preca u Horace Herbert. Ħafna minn dawn il-players kienu tilfu posthom wara t-telfa ta' 5-0 kontra Valletta FC fil-kampjonat ta' qabel. Minflokhom Floriana kienu ntroduċew liż-żagħżagħ ta' Floriana Ajax.

Il-Bord tad-Dixxiplina ta' l-MFA kien għal darb'oħra kkritikat meta ssospenda lil Ġużi Mallia 'Id-Dudu' ta' Valletta FC mit-2 sat-12 t' Novembru, 1948, wara li kien irrapurtat mir-referee li fil-partita kontra Hibernians FC ipprova jagħti bis-sieq lil plejer avversarju. Il-partita li kien imisshom jilagħbu Valletta FC kienet fit-13 ta' Novembru biex is-sospensjoni li rċieva Mallia ma servietx għalxejn. Is-sistema ta' dixxiplina li kienet timxi biha l-MFA kienet eżatti bħal tal-FA ta' Londra, iżda filwaqt li fl-Ingilterra l-football kien jintlagħab kull ġimgħa, f'Malta is-sitwazzjoni kienet differenti u ġie li beda jiġri li player ma jkollux logħob fil-perjodu li jkun sospiż.



Pullu Demanuele (Floriana) jiskorja kontra Hamrun Spartans (2-1) – 13.02.1950






Ninu Calleja (Sliema W.) jiskorja kontra Floriana (2-1) – 17.12.1949 (Fuq) Ir-referee, Peter Craignyle, jiehu b'idejn il-players qabel il-logħba Sliema W. v Floriana (2-1) – 17.12.1949

**06-11-1948: Floriana FC v Naxxar Lions 1-0 H.T 0-0**
Ref: William (Willie) Izzo.
Skorja: V. Farrugia (F) 75'.

**Floriana FC:** John Portelli, Lolly Debattista, Freddie 'Nemusa' Micallef, John Zahra, Joe 'Tichy' Grech, Tony Vella, Victor Farrugia, Benny Camilleri, Charles 'Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

**Naxxar Lions:** Ninu Degiorgio, Eugenio Pace, Ġużi Pace, Albert Izzo, Patist Attard, Nikol Aquilina, Gużi Lofaro, Leli 'Likku' Saliba, Pawlu 'Ħamiemu' Galea, Ninu Vella, Scicluna.

1. Ġużi Lofaro lagħab l-ewwel partita tiegħu ma' Naxxar Lions wara li kien ġie akkwistat mingħand St. George's FC ftit ġranet qabel.

**07-11-1948: Sliema Wdrs v St. Andrew's FC 3-1 H.T 2-0**
Ref: Jos. N. Compagno.
Skurjaw: G. Sacco (S) 7', T. Nicholl (S) 19', G. Psaila (St.And) 54' u Ġ. Camilleri (S) 64'.

**Sliema Wdrs. FC:** Lolly Rizzo, Donald Mercieca, Alex Gollcher, Nenu Catania, Eddie Cole, Alfred Lanzon, Lewis Vigar, Gejtu 'Gaga' Sacco, Tony Nicholl, Ġużi 'Labre' Camilleri, Leli 'Scotch' Cauchi.

**St. Andrew's FC:** Ġużi Scifo, Ġamri Briffa, Piju Camilleri, Emanuel Portelli, Frans Scifo, Brownrigg, Pullu Zarb, Joe Gatt, Gejtu 'Ħaċċa' Psaila, Joseph Formosa, Freddie Borg.

1. St. Andrew's ma setgħux jagħmlu użu mis-centre-half tagħhom Salvu Mejlaq minħabba li ma ingħatax permess biex jilgħab mill-Commanding Officer ta' l-Armata. Madankollu huma ppreżentaw lil Ġużi Scifo, ħu l-midfielder Frans Scifo, bejn il-lasti. Ġużi kien għadu kemm ġie akkwistat mingħand Hamrun Spartans ftit ġranet qabel.

2. Sliema Wanderers lagħbu b'Alex Gollcher u Alfred Lanzon li t-tnejn kienu players regolari fit-Tielet Diviżjoni mat-tielet team tal-Wanderers.

Klassifika: Hibernians FC u Floriana FC 4 pti.; Sliema Wdrs., Hamrun Sp., Naxxar Lions u Valletta FC 2 pti.; St.George's FC u St. Andrew's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: C. Azzopardi (Floriana FC) 3 goals.

## IT-TIELET ĠURNATA

**13-11-1948: Valletta FC v Naxxar Lions 5-3 H.T 2-0**
Ref: William (Billy) Mock.
Skurjaw: L. Pace (V) 1', C. Bennetti (V) pen. 17', S. Schembri (V) 55', L. Pace (V) 72', C. Bennetti (V) pen. 74', A. Izzo (N) 80', L. Saliba (N) 82' u Scicluna (N) 87'

**Valletta FC:** Charles Camilleri, Alfie Pearson, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Nenu 'Rubinu' Zammit, J. Muscat, Leli 'Qali' Attard, Pawlu Vassallo, Tony Falzon, Salvinu Schembri, Charlie 'Najsu' Bennetti, Leli 'Pesa' Pace.

**Naxxar Lions:** Ninu Degiorgio, ġenju Pace, Salvu 'Iz-Zullu' Fenech, Albert Izzo, Patist Attard, Emmanuel Falzon, Ġużi Lofaro, Ninu Vella, Leli 'Likku' Saliba, Ġużi Pace, Scicluna.

1. Valletta lagħbu mingħajr Ġużi Vassallo li kien barra minn Malta fuq xogħol abbord l-H.M.S Messina.

**14-11-1948: Sliema Wdrs v St.George's FC 4-0 H.T 3-0**
Ref: Walter (Watty) Gatt
Skurjaw: T. Nicholl (S) 12', Ġ. Camilleri (S) 22', L. Borg (S) 32' u M. Decesare (S).

Sliema Wdrs. FC: Lolly Rizzo, Donald Mercieca, Emmanuel 'Diju' Borg, Gejtu 'Gaga Sacco, Eddie Cole, Nenu Catania, Capt. Lewis (Ġiġi) Borg, Ġużi 'Labre' Camilleri, Tony Nicholl, Leli 'Scotch' Cauchi, Dr. Maurice Decesare.

St.George's FC: Paul Vella, J. Attard, Leli 'Baiel' Busuttil, Dr. George Degiorgio, Dr. Peppi Paris, Ġużi Cachia, Oscar Bartolo, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Nenu Bonavia, Salvu Romolo, Frans Purkiss.

1. Fit-tieni taqsima kemm Ġiġi Borg tal-Wanderers kif ukoll Salvu Caruana tas- Saints ġew imkeċċija wara li ġew fl-idejn. Aktar tard Ġiġi Borg ġie sospiż sas-7 ta' Diċembru u Salvu Caruana sal-14 ta' Diċembru.

**20-11-1948: Hibernians FC v Floriana FC 1-1 H.T 1-0**
Ref: B. S. M Barbara
Skurjaw: M. Calì-Warrington (H) 8' u L. Borg (F) pen. 86'

**Hibernians FC:** Johnnie Formosa, Paul 'Diggie' Deguara, Danny Edwards, Joseph Cachia, Victor Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ġużi Pirotta, Fredu Church, Maurice Calì-Warrington, Ċensu 'Iż-Żibġa' Friggieri, Lorry Seychell.

**Floriana FC:** John Portelli, Lolly Debattista, Leli Zammit, John Zahra, Joe 'Tichy' Grech, Tony Vella, Victor Farrugia, Benny Camilleri, Charles 'Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

1. Fi tmiem il-partita il-players ta' Hibernians daru mal-linesman Pirotta u xi wħud bdew jimbuttawh. Huwa kien għadu kemm issenjala għall-penalty favur Floriana ftit minuti qabel. B'riżultat ta' dawn l-inċidenti l-player ta' Hibernians Ċensu Friggieri ġie sospiż mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA għal sena, sal-31 ta' Diċembru 1949. Wara li kien intemm il-kampjonat l-MFA kienet laqgħet it-talba ta' Hibernians u naqqsitlu s-sospensjoni bi tliet xhur.

**21-11-1948: Hamrun Spartans v St. Andrew's FC 3-0 H.T 1-0**
Ref: Joe M. Cassar Naudi.
Skurjaw: Ġ. Buttigieg (HS) 6', F. Landolina (HS) 50' u H. Herbert (HS) 57'.

**Hamrun Sp.:** Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Louis Portelli, Ġużi Bennetti, Fredu Preca, Nenu Taliana, Leli 'Ta' Giorgia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Freddie Landolina, Romeo Vassallo, Horace Herbert.

**St. Andrew's FC:** Ġużi Scifo, Emanuel Portelli, Piju Camilleri, Salvu Mejlaq, Frans Scifo, Brownrigg, J. Portelli, Joseph Formosa, Gejtu 'Ħaċċa' Psaila, Joe Gatt, Pullu Zarb.

1 Matul il-partita Nenu Taliana ta' Hamrun Spartans ħalla l-pitch u tela' għal xi nies li bdew jgħaddu xi rimarki kontra tiegħu.

Klassifika: Hibernians FC u Floriana FC 5 pti.; Sliema Wdrs, Hamrun Sp. u Valletta FC 4 pti.; Naxxar Lions 2 pti.; St.George's FC u St. Andrew's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: C. Azzopardi (Floriana FC) u Ġ. Buttigieg (Hamrun Sp.) 3 goals.

## IR-RABA' ĠURNATA

**27-11-1948:**
**St.George's FC**
**v St. Andrew's FC 2-2 H.T 1-2**
Ref: William (Billy) Mock.
Skurjaw: O. Bartolo (St.Geo) 5',
F. Borg (St. And.) 9', G. Psaila (St. And.)
u J. Attard (St. Geo) 87'.

**St.George's FC:** Doddy Calleja, J. Attard, Frans Purkiss, Dr. George Degiorgio, Dr. Peppi Paris, Ġużi Cachia, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, J. Grima, John Cachia, Salvu Romolo.

**St. Andrew's FC:** Ġużi Scifo, ġamri Briffa, Piju Camilleri, Emanuel Portelli, Frans Scifo, Brownrigg, C. Scicluna, Joseph Formosa, Gejtu 'Ħaċċa' Psaila, Pullu Zarb, Freddie Borg.

1. Fis-seba' minuta Ġużi Formosa ta' St. Andrew's falla d-draw għat-team tiegħu meta xxuttja barra minn penalty.

**28-11-1948:**
**Valletta FC – Floriana FC 3-2 H.T 3-1**
Ref: C. P. O T.F Hewinson (HMS Forth)
Skurjaw: L. Pace (V) 1', S. Schembri (V) 10',
L. Pace (V) 12', L. Borg (F) pen. 25'
u C. Azzopardi (F) 82'.

**Valletta FC:** Wenzu Cabarretta, Alfie Pearson, Ġużi 'Dudu' Mallia I, Nenu 'Rubinu' Zammit, Leli 'Il-Qali' Attard, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Pawlu Vassallo, Tony Falzon, Salvinu Schembri, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Leli 'Pesa' Pace.

**Floriana FC:** John Portelli, Freddie 'Nemusa' Micallef, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, John Zahra, Tony Vella, Victor Farrugia, Lolly Borg, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Benny Camilleri, Pullu 'Koku' Demanuele.

1. Victor Farrugia ta' Floriana weġġa' wara biss minuta logħob f'daħla ma' Ġużi Mallia I u għall-bqija tal-partita deher kontinwament izappap ħdejn it-touchline.

**04-12-1948:**
**Hamrun Spartans**
**v Sliema Wdrs 3-1 H.T 0-1**
Ref: Joe M. Cassar Naudi.
Skurjaw: M. Decesare 22' (S),
S. Azzopardi (HS) 56', H. Herbert (HS) 75'
u L. Agius (HS) 76'.

**Hamrun Sp:** Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Louis Portelli, Ġużi Bennetti, Fredu Preca, Salvu Gambin, Leli 'Ta' Giorgia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Freddie Landolina, Romeo Vassallo, Horace Herbert.

**Sliema Wdrs. FC:** Lolly Rizzo, Donald Mercieca, Emmanuel 'Diju' Borg, Gejtu 'Gaga' Sacco, Eddie Cole, Nenu Catania, Ġużi 'Labre' Camilleri, Herman Borg, Tony Nicholl, Leli 'Scotch' Caucni, Dr. Maurice Decesare.

1. Salvu Azzopardi ta' Hamrun Spartans skorja minn nofs il-ground. Fil-fatt mill-kick tal-goalkeeper Lolly Rizzo ta' Sliema, Salvu Azzopardi kien spara first-timer lura li spiċċa fix-xibka qabel Rizzo kellu ċ-ċans jerġa' jieħu postu bejn il-lasti. Dan il-goal deher li effetwa ħażin lill-goalkeeper żagħżugħ Slimiż tant li sofra żewġ goals oħra minn żbalji li swew il-partita lit-team tiegħu.

2. Kemm Donald Mercieca kif ukoll Herman Borg kienu ġew akkwistati mill-Wanderers mingħand Melita FC. Matul is-sajf Sliema kienu akkwistaw ukoll lil Joey Agius mingħand l-Amateurs pero' dan ma kienx irnexxielu jilgħab fl-ewwel team tal-Wanderers.



Il-goalkeeper ta' Floriana, Ġużi Alamango, isalva waqt attakk ta' Sliema W. (1-2) – 17.12.1949



Partitarji ta' Sliema W. jiċċeleberaw is-suċċess tagħhom fuq Floriana (2-1) – 17.12.1949

**05-12-1948: Hibernians v Naxxar Lions 0-0**
**Ref: William (Billy) Mock.**

**Il-Partita ġiet posposta wara tliet minuti minħabba l-maltemp**

**Hibernians FC:** Johnnie Formosa, Pawlu 'Diggie' Deguara, Danny Edwards, Joseph Cachia, Victor Formosa, Edwin 'Dwinu' Schembri, Ġużi Pirotta, Joe Gerada, Maurice Cali'-Warrington, Fredu Church, Hinds.

**Naxxar Lions:** Ninu Degiorgio, Ġenju Pace, Ġużi Pace, Albert Izzo, Patist Attard, Nikol Aquilina, Ġużi Lofaro, Leli 'Likku' Saliba, Pawlu 'Ħamiemu' Galea, Ninu Vella, Scicluna.

1. Inqala' inkwiet u frakass sħiħ fl-istadium meta n-nies ma ingħatawx il-flus lura ta' l-entratura. Fin-naħa tal-Enclosure il-bankijiet ta' l-injam inqalgħu minn posthom u tfarrku f'biċċiet filwaqt li faċċata ta' l-Enclosure xi nies qalbu xi scaffolding għal fuq it-track. Parti mill-ħajt li jifred il-ground mill-ispettaturi wkoll ġie maqlugħ. Il-pulizija kienet arrestat żewġ persuni.

2. Is-Sur Carmelo Scicluna O.B.E, magħruf bħala 'Is-Sur Memè', Manager u proprjetarju ta' l-Empire Stadium, ħabbar ftit ġranet wara li għall-benefiċċju ta' dawk li ħallsu u tilfu l-biljett tad-dħul, kulħadd kien ser jitħalla jidħol b'xejn għar-replay li kellha ssir fid-9 ta' Diċembru 1948.

**Replay tal-Partita Abbandunata**

**09-12-1948: Hibernians FC**
**v Naxxar Lions 3-0 H.T 2-0**
Skurjaw: F. Church (H) 14', Ġ. Pirotta (H) 30'
u F. Church (H) 57'

**Hibernians FC:** Johnnie 'Skipper Formosa, Paul 'Diggie' Deguara, Danny Edwards, Edwin 'Dwinu' Schembri, Victor Formosa, Joseph Cachia, Ġużi Pirotta, Joe Gerada, Maurice Calì-Warrington, Fredu Church, Hinds.

**Naxxar Lions:** Ninu Degiorgio, Ġenju Pace, Joe Pace, Albert Izzo, Patist Attard, Nikol Aquilina, Ġużi Lofaro, Leli 'Likku' Saliba, Pawlu 'Ħamiemu' Galea, Ninu Vella, Scicluna.

**Klassifika:** Hibernians FC 7 pti.; Hamrun Sp. u Valletta FC 6 pti.; Floriana FC 5 pti.; Sliema Wdrs 4 pti.; Naxxar Lions 2 pti.; St George's FC u St. Andrew's FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** L. Pace (Valletta FC) u C. Azzopardi (Floriana FC) 4 goals.



## Copa Libertadores

The best teams from South America, with the stars from Boca Juniors, Santos FC, Fluminese and Sao Paolo are finally here for the high exciting Copa Libertadores Round of 16!

**Round of 16**

From Wednesday 30 April **LIVE**

COPA TOYOTA LIBERTADORES



Top title contenders take on each other in the fundamental month of April! Manchester United start favourites at home against Wenger's Arsenal.

BARCLAYS PREMIER LEAGUE

**Arsenal v Liverpool**
Saturday 5 April at 1:45pm **LIVE**

**Man Utd v Arsenal**
Sunday 13 April at 5.00pm **LIVE**

**Chelsea v Man Utd**
Saturday 26 April at 1:45pm **LIVE**



BOV Premier League
Bank of Valletta
your Success, our Goal

## BOV Premier League

**Championship & Relegation Pool**

**Birkirkara v Sliema**
Saturday 19 April at 4pm **LIVE**

**Birkirkara v Valletta**
Saturday 26 April at 4pm **LIVE**



Formula 1

Renault driver Fernando Alonso will be looking forward for his home race in Spain and will be counting on the Catalans for moral support!

## Grand Prix of Bahrain

**Bahrain Qualifier**
Saturday 5 April at 1pm **LIVE**

**Bahrain Main Race**
Sunday 6 April at 1:30pm **LIVE**

## Grand Prix of Spain

**Catalunya Qualifier**
Saturday 26 April at 2pm **LIVE**

**Catalunya Main Race**
Sunday 27 April at 2pm **LIVE**

# The game is on...

Arsenal FC will take on Liverpool FC in the UEFA Champions League quarter-finals and Roma are reunited back with Manchester United.



UEFA CHAMPIONS LEAGUE

**Arsenal v Liverpool**
Tuesday 1 April at 8:45pm **LIVE**

**Roma v Man Utd**
Tuesday 1 April at 8:45pm **LIVE**

**Schalke v Barcelona**
Wednesday 2 April at 8:45pm **LIVE**

**Fenerbahçe v Chelsea**
Wednesday 2 April at 8:45pm **LIVE**

**Return Leg**
Tuesday 8 and Wednesday 9 April at 8:45pm **LIVE**

**Semi Finals 1st Leg**
Tuesday 22 and Wednesday 23 April at 8:45pm **LIVE**

**Semi Final 2nd Leg**
Tuesday 29 and Wednesday 30 April at 8:45pm **LIVE**



LEGA CALCIO

Two of the biggest rivals of Italian football go head to head with the hopes to secure a UEFA Champions League berth.

## Italian Serie A

**Juventus v Milan** Saturday 12 April at 8:30pm **LIVE**



UEFA CUP

With a handful of teams who could make it to the final who will be crowned this year's winner in Manchester?

**Leverkusen v Zenit**
Thursday 3 April at 8:45pm **LIVE**

**Rangers v Sporting**
Thursday 3 April at 8:45pm **LIVE**

**Bayern v Getafe**
Thursday 3 April at 8:45pm **LIVE**

**Fiorentina v PSV**
Thursday 3 April at 8:45pm **LIVE**

**Return Leg**
Thursday 10 April at 8:45pm **LIVE**

**Semi Finals 1st Leg**
Thursday 24 April at 8:45pm **LIVE**

© Action Images / Reuters

The FA CUP

**Semi Finals**

**West Brom v Portsmouth**
Saturday 5 April at 1:15pm **LIVE**
**Barnsley v Cardiff City**
Sunday 6 April at 5pm **LIVE**

PGA TOUR

**EDS Byron Nelson Championship**
Saturday 26 and Sunday 27 April **LIVE**





LFP

A Spanish football fiesta! The Madrileños seem to have a grip on the title race, but a few mistakes on the way can prove to be tragic.

**Spanish Primera Liga**

**Recreativo v Barcelona**
Sunday 12 April **LIVE**
**Real Madrid v Valencia**
Sunday 13 April **LIVE**

NBA PLAYOFFS 2008

The four-round best-of-seven slam-dunkin' NBA Playoffs are here! Sixteen teams from the Eastern and Western Conference will go head-to-head to determine the ultimate champion of 2008.

**Dallas @ Phoenix**
Sunday 6 April at 9:30pm **LIVE**
**Miami @ Cleveland**
Sunday 13 April at 7pm **LIVE**
**NBA Playoffs**
From Saturday 19 April **LIVE**

BUNDES LIGA

More goals galore from Luca Toni's Bayern Munich in the Bundesliga.

LIVE Matches to be confirmed

**Bundesliga Highlights**
Mondays at 6:00pm

For further information call **27 270 270**

# April **LIVE** Highlights

melitasports
www.melitasports.com



**The Red Bull Air Race World Series 2008** starts in Abu Dhabi which will see 12 of the world's top pilots competing in what is expected to be the most exciting season yet.

**Abu Dhabi**
Date to be confirmed



The nations against nations World Cup of Motorsport goes east for the penultimate race of this thrilling season.

A1GP World Cup of Motorsport™

**A1GP of China**

**Shanghai Qualifier**
Saturday 12 April at 5pm **LIVE**
**Shanghai Main Race**
Sunday 13 April at 9am **LIVE**



**Red Bull X-Fighters** roars around the World: the 2008 tour comes up with more inspiring FMX playgrounds and themes.

**Mexico City, Mexico**
Monday 7 April at 9:00pm




© WWE

World Wrestling Entertainment™

WrestleMania 24, the biggest and most spectacular event of the year, invades the Citrus Bowl in Orlando, Florida.

**WWE WrestleMania24**
Monday 14 April at 7pm

The schedule is subject to change, without prior notice at the Company's discretion.

# Joe Brincat




# Stilel tal-Premier

# Għamilt ħafna sagrifiċċji personali biex ilħaqt il-quċċata









***Bosta huma dawk il-plejers li bħal donnhom imwielda naturali u Joe Brincat jaqa' taħt din il-kategorija. Kif tiddeskrivi ħajtek tul il-karriera tiegħek tal-football?***

Minn dejjem kont inħobb il-logħba tal-football. Missieri Charles u ħija Vincent minn dejjem kienu nvoluti fil-football u għaldaqstant minn età żgħira kont ninteressa lili nnifsi fil-logħba. Forsi kont xi ftit fortunat għall-fatt li kien hemm bosta nies li ħadu nteress fija għax raw li nippossjedi potenzjal. Minn mindu bdejt il-karriera tiegħi, minn età żgħira, il-logħba tal-ballun inbidlet kompletament għax fejn qabel kienet konċentrata fuq l-individwalità, illum it-tattiċi huma diretti fuq il-kollettiv.

***Illum għalkemm ma għadekx tilgħab xorta waħda nvolut fil-logħba bħala coach. Kif tħares lejn it-taħriġ u l-logħba fi żmienek u kif tħarsu lejhom il-plejers tal-lum?***

Bħala taħriġ kien totalment differenti minħabba li s-sistema kienet differenti. Illum bħala coach, qed nara kemm hija diffiċli li din ir-responsabbiltà minn dik ta' plejer. Dan minħabba li wara kull logħba jew kull taħriġ kont immur nieħu shower u nitlaq minn fuq il-post. Illum il-każ huwa ferm differenti minħabba li, bħal kull coach ieħor, irrid nipprova nsolvi kull problema li tinħoloq u nservi bħala pont bejn l-iskwadra (komposta minn 24 plejers) u l-kumitat. Tidher faċli imma nassigurak li mhijiex. Imma fl-istess waqt hija esperjenza sabiħa u sfida kbira.



***Wara karriera twila li matulha rbaħt xejn inqas minn 26 unur li jinkludu kampjonati, FA Trophys, L-Aħjar Plejer tas-Sena, L-Aqwa Skorer u oħrajn, x'taħseb li kien is-sigriet wara s-suċċessi tiegħek?***

Jien naħseb li s-sigriet kien li kont dixxiplinat u ħadt kollox bis-serjetà f'dak kollu li għamilt matul il-karriera tiegħi. Dejjem ħadt pariri siewja mingħand nies ta' esperjenza li wkoll iggwidawni tant tajjeb meta l-affarijiet ma kienux sejrin kif mixtieqa. Sibt ukoll għajnuna mingħand bosta plejers li lgħabt magħhom u fattur important li wasalt fil-quċċata kien li qatt ma ħarist lura u dejjem qist il-karriera tiegħi bħala sfida u mhux sempliċiment li kont nifforma parti minn team.

Naħseb li l-problema ta' ċertu plejers hija li għandhom superjorità kumplessiva u li jaħsbu li laħqu l-quċċata meta fil-verità jkun għad fadlilhom ħafna x'jitgħallmu. Naħseb li hemm bżonn li bosta plejers żgħażagħ iridu jbiddlu l-attitudni u l-mentalità tagħhom.

***Minbarra li tkun plejer ta' kwalitajiet tajbin trid tkun persuna umli b'karattru sod biex tilħaq ċertu livell. Kemm taqbel ma' dan u liema huma dawk is-sagrifiċċji fil-ħajja ta' plejer?***

L-aktar ħaġa mportanti biex tirnexxi fil-ħajja trid tkun dixxiplinat miegħek innifsek u lest li tisma' għall-pariri. Is-suppervja u l-egoiżmu pjuttost ikissru l-karattru ta' l-individwu. Għaldaqstant wieħed irid ikun umli f'dak kollu li jagħmel għax b'hekk biss jista' jirbaħ ir-rispett ta' dawk ta' madwaru.

Il-fama tkun parti mill-ħajja privata tiegħek u għaldaqstant trid tagħti eżempju f'dak kollu li tagħmel speċjalment għas-segwaċi tiegħek u fuq kollox għat-tfal. Jien dejjem ippruvajt nimxi fuq din l-ideoloġija.

***Fi żmienek it-team nazzjonali kien kompost minn plejers kbar fosthom David Cluett, Kris Laferla, John Buttigieg, Raymond Vella, Carmel Busuttil, Charlie Scerri, Martin Scicluna u oħrajn. Kemm taħseb li jerġa' jiġi dak iż-żmien li fl-istess skwadra jkollna plejers ta' l-istess livell u min kien jolqtok l-aktar minn fost dawk il-plejers?***

Dawk il-plejers li lgħabt magħhom fit-team nazzjonali kienu validi ħafna u taw il-massimu tagħhom għal pajjiżna. Jiddispjaċini li wħud minnhom ma baqgħux irrispettati minn ċertu affarijiet bil-konsegwenza li huma minsijin għal kollox.

Fl-opinjoni tiegħi se jkun tant diffiċli għat-team nazzjonali biex jerġa' jkollu dawn il-kwalitajiet ta' plejers minħabba li l-logħba nbidlet u t-tattika hija mmirata fuq il-kollettiv.

Matul il-karriera tiegħi, minn kull plejer li lgħabt miegħu tgħallimt xi ħaġa iżda jekk ikolli nagħżel żewġ plejers, bla dubju, ikunu Raymond Vella u Carmel Busuttil.

***Niftakruk fl-aħjar żminijiet ta' Hamrun Spartans, tikkonferma l-potenzjal tiegħek ma' Floriana u tirbaħ bosta unuri ma' Birkirkara u ma' Sliema Wanderers. Liema kienet l-aktar esperjenza sodisfaċenti?***

Jien lgħabt ma' dawn l-erba' teamijiet. Kull esperjenza kienet differenti li wkoll tatni s-sodisfazzjon tagħha. Kull unur li rbaħt ma' dawn it-teamijiet huwa prezzjuż għax ma' kull team kelli l-perijodu tajjeb miegħu.

Nemmen li Hamrun Spartans kien dak it-team li witta t-triq tiegħi biex nilħaq il-quċċata għax kien proprju l-president, is-Sur Victor Tedesco, li ntroduċieni fl-ogħla diviżjoni meta kien għad kelli 16-il sena fejn eventwalment ġejt ukoll imsejjaħ mat-team nazzjonali mill-coach Guentcho Dobrev. Minn hemm qatt ma ħarist lura biex imbagħad ingħaqadt ma' Floriana, Birkirkara u Sliema Wanderers rispettivament. Forsi l-unika sfortuna li kelli kienet ma' Floriana minħabba li sofrejt injury fit-tul. Ma' Birkirkara kelli sodisfazzjon kbir minħabba li kont minn fost il-protagonisti li rbaħt il-kampjonat għall-ewwel darba fl-istorja tal-klabb. Ma' Sliema Wanderers kienu erba' snin inkredibbli minħabba li rbaħt hat-trick ta' kampjonati, fost unuri oħrajn, kif ukoll ikkwalifikajna għat-tieni rawnd preliminari tal-kompetizzjoni tal-UEFA Champions League.

***Bejn it-team nazzjonali u l-erba' klabbs li lgħabt magħhom, liema tqis fil dawk il-coaches bħala l-aktar kapaċi u komdi biex taħdem magħhom?***

Il-coaches kollha għandhom l-abbiltajiet tagħhom u dejjem tgħallimt xi ħaġa ġdida taħt ir-responsabbiltà ta' kull coach li ħdimt miegħu. Ma' kull wieħed minnhom ħassejtni komdu għax dejjem ħadt kollox bis-serjetà u kont rispettat minn kull wieħed minnhom. Iżda Guentcho Dobrev u Pietro Ghedin huma l-aktar żewġ coaches li għenuni tant fil-karriera tiegħi. Kif jaf kulħadd Dobrev ġie mill-Bulgarija fejn kellu responsabbiltà diffiċli iżda rnexxielu jibni l-bażi tat-team nazzjonali filwaqt li Ghedin żgur li ma għandu bżonn ta' l-ebda ntroduzzjoni għax fix-xogħol tiegħu huwa professjonali.

***Liema kienet dik il-partita fil-karriera tiegħek li tatek l-akbar sodisfazzjon u li kieku kellek treġġa l-arloġġ lura liema hija dik il-logħba li tixtieq terġa' tilgħab?***

Kelli bosta partiti li tawni sodisfazzjon kbir iżda nagħżel dik li fiha ddebuttajt ma' Hamrun Spartans, nhar il-31 ta' Awissu 1986, fir-rebħa ta' 2-0 fuq Sliema Wanderers, meta kelli 16-il sena minħabba li f'dak it-team kien hemm bosta plejers ta' fama fosthom Edwin Farrugia, Alex Azzopardi, Leo u Gejtu Refalo, Marco Grech, George Xuereb, Joe Zarb, Michael Degiorgio, Raymond Vella, u Stefan Sultana. Li intgħażilt f'dik l-età tenera kien ifisser li diġà kelli l-potenzjal.


SWISH
lemon
Carbonated lemon drink
















campina
YAZOO
milkdrink
The fun of growing!














campina
YAZOO
milk drink
The fun of growing!

# Bħal-lum... 21 sena ilu



## Kien nhar il-Ħadd, 29 ta' Marzu 1987...

meta fil-Barreiros Stadium ġewwa Funchal, f'Madeira, it-team nazzjonali Malti, immexxi minn Guentcho Dobrev, kien mistenni jaffronta lit-team nazzjonali tal-Portugall taħt it-tmexxija tal-coach Rui Seabra.

Kienet logħba ta' Kwalifikazzjoni minn Grupp 2 tal-Kampjonati Ewropej li kienu mistennija jsiru fil-Ġermanja tal-Lvant fis-Sajf ta' l-1988. It-team nazzjonali Malti kien magħmul minn players importanti li sal-lum għadhom fost l-idoli ta' ħafna partitarji lokali, players li diffiċli tinsa u li jnisslu rikordji sbieħ f'moħħ kulħadd.

Il-football ta' dak iż-żmien kien jintlagħab b'metodi u tattiċi differenti minn dak tal-lum. Wara telfa ta' 5–0 f'Jannar ta' l-istess sena kontra t-team qawwi ta' l-Italja, ħadd ma basar li t-team nazzjonali Malti kien kapaċi joffri wirja daqshekk konvinċenti u saħansitra jkun qiegħed jirbaħ ġewwa l-Portugall. It-team nazzjonali Portugiż niżel bil-kuluri tradizzjonali, l-aħmar u l-aħdar, filwaqt li t-team Malti libes il-kulur abjad. Quddiem attendenza ta' 10,000 partitarju Portugiż, it-team Malti kien kompost minn players ta' esperjenza u oħrajn bħall-mibki David Cluett li kien qiegħed jiddefendi l-lasti tat-team nazzjonali Malti għall-ewwel darba u għaldaqstant dak in-nhar kien qiegħed jagħmel id-debutt tiegħu. Għal David din kienet waħda mill-logħbiet memorabbli u xi ftit snin ilu niftakru jgħidli li għalkemm qabel il-logħba kien ma jiflaħx u bid-deni, l-emozzjoni u l-ħeġġa li kellu biex jiddebutta kienu tant kbar li xejn ma seta' jimpedieh milli jilgħab.

Matul dik l-istess sena kienu diversi l-players li għamlu d-debutt tagħhom taħt il-coach Dobrev, fosthom Joe Brincat, David Carabott u Joe Galea. L-aħħar riżultat pożittiv għall-Maltin kien wasal kważi sentejn qabel meta, f'Ta' Qali, konna żammejna t-team qawwi taċ-Ċekoslovakkja b'riżultat ta' 0-0.

Il-logħba bdiet u t-team Malti kien mar minn taħt wara goal skorjat minn Plácido fil-bidu tal-logħba, iżda fit-23 minuta Dennis Mizzi ġab id-draw għal pajjiżna meta minn penalty għeleb lil goalkeeper avversarju, Antonio Jesus Pereira, wara li Martin Scicluna kien twaqqa' fil-kaxxa Portugiża. Fit-tieni taqsima kulħadd stenna reazzjoni immedjata mill-Portugiżi, iżda kellu jkun Carmel Busuttil li rċieva ballun preċiż mingħand Dennis Mizzi u b'xutt sabiħ skorja biex poġġa lit-team Malti għall-ewwel darba fil-vantaġġ. Sfortunatament għat-team Malti, kellu jerġa' jkun Plácido li b'mod fortunat reġa' sab ix-xibka, fit-33 minuta, tat-tieni taqsima wara pressjoni li l-Portugiżi kienu wettqu fuq il-lasti ta' Cluett. Ta' min jgħid li għalkemm it-team Malti kellu wirja kollettiva mill-aqwa, l-aħjar players dak in-nhar kienu David Cluett, Raymond Vella, Dennis Mizzi u Carmel Busuttil.

Mat-tisfira finali tar-referee Irlandiż, Kinsella, il-players Maltin ingħaqdu f'tgħannieqa waħda biex jiċċelebraw riżultat prestiġġjuż barra minn darna miksub kontra team ta' livell ferm aħjar minn tagħna. Sal-lum it-team nazzjonali Malti ltaqa' fi tmien okkażjonijiet kontra dak Portugiż u r-riżultat tad-29 ta' Marzu, 1987, jibqa' l-uniku riżultat pożittiv kontra dan in-nazzjon.

Issa li erġajna ġejna fil-grupp magħhom, min jaf aħniex kapaċi nirrepetu s-suċċess li kienu kisbu Guentcho Dobrev u l-players tiegħu....



# Kien nhar is-Sibt, 15 ta' Marzu 2008 meta...

*... iltqajt ma' Guentcho Dobrev fejn ġedded miegħi memorji tal-passat.*

*X'inhuma l-ewwel ħsibijiet li jiġuk f'moħħok meta tiftakar fil-logħba bejn il-Portugall u Malta li ntlgħabet f'Marzu ta' l-1987?*

Dik kienet waħda mill-aħjar logħbiet li qatt irnexxielu jilgħab it-team nazzjonali Malti. Kellna team b'saħħtu u kumbattiv, il-players ma kellhomx pressjoni żejda fuqhom u kienu jemmnu fil-kapaċitajiet tagħhom.

*X'kienu l-emozzjonijiet tiegħek qabel u wara dik il-logħba?*

Jien minn dejjem kont inkun kunfidenti li naqħtu wirja tajba u qabel il-logħba kont ottimist li stajna nirbħu xi punti. Wara l-logħba kelli aktar diżappunt minn ferħ minħabba li kellna fejn nirbħu l-logħba. Kont imdejjaq l-aktar minħabba r-riżultat u mhux bil-wirja għax matul id-disgħin minuta konna perfetti.

*Liema kienu dawk il-kelmiet imnissla minnek fil-konfront tal-kontinġent Malti eżatt wara l-logħba?*

Ftit kelli kliem x'inissel. Niftakar lill-president, George Abela, jifraħ flimkien mal-membri l-oħra tad-delegazzjoni; iċ-ċelebrazzjonijiet kienu kbar u meta wasalna lura f'pajjiżna l-partitarji Maltin ġew jilqgħuna bi ħgarhom l-ajruport.

*Aktar minn 20 sena għaddew minn dak is-suċċess miksub. X'inbidel minn dak inhar sal-lum?*

Wara dawn is-snin kollha it-team nazzjonali Malti qisu reġa' beda jqum minn żminijiet mhux daqstant sbieħ. Matul is-snin disgħin uħud mill-coaches kienu jżommu wisq lit-team fid-difiża u ma jikkonċentrawx fuq il-kapaċitajiet tal-players Maltin biex joħorġu bil-ballun u jilagħbu l-logħba tagħhom. Ta' sodisfazzjon nirrimarka li dik l-iskwadra li kont bnejt u li l-età medja tagħha kienet ta' 21 sena, kienet baqgħet skwadra tajba għal ħafna snin wara.

*F'dak iż-żmien, fl-iskwadra tat-team nazzjonali Malti kien hemm players ta' livell. X'tiftakar minn dak il-grupp ta' players?*

Meta bdejt nagħżel il-players li kellhom ikunu parti mill-iskwadra nazzjonali kont dort dawra mal-kampjonati kollha u ppruvajt insejjaħ players li kienu ntelliġenti u li setgħu jadattaw rwieħhom għas-sistema li kont ser nadatta bħala coach. Kont nibbaża ħafna fuq il-pussess u s-sistema 4-4-2 u għaldaqstant bi players bħala Raymond Vella, Martin Scicluna, Dennis Mizzi, Joe Camilleri u Kristian Laferla stajt inserraħ rasi minn dak li kont qiegħed nagħmel. Minbarra dawn, players oħra li dak iż-żmien kienu għadhom żgħażagħ bħal John Buttigieg, David Cluett u Martin Gregory, kienu jikkumplimentaw l-iskwadra. Fl-aħħarnett ma nixtiqx ninsa lil Carmel Busuttil li kien l-appoġġ tat-team. Dak kien żmien ferm sabiħ, l-atmosfera kienet waħda eċċezzjonali kemm fl-MFA u kif ukoll fostna l-coaches u l-players.


FLASH BACK

MADEIRA 29.3.87

PORTUGAL 2 - MALTA, 2

Goalkeeper Cluett effects a fine save

A scoring chance for Malta in the Portuguese goalmouth

Portugal's early opening goal

Malta on the attack...

Mizzi makes it 1-1 for Malta from the penalty spot

Placido scores Portugal's late equaliser

## Portugall 2

1. Antonio JESUS Pereira (Vitoria SC)
2. Antonio Augusto Silva VELOSO (Benfica)
3. ALVARO Monteiro de Magalhaes (Benfica)
4. EDUARDO LUIS Marques Kruss Gomes (Porto)
5. Eduardo Jose Cameselle Mendez 'DITO" (Benfica)
6. Rui Antonio da Cruz FERREIRA 'NASCIMENTO (Vitoria SC)
7. JAIME Geronimo des Merces (Belenenses)
8. Antonio Manuel FRASCO Vieira (Porto); 81' Joao Rafael Dos Santos (Portimonense SC)
9. Manuel Jose Tavares FERNANDEZ (C) (Sporting CP)
10. Carlos Manuel Pereira Pinto ADAO (Vitoria Guimaraes)
11. JORGE Manuel Plácido Bravo da Costa (Chaves); 46' Gil Soares RUI BARROS (Varzin SC)

Coach: Rui Seabra

## Malta 2

1. David Cluett (Floriana FC)
2. Edwin Camilleri (Hibernians FC)
3. Alex Azzopardi (Hamrun S. FC)
4. Kris Laferla (Valletta FC)
5. Martin Scicluna (Zurrieq FC)
6. John Buttigieg (Sliema W. FC)
7. Carmel Busuttil (Rabat Ajax FC); 87' Mario Schembri II (Zurrieq FC)
8. Raymond Vella (C) (Hamrun FC)
9. Dennis Mizzi (Zurrieq FC)
10. Charles Scerri (Hibernians FC)
11. Michael Degiorgio (Hamrun S. FC); 72' Martin Gregory (Sliema W. FC.)

Coach: Guentcho Dobrev
Asst. Coach: Emmanuel Micallef

Referee: John Kinsella (Irlanda)
Linesmen: Patrick Kelly (Irlanda); Dennis McArdle (Irlanda)

Skorers: Plácido 12', D. Mizzi pen. 23', C. Busuttil 68', Plácido 78'.

## Klassifika Finali Grupp 2 – Euro 1988

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Italja | 8 | 6 | 1 | 1 | 16 | 4 | 13 |
| Svezja | 8 | 4 | 2 | 2 | 12 | 5 | 10 |
| Portugall | 8 | 2 | 4 | 2 | 6 | 8 | 8 |
| Svizzera | 8 | 1 | 5 | 2 | 9 | 9 | 7 |
| Malta | 8 | 0 | 2 | 6 | 4 | 21 | 2 |






UEFA CHAMPIONS LEAGUE

# Arsenal jeliminaw liċ-Champions Renjanti




Kontra kull mistenni Arsenal eliminaw liċ-champions renjanti, AC Milan, meta barra minn darhom rebħu bl-iskor ta' 2-0 biż-żewġ goals jaslu lejn tmiem il-partita, għal aggregate ta' l-istess skor.

B'bosta players neqsin, il-Gunners iddominaw dan il-konfront fejn, bla dubju, il-protagonista kien Cesc Fabregas li ssiġilla l-wirja metikoluża tiegħu b'goal impressjonanti minn 30 metru bogħod.

Kien hu li rebaħ il-battalja ta' nofs il-ground kontra l-players ta' fama mondjali, Kakà, Andrea Pirlo u Gennaro Gattuso biex l-attakk Milanista naqas li jkun sostnut bil-konsegwenza li kien wieħed iżolat għall-aħħar u l-goalkeeper ta' Arsenal, Manuel Almunia, rari kien impenjat.

Min-naħa l-oħra, it-team ta' Arsene Wenger, rebaħ l-inizjattiva għal bosta ħinijiet u ddetta l-andament tal-partita b'attakki nsidjużi li setgħu faċilment issarrfu f'goals.

Iva, forsi dan ir-riżultat jista' jitqies bħala sorpriża iżda Arsenal ma serqu xejn u kien jimmeritahom dan is-suċċess.

Manchester United kellhom jitħabtu biex għelbu lil Olympique Lyon u jikkwalifikaw b'aggregate ta' 2-1. Il-coach tar-Red Devils, Alex Ferguson, niżel għal din il-logħba b'team sorpriża li ma kienx fih Carlos Tevez, Owen Hargreaves u Paul Scholes. Iżda l-players żgħażagħ xorta waħda rreċiporkaw għas-sejħa tagħhom minħabba li eventwalment ħadu dak li riedu minn dan il-konfront. L-uniku goal tal-United ġie skurjat mis-solitu, Cristiano Ronaldo.

Barcellona ospitaw lil Celtic u fl-ewwel minuti aċċertaw il-kwalifikazzjoni b'goal ta' Xavi wara biss tliet minuti biex għaddew b'aggregate ta' 4-2. Forsi l-uniku punt negattiv f'din il-partita kienet l-injury ta' Lionel Messi li kienet se tbiegħdu barra mill-azzjoni għal tliet ġimgħat.

Fenerbahce marru għandu Sevilla u kkwalifikaw għall-ewwel darba fil-kwarti tal-finali wara l-għoti tal-penalties wara li dawn ta' l-aħħar rebħu 3-2 għal aggregate ta' 5-5. »



















**04.03.2008**

**Sanchez Pizjuan**

| | |
|---|---|
| **Sevilla** | **3** |
| **Fenerbahce** | **2** |

*(agg: 5-5 – Fenerbahce 3-2 bil-penalties)*

**Sevilla** - Andres Palop, Daniel Alves, Julien Escude, Ivica Dragutinovic, Adriano, Jesus Navas (Arouna Kone 105), Christian Poulsen (Enzo Maresca 91), Seydou Keita, Diego Capel, Luis Fabiano (Renato 78), Frederic Kanoute
*Coach* – Manuel Jimenez

**Fenerbahce** - Volkan Demirel, Gokhan Gonul, Lugano, Edu, Gokcek Vederson, Deivid, Selcuk Sahin (Semih Senturk 63), Mehmet Aurelio, Ugur Boral (Kazim Kazim 111), Alex (Ali Bilgin 112), Mateja Kezman
*Coach* – Zico

**Referee** – Massimo Busacca (Svizzera)
**Skorers** – D. Alves 3, K. Keita 9, F. Kanoute 41 (S); Deivid 20, 79

**04.03.2008**

**San Siro**

| | |
|---|---|
| **AC Milan** | **0** |
| **Arsenal** | **2** |

*(agg: 0-2)*

**Milan** - Zeljko Kalac, Massimo Oddo, Alessandro Nesta, Paolo Maldini, Kakha Kaladze, Gennaro Gattuso, Andrea Pirlo, Massimo Ambrosini, Kaka, Alexandre Pato, Filippo Inzaghi (Alberto Gilardino 70)
*Coach* – Carlo Ancelotti

**Arsenal** - Manuel Almunia, Bacary Sagna, Philippe Senderos, William Gallas, Gael Clichy, Emmanuel Eboue (Theo Walcott 72), Cesc Fabregas, Abou Diaby, Mathieu Flamini, Aleksandr Hleb (Gilberto 90), Emmanuel Adebayor
*Coach* – Arsene Wenger

**Referee** – Konrad Plautz (Awstrija)
**Skorers** – C. Fabregas 84, E. Adebayor 91 (A)

**04.03.2008**

**Old Trafford**

| | |
|---|---|
| **Man Utd** | **1** |
| **Oly. Lyon** | **0** |

*(agg: 2-1)*

**Man Utd** - Edwin van der Sar, Wes Brown, Rio Ferdinand, Nemanja Vidic, Patrice Evra, Darren Fletcher, Michael Carrick, Anderson (Carlos Tevez 70), Cristiano Ronaldo (Owen Hargreaves 90), Wayne Rooney, Nani
*Coach* – Alex Ferguson

**Oly. Lyon** - Gregory Coupet, Francois Clerc, Sebastien Squillaci, Cris, Fabio Grosso, Kim Kallstrom (Fred 79), Jeremy Toulalan, Juninho, Hatem Ben Arfa, Sidney Govou (Abdul Kader Keita 68), Karim Benzema
*Coach* – Alain Perrin

**Referee** – Roberto Rosetti (Italja)
**Skorer** – C. Ronaldo 41 (MU)

**04.03.2008**

**Nou Camp**

| | |
|---|---|
| **Barcellona** | **1** |
| **Celtic** | **0** |

*(agg: 4-2)*

**Barcellona** - Victor Valdes, Gianluca Zambrotta, Lilian Thuram, Carles Puyol, Silvinho, Xavi (Eidur Gudjohnsen 82), Yaya Toure (Edmilson 67), Deco, Ronaldinho, Lionel Messi (Thierry Henry 38), Samuel Eto'o
*Coach* – Frank Rijkaard

**Celtic** - Artur Boruc, Mark Wilson, Gary Caldwell, Stephen McManus, Lee Naylor, Shunsuke Nakamura, Scott Brown, Paul Hartley (Scott McDonald 78), Massimo Donati (Evander Svo 46), Aiden McGeady, Jan Vennegoor of Hesselink, Georgios Samaras 54)
*Coach* – Gordon Strachan

**Referee** – Pieter Vink (Olanda)
**Skorer** – Xavi 3 (B)

Heineken®







# Roma l-uniku team Taljan fil-Kwarti Finali

L-eroj tat-team Tork kien, bla dubju, il-goalkeeper Volkan Demirel li laqa' żewġ penalties biex xeħet lil dawk il-partitarji li għamlu l-vjaġġ f'dellirju ta' ferħ.

Chelsea ma sabu l-ebda diffikultà biex jegħlbu lil Olympiakos bl-iskor ta' 3-0 u għaddew b'aggregate ta' l-istess riżultat. Mill-bidu tal-partita t-team immexxi minn Avram Grant iddomina din il-partita u seta' anke ħareġ rebbieħ bi skor akbar.

AS Roma, ħolqu sorpriża kbira meta, fis-Santiago Bernabeu Stadium, għelbu lil Real Madrid bl-iskor ta' 2-1 biex għaddew għal aggregate ta' 4-2. It-team Taljan għaraf kif jirreżisti għall-pressjoni ta' dak Spanjol u qatt ma deher f'paniku. Għall-kuntrarju, il-players Madrileni dehru frustrati aktar ma beda jgħaddi l-ħin minħabba li ma setgħux jinfdu d-difiża avversarja.

Raul xorta waħda daħħalhom fil-partita, żewġ minuti wara li Taddei fetaħ l-iskor għal Roma, iżda d-daqqa ta' ras ta' Mirko Vucinic kienet id-daqqa mortali għal Real li ħalliet lill-partitarji tagħhom perplessi għall-aħħar.

Għall-Schalke 04 ukoll kienet l-ewwel darba li kkwalifikaw għall-kwarti finali ta' din il-kompetizzjoni meta għelbu lil FC Porto 4-1 wara l-għoti tal-penalties wara li t-team Portugiż rebaħ bl-iskor ta' 1-0.

Kienet partita li setgħet marret fuq kull naħa biż-żewġ goalkeepers avversarji jkunu l-protagonisti. Iżda dak ta' Schalke, Manuel Neuer, spiċċa bħala l-eroj tal-ġurnata meta salva tliet penalties.

L-aħħar partita, dik bejn Inter u Liverpool, intlagħbet ġimgħa tard minħabba li Milan u Inter (li t-tnejn jilagħbu f'San Siro) kellhom jilagħbu t-tieni leg f'darhom.

Liverpool għelbu lil Inter biex għall-ewwel darba fl-istorja ta' din il-kompetizzjoni saru r-raba' team Ingliż li kkwalifika għall-kwarti-finali.

Huma kienu organizzati tajjeb u wrew dixxiplina matul il-logħba kollha biex anke rnexxielhom joħorġu rebbieħa bl-iskor ta' 1-0. Minkejja li Inter ħarġu fuq l-offensiva qatt ma nkwetaw lid-difiża Ingliża għajr xi attakk iżolat bejn it-tkeċċija ta' Nicolas Burdisso, wara t-tieni ammonizzjoni, kienet ukoll determinanti għat-team ta' Roberto Mancini. Il-player tal-logħba kien il-midfielder Arġentin, Javier Mascherano, li kisser kull attakk ta' Inter bl-eroj ta' Liverpool ikun Fernando Torres li skorja l-goal importanti.













**05.03.2008**

**Dragao Stadium**
**FC Porto 1**
**Schalke 04 0**
*(agg: 1-1 – Schalke 4-1 bil-penalties)*

**Porto** – Helton, Jose Bosingwa (Mariano Gonzalez 54), Fucile, Pedro Emanuel, Bruno Alves, Lucho Gonzalez, Paulo Assuncao, Raul Meireles (Marek Cech 99 mins), Lisandro Lopez, Tarik Sektioui (Ernesto Farias 59), Ricardo Quaresma
*Coach* – Jesualdo Ferreira

**Schalke** – Manuel Neuer, Rafinha, Marcelo Bordon (Benedikt Howedes 115 mins), Mladen Krstajic, Heiko Westermann, Carlos Grossmueller (Ivan Rakitic 112 mins), Jermaine Jones, Fabian Ernst, Levan Kobiashvili, Halil Altintop, Kevin Kuranyi (Gerald Asamoah 79)
*Coach* – Mirko Slomka

Referee – Howard Webb (Ingilterra)
Skorer – L. Lopez 86 (P)
Tkeċċa – Fucile 82 (P)

**05.03.2008**

**Santiago Bernabeu**
**Real Madrid 1**
**AS Roma 2**
*(agg: 2-4)*

**Real Madrid** - Iker Casillas, Michel Salgado (Miguel Torres 64), Fabio Cannavaro, Pepe, Gabriel Heinze, Mahamadou Diarra (Royston Drenthe 61), Fernando Gago, Julio Baptista (Roberto Soldado 85), Guti, Robinho, Raul
*Coach* – Bernd Schuster

**Roma** – Alexandre Doni, Cicinho (Christian Panucci 87), Philippe Mexes, Juan, Max Tonetto, Taddei, Daniele De Rossi, Simone Perrotta (David Pizarro 76), Alberto Aquilani, Mancini (Mirko Vucinic 65), Francesco Totti
*Coach* – Luciano Spalletti

Referee - Kyros Vassaras (Greċja)
Skorers - Taddei 73, M. Vucinic 90 (R); Raul 72 (RM)
Tkeċċa – Pepe 71 (RM)

**05.03.2008**

**Stamford Bridge**
**Chelsea 3**
**Olympiakos 0**
*(agg: 3-0)*

**Chelsea** - Carlo Cudicini, Paulo Ferreira, Ricardo Carvalho, John Terry, Ashley Cole, Michael Ballack, Claude Makelele, Frank Lampard (Michael Essien 76), Joe Cole (Shaun Wright-Phillips 79), Didier Drogba, Salomon Kalou (Florent Malouda 71)
*Coach* – Avram Grant

**Olympiakos** - Antonis Nikopolidis, Michal Zewlakow, Julio Cesar, Paraskevas Antzas, Anastasios Pantos, Cristian Ledesma (Fernando Belluschi 53), Vassilis Torosidis (Mirnes Sisic 76), Predrag Djordjevic (Leonardo 57), Christos Patsatzoglou, Ieroklis Stoltidis, Darko Kovacevic
*Coach* – Panagiotis Lemonis

Referee - Manuel Mejuto Gonzalez (Spanja)
Skorers – M. Ballack 5, F. Lampard 25, S. Kalou 48 (C)

**11.03.2008**

**San Siro**
**Inter 0**
**Liverpool 1**
*(agg: 0-3)*

**Inter** - Julio Cesar, Maicon, Nelson Rivas, Cristian Chivu, Nicolas Burdisso, Patrick Vieira (Pele 77), Esteban Cambiasso, Dejan Stankovic (Luis Jimenez 84), Javier Zanetti, Zlatan Ibrahimovic (David Suazo 80), Julio Cruz
*Coach* – Roberto Mancini

**Liverpool** - Pepe Reina, Jamie Carragher, Martin Skrtel, Sami Hyypia, Fabio Aurelio, Dirk Kuyt, (John Arne Riise 81) Lucas Leiva, Steven Gerrard, Javier Mascherano (Jermaine Pennant 87), Ryan Babel (Yossi Benayoun 61), Fernando Torres
*Coach* – Rafael Benitez

Referee - Tom Henning Ovrebo (Norveġja)
Skorer – F. Torres 63 (L)
Tkeċċa - N. Burdisso 50 (I)

# Kompetizzjoni Irbaħ Heineken Champions League Bag

## Liema huma l-erba' timijiet Ingliżi li għaddew għall-Kwarti Finali?

Wieġeb ir-risposta u ibgħatha f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni Heineken, c/o 2, 'Yucca', Triq il-Ġwielaq, Swieqi SWQ 3101.
Flimkien mar-risposta trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.
It-tweġiba tajba ta' Frar/Marzu kellha tkun: Ruma u Juventus. Ir-rebbieħ huwa Tony Borg - Valletta

# Marsaxlokk F.C. - 2007/08 - Premier

www.sportivmalta.com
SPORTIV



Wara – Trevor Templeman, Renato Conceicao, Malcolm Licari, Kevin Sammut, Shawn Tellus, Gareth Sciberras, Carlo Mamo, William Camenzuli.
Fin-nofs – Mario Desira (Uffiċjal), Thomas Zahra (Uffiċjal), Jamie Pace, Aleksandar Madzar, Reuben Gauci, Luca Bugeja, Reuben Debono, Stephen Wellman, Julio Alcorse, Cedric Sciberras (Masseur), Frank Jenkins (Uffiċjal).
Quddiem – Charlo Magro, Cleaven Frendo, Peter Hartshorne (Team Manager), Robert Micallef (President), Brian Talbon (Coach), Peter Pullicino, Mark Barbara.



Luca Bugeja
20.03.1991
Goalkeeper



Reuben Debono
25.09.1974
Goalkeeper



Reuben Gauci
28.10.1983
Goalkeeper



William Camenzuli
11.02.1979
Difensur



Renato Conceicao
14.06.1981
Difensur



Charlo Magro
30.08.1974
Difensur



Carlo Mamo
23.04.1979
Difensur



Shawn Tellus
26.08.1983
Difensur



Stephen Wellman
31.08.1982
Difensur



Mark Barbara
31.03.1986
Midfielder



Jamie Pace
01.01.1977
Midfielder



Peter Pullicino
17.06.1976
Midfielder



Kevin Sammut
26.05.1981
Midfielder



Gareth Sciberras
29.03.1983
Midfielder



Trevor Templeman
25.11.1981
Midfielder



Julio Alcorse
17.09.1981
Attakkant



Cleaven Frendo
01.07.1985
Attakkant



Malcolm Licari
18.04.1978
Attakkant



Aleksandar Madzar
21.08.1978
Attakkant



Brian Talbot
Coach



Peter Hartshorne
Team Manager



Frank Jenkins
Uffiċjal



Thomas Zahra
Uffiċjal



Mario Desira
Uffiċjal



Robert Micallef
President




## Irbaħ Kit tat-Team Nazzjonali Malti!

Liema kienu t-timijiet tal-Futsal li pparteċipaw flimkien ma' Malta fi grupp 7 tal-Kampjonat Fifa Futsal World Cup 2008

---

Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mis-15 ta' April 2008:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o 2, 'Yucca', Triq il-Ġwielaq, Swieqi SWQ 3101**
Flimkien mat-tweġibiet trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.















# Malta titlef il-logħbiet kollha

Fl-aħħar ġimgħa ta' Frar fil-Padiljun ta' Corradino ġewwa Raħal Ġdid saru l-logħbiet ta' kwalifikazzjoni minn Grupp 7 tal-Kampjonati tal-Futsal organizzati mill-UEFA. Fil-grupp flimkien ma' Malta kien hemm it-timijiet nazzjonali tas-Slovenja, l-Albanija u l-Greċja. It-team ta' Slovenja, ir-rebbieħa ta' dan il-grupp ġew promossi biex jilagħbu fil-play-offs tal-FIFA Futsal World Cup li mistennija ssir f'Ottubru li ġej, fil-Brażil.

It-team Malti immexxi mill-coach mir-Repubblika Ċeka, Michael Stritz, fl-aħħar ġimgħat ippreparа bis-sħiħ biex jaqta' figura tajba fil-logħob tiegħu. L-istennija kienet l-aktar għal-logħbiet kontra l-Greċja u l-Albanija, żewġ timijiet fl-istess livell tat-team nazzjonali Malti. Fil-fatt jikkonferma dan kien ir-riżultat li t-team Malti kiseb kontra s-Slovenja fejn tilef bl-iskor kbir ta' 0-13. Din kienet l-akbar rebħa li qatt kiseb it-team Sloven barra minn daru u dan ir-riżultat jawgura tajjeb għall-konfronti diffiċli mill-play-offs li kien imisshom jilagħbu f'Marzu. Ir-rebbieħa tal-Gruppi u kif ukoll it-tieni l-aħjar żewġ timijiet klassifikati jgħaddu biex jilagħbu fil-play-offs li minnhom joħorġu dawk it-timijiet li mistennija jippartеċipaw f'isem l-Ewropa fit-Tazza tad-Dinja.

Minbarra t-telfa kontra Slovenja, Malta tilfet ukoll iż-żewġ logħbiet l-oħra minn dan il-grupp. Fiż-żewġ konfronti Malta tilfet bl-iskor minimu ta' 1-2. L-aktar bniedem sodisfatt fl-għeluq dan it-tournament kien, bla dubju, il-coach Albaniż, Edi Martinas. L-Albanija akkwistaw sitt punti min tliet logħbiet u għalih dan is-suċċess kien wieħed ferm mistenni wara li, fl-2007, it-team Albaniż kien tilef il-logħbiet kollha fil-grupp.

### FUTSAL

28.02.2008 - 18.00 hrs

**Malta** 1
N. Milailovic 36

**Greċja** 2
T. Panou 13, M. Panagiotis 21

HT 1-0 **Hibernians Pavillion**

**Malta** - Bjorn Vassallo, Benny Gialanze, John Cutajar, Timothy Ellis, Mark Ellul Sullivan, Jeanbert Gatt (Paul Bugeja), Tyron Borg, Noel Bray, Paul Bugeja, Robert Magro, Roberto Micallef, Nebiosa Milailovic
*Coach* – Michael Striz

**Greċja** – Konstantinos Pappas, Petros Stolis, Thomas Panou, Ioannis Mostrois, Oannis Delaportas, Marios Troulitakis, Stefanos Soilemas, Mourdoukoutas, Konstantinos Stamatiou, Apostolos Gaifilias, Spyridon Evangelos Gritzailia Papadopoulos (Panagiotis Morfesis)
*Coach* - Ilias Berios

**Referee** – Mario Belavy
**Assistenti** – Eduardo Jose Fernandes Coehlo, Trayan Enchev

### FUTSAL

29.03.2008 - 18.00 hrs

**Malta** 1
T. Ellis

**Albanija** 2
Z. Lumanas 2, 11

HT 0-2 **Hibernians Pavillion**

**Malta** – Bjorn Vassallo, Timothy Ellis, Tyron Borg, John Cutajar, Nebiosa Milailovic, James Ciangura, Paul Bugeja, Mark Ellul Sullivan, Noel Bray, Benny Gialanze, Jeanbert Gatt, Robert Magro
*Coach* – Michael Striz

**Albanija** – Psatha Hektor, Mehja Admir, Lumanas Zamir, Karlo Kalus, Dritan Jahal, Alban Vdlumi, Behari Adrit, Qopekas Artan, Adrian Dajko, Bilaca Fisnik
*Coach* - Martinas Edi

**Referee** – Trayan Enchev
**Assistenti** – Mario Belavy, Gabor Kovacs

### FUTSAL

02.03.2008 - 18.00 hrs

**Malta** 0

**Slovenja** 13
Goranovic 1. 22, 27, Melink 3, 20, Osojnik 11, Ibrisimovic 14, Simeunovic 28, Osredkar 29, Pertic 33, Drobnic 35, 40, 40

HT 4-0 **Hibernians Pavillion**

**Malta** – Benny Gialanze, Timothy Ellis, Tyron Borg, John Cutajar, James Ciangura, Paul Bugeja, Mark Ellul Sullivan, Noel Bray, Bjorn Vassallo, Jeanbert Gatt, Robert Magro
*Coach* – Michael Striz

**Slovenja** – Basc Urban, Osoynik Miha, Igor Kragely, Denis Ibrisimovic, Goraed Drobnic, Igor Osredkar, Benjamin Melink, Rayko Ursic, Milivose Simevnovic. Damir Pertic, Alyosa Mohoric, Slavisa Goranovic
*Coach* - Andrej Dobovicnik

**Referee** – Trayan Enchev
**Assistenti** – Eduardo Fernandes, Mario Belavy

# L-istorja tal-kampjonat Malti hija tant interessanti!



***Kif beda l-interess tiegħek fil-football?***

Jien twelidt u għext fil-villaġġ ta' Nijverdal li jinsab bejn Zwolle u Enschede, fil-Lvant ta' l-Olanda. In-nies tal-villaġġ tiegħi huma partitarji ta' Zwolle, Twente Enschede jew Go Ahead Eagles. Jien insegwi lil dawn ta' l-aħħar.

Jien ġej minn familja ffissata fuq il-logħba tal-football fejn missieri u żewġ ħuti subien kollha kienu jilagħbu.

Jien kont nilgħab ukoll, mat-team semi-professjonali, Hulzense Boys, u kont qed naspira li jkolli karriera iżda meta kelli 21 sena kelli żewġ injuries koroh, fl-istess post, fejn qtajt il-ligamenti ta' l-irkoppa u għaldaqstant kelli nieqaf ħesrem. Kien mument diffiċli ħafna għalija. Bdejt nilgħab minn meta kelli ħames snin u eventwalment lgħabt ukoll (għal tliet snin) ma' SOS Hellendoorn qabel ma ingħaqadt ma' Hulzense Boys.

***Kienet din l-injury li ġegħlitek tibda tiġbor l-istatistika dwar il-football?***

Le. L-istatistika bdejt niġborha minn mindu bdejt naf naqra u nikteb, fl-età ta' seba' snin. Kont nikteb ir-riżultati kollha tal-kampjonati Olandiżi, bil-line-ups u skorers kif ukoll kont niġbor ukoll statistika fuq it-team nazzjonali.

Kien meta kelli 16-il sena li bdejt ninteressa lili nnifsi f'kampjonati barranin kif ukoll nanalizza l-istatistika li kont niġbor. Kont nixtri bosta magazines tal-football iżda wieħed minnhom kien speċjali minħabba li kien jagħti xi informazzjoni dwar il-kampjonati tal-pajjiżi ż-żgħar, bħal San Marino, Andorra, Ċipru, Lussemburgu u Malta. Sa dak iż-żmien qatt ma kelli l-ħsieb li nidħol fid-dettal dwar xi statistika ta' dawn il-pajjiżi imma sempliċiment kont niġbor ir-riżultati u klassifiki.

***Allura kif bdiet l-imħabba tiegħek lejn il-football Malti?***

Jien kont nixtri kull xorta ta' magazines tal-football u f'dak Soccer International kien hemm artiklu fuq Malta. Kien wieħed interessanti ferm dwar l-istorja tal-football Malti kif ukoll dwar xi protest li team tal-Premier kien ressaq fejn sostna li ried walk-over. Kien artiklu li laqatni ferm, tant, li kont urejtu lil sħabi. U minn hemm bdejt

# - Lennard Kelder

nistaqsi lili nnifsi bosta mistoqsijiet dwar il-kampjonat Malti, fi gżira f'nofs il-Mediterran b'popolazzjoni tant żgħira. Kienu mistoqsijiet li ġegħluni mmur infittex, fil-biblijoteka nazzjonali, dwar il-pajjiż kif ukoll dwar il-football. Kont diġà bdejt infittex fuq San Marino u Andorra iżda r-riċerka fuq Malta kienet aktar interessanti u ddeċidejt li nżur din il-gżira, fl-1993. Minkejja li Malta hija pajjiż żgħir, għandha storja kbira li hija ħasra kbira li mhijiex daqstant apprezzata mill-Maltin stess.

*X'ispirak biex bdejt tiġbor din l-istatistika dwar il-kampjonat Malti?*

Qabel ġejt Malta għall-ewwel darba għamilt pjan ta' kif kont se nqatta' l-ġranet. Ma ġejtx Malta għal btala iżda ġejt biex niġbor l-informazzjoni li xtaqt. U għaldaqstant l-ewwel post fuq l-aġenda tiegħi kien l-MFA. Iżda ħriġt diżappuntat ħafna għall-fatt li ma kellhomx dak li bdejt nistaqsi għalih. Ma rridx niġi miftiehem ħażin għax ippruvaw jgħinuni kemm setgħu iżda dawk li rawni diġà kelli.

Fil-magazine Soccer International kien hemm l-isem ta' John Formosa bħala l-kontributur Malti u għalhekk għamilt minn kollox biex nikkuntattjah. Inxexxieli u bqajt mistgħaġeb bl-informazzjoni li kellu fuq il-football Malti iżda ma kienux f'forma ta' rekords. Għal dan il-għan iddeċidejt li "l-irowl" tiegħi f'Malta għandu jkun li din l-informazzjoni nittrasformana f'rekords.

Dik il-ġimgħa li għamilt Malta bqajt impressjonat bil-pajjiż u fuq kollox bl-ospitalità tal-Maltin. Dort bosta pajjiżi iżda qatt ma ħassejtni daqshekk komdu. Bħal donnu li kont ilni naf ċertu nies minkejja li ltqajt magħhom għall-ewwel darba.

*Kif tiġbor l-istatistika meta int tgħix f'pajjiż barrani u ssib għajnuna mill-Maltin?*

Jien bqajt f'kuntatt kontinwu ma' John Formosa u naħseb li ma kinetx għall-għajnuna tiegħu ma nafx jekk kontx inkompli bir-riċerka u l-istatistika. John huwa ġentlom ta' veru.

Mill-1993, bqajt niġi fuq bażi regolari u lqajt ma kull xorta ta' nies. Kien hemm min ġenwinament għeni u kien hemm ukoll li wera ċertu xettiċiżmu.

Klabbs bħal Lija Athletic, Balzan Youths u Mellieħa huma minn fost il-klabbs iż-żgħar li dejjem sibt koperazzjoni minnghandhom. Iżda min-naħa l-oħra kont diżappuntat li kien hemm klabbs oħra bħal Birkirkara u Sliema Wanderers li ma wrew l-ebda nteress biex jgħinuni jew jgħadduli xi tip ta' informazzjoni.

Ma nafx, imma l-fatt li forsi jarawni bħala barrani li jien interessat fil-football lokali jaħsbu li hija xi ċajta. Innotajt li teżisti passività kbira fost il-Maltin dwar il-logħba domestika. Naħseb il-kampjonat Malti huwa aktar segwit minn fuq il-ġurnali milli mill-Istadium Nazzjonali stess. Dan ikkonferma tu waqt il-Malta International Tournament li l-attendenzi kienu tant miżeri. Jien ġejt mill-Olanda biex insegwi t-team Malti f'dan it-tournament.

Inqis din ir-riċerka u l-istatistika bħala sfida personali. Xi kultant ir-riċerka hija tant diffiċli minħabba li nsib li l-istatistika hija żbaljata. Għaldaqstant ta' kull darba jkolli nirreferi għand John Formosa għall-korrezzjoni.

*Għaliex iddeċidejt li tiġi Malta biex issegwi l-Malta International Tournament?*

Jiena ffissat fuq it-team nazzjonali Malti. Fil-passat ġie li segwejthom u dan it-tournament tani l-opportunità biex narahom fl-azzjoni tliet darbiet. Kont naf li dan it-tournament kien se jservi bħala preparamenti għall-preliminari tat-Tazza tad-Dinja 2010 iżda qatt ma ppretendejt li t-team Malti kien se jilgħab bil-"bibien magħluqa" wara r-riżultati sodisfaċenti li kiseb f'dawn l-aħħar xhur.

Ma nistax nifhem kif il-Maltin jabbandunaw lit-team nazzjonali. Żgur li ma għandhom l-ebda skuża għall-vjaġġi fit-tul minħabba li Ta' Qali huwa ċentru u jintlaħaq minn kulħadd.

Iva, ħriġt diżappuntat li dan it-tournament intlagħab fi ground vojt. Kont qed nantiċipa li nara l-briju tal-Maltin wara li kulħadd qalli li l-partitarji Maltin huma minn fost l-aktar storbjużi, l-aktar il-Beltin u l-Ħamruniżi!!

*Kif tikklassifika l-football Malti jew aħjar il-kampjonat Premier imqabbel ma' dawk barranin?*

Ma tantx wieħed jista' jikklassifika l-kampjonat Malti ma' dawk barranin. Il-livell tal-football Malti huwa semi-professjonali filwaqt li l-football madwar l-Ewropa jintlagħab fuq bażi professjonali.

Jekk forsi Ċipru huwa meqjus pajjiż żgħir, dawn għamlu pass ta' ġgant fl-iżvilupp tal-football minħabba li l-gvern attwali jinvesti ħafna flus fl-isport u għaldaqstant l-infrastruttura qed tħalli l-frott mixtieq.

Fir-realtà, fil-każ ta' Malta l-affarijiet huma kompletament differenti. Jien nitkellem ma' bosta nies u jidher li t-tmexxija tal-klabbs Maltin tiddependi fuq individwi b'riżorsi limitati ħafna. Ma nafx x'inhuma l-problemi tal-pajjiż iżda, skond ma nisma', l-isport Malti ma għandux dak l-investiment biex jiżviluppa b'mod konsistenti fil-livell ta' pajjiżi oħra li huma meqjusa żgħar.

*Min huwa l-aktar player Malti favorit tiegħek?*

Carmel Busuttil. Fiż-żmien meta kont qed ninteressa lili nnifsi fil-football Malti, Carmel, flimkien ma' John Buttigieg kien jilgħab f'kampjonat barrani. Filwaqt li John kien jilgħab ma' Bradford, fl-Ingilterra, Carmel kien jilgħab ma' KRC Genk, fil-Belġju.

Kull tmiem il-ġimgħa kont insegwih fuq it-televiżjoni. Nista' ngħid ukoll li kien wieħed mill-aqwa players ta' dak iż-żmien fit-team ta' Genk. Illum Carmel huwa meqjus bħala player leġġendarju għal Genk. Infatti, dan l-aħħar il-klabb ippubblika ktieb bl-aħjar 25 players ta' kull żmien u propju Carmel huwa wieħed minnhom.

*Bħala partitarju Olandiż, x'kienet ir-reazzjoni tiegħek meta Malta tilfet 12-1 kontra Spanja, fil-21 ta' Diċembru, 1983, f'Sevilla li kienet tfisser l-eliminazzjoni ta' l-Olanda mill-edizzjoni finali tat-Tazza tan-Nazzjonijiet 1984?*

Rabja kbira. Erbat ijiem qabel Malta kienet tilfet 6-0 kontra l-Olanda u għaldaqstant Spanja riedu jirbħu b'differenza ta' 11-il gowl. Kienet missjoni mpossibbli għall-Ispanjoli biex jagħmlu dan meta wieħed iqis li r-riżultat fi tmiem l-ewwel taqsima kien dak ta' 3-1.

Dan ir-riżultat se jibqa' tebgħa kbira fl-istorja tal-football Olandiż. Kien hemm bosta spekulazzjonijiet dwar ir-riżultat ta' din il-partita billi kulħadd qal tiegħu. L-istampa Olandiża staqsiet bosta mistoqsijiet li qajmu ċerti dubji dwar din il-logħba.

Ir-riżultat hu dak li hu u ħadd ma jista' jreġġa' l-arloġġ lura. Iżda kienet ħasra li l-Olanda kellhom jiġu eliminati b'dak il-mod minħabba li f'dak il-perijodu kellhom il-bażi tal-players li, fl-1988, rebħu t-Tazza tan-Nazzjonijiet.








KooGa


CROSSE & BLACKWELL

# ...bla kumment!














# Stoner jibda id-difiża tat-titlu b'rebħa fil-Qatar

Iċ-champion renjanti tal-Moto GP, l-Awstraljan Casey Stoner, beda d-difiża tat-titlu tiegħu b'rebħa fl-ewwel tellieqa ta' l-istaġun li saret, f'Doha, il-Qatar.

Huwa niżżel ismu fl-istorja ta' dawn il-kampjonati mondjali tal-muturi meta rebaħ l-ewwel tiġrija li saret taħt id-dawl artifiċjali.

Is-sewwieq Awstraljan mill-ewwel wera x'kienu l-intenzjonijiet meta sa mill-bidu huwa ħareġ jattakka lil sħabu u dejjem żamm il-pożizzjoni tiegħu mas-sewwieqa fl-isfida għar-rebħ ta' din it-tiġrija biex eventwalment daħal f'ħin ta' 42'36"587, quddiem l-Ispanjol Jorge Lorenzo u Dani Pedrosa.

"Ninsab kuntent ħafna li rbaħt l-ewwel tiġrija tal-Moto GP taħt id-dawl artifiċjali, xi ħaġa li qatt ma saret fil-passat. Mil-lat tat-tellieqa naħseb li din ir-rebħa nqisha wkoll bħala l-preludju għal dan l-istaġun li jidher li se jkun wieħed missielet. Iżda nemmen li se nerġa' nkun sfida denja grazzi għax-xogħol kontinwu u siewi tal-mekkaniċi tagħna," qal Stoner.












**Punti - Sewwieqa**

| | |
|---|---|
| Casey Stoner | 25 |
| Jorge Lorenzo | 20 |
| Dani Pedrosa | 16 |
| Andrea Dovizioso | 13 |
| Valentino Rossi | 11 |
| James Tosland | 10 |
| Colin Edwards | 9 |
| Loris Capirossi | 8 |
| Randy Du Puniet | 7 |
| Nicky Hayden | 6 |
| Marco Melandri | 5 |
| John Hopkins | 4 |
| Shinya Nakano | 3 |
| Toni Elias | 2 |
| Sylvain Guintoli | 1 |

**Punti - Kostrutturi**

| | |
|---|---|
| Ducati | 25 |
| Yamaha | 20 |
| Honda | 16 |
| Suzuki | 8 |
| Kawasaki | 4 |

**Riżultati u Ħinjiet**

| Poż | Sewwieq | Pajjiż | Team | Ħin |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Casey Stoner | Awstralja | Ducati | 42'36"587 |
| 2 | Jorge Lorenzo | Spanja | Yamaha Fiat | 42'41"910 |
| 3 | Dani Pedrosa | Spanja | Honda Repsol | 42'47"137 |
| 4 | Andrea Dovizioso | Italja | Honda JiR | 42'49"875 |
| 5 | Valentino Rossi | Italja | Yamaha Fiat | 42'49"892 |
| 6 | James Tosland | G. Britannja | Yamaha Tech 3 | 42'50"627 |
| 7 | Colin Edwards | Stati Uniti | Yamaha Tech 3 | 42'51"737 |
| 8 | Loris Capirossi | Italja | Suzuki | 43'09"092 |
| 9 | Randy Du Puniet | Franza | Honda LCR | 43'09"590 |
| 10 | Nicky Hayden | Stati Uniti | Honda Repsol | 43'14"941 |
| 11 | Marco Melandri | Italja | Ducati | 43'20"871 |
| 12 | John Hopkins | Stati Uniti | Kawasaki | 43'26"444 |
| 13 | Shinya Nakano | Ġappun | Honda Gresini | 43'26"458 |
| 14 | Toni Elias | Spanja | Ducati Alice | 43'35"119 |
| 15 | Sylvain Guintoli | Franza | Ducati Alice | 43'35"517 |






Kimi Raikkonen (Finland) - Ferrari


Fernando Alonso (Spain) - Renault


Nelsinho Piquet (Brazil) - Renault


Nico Rosberg (Germany) - Williams


Jarno Trulli (Italy) - Toyota


Timo Glock (Germany) - Toyota


Sebastien Bourdais (France) - Toro Rosso


Takuma Sato (Japan) - Super Aguri


Anthony Davidson (Britain) - Super Aguri


Adrian Sutil (Germany) - Force India

# Is-Sewwieqa kollha tal-Formula 1 – Staġun 2008



Felipe Massa (Brazil) - Ferrari



Nick Heidfeld (Germany) - BMW Sauber



Robert Kubica (Poland) - BMW Sauber



Kazuki Nakajima (Japan) - Williams



David Coulthard (Britain) - Red Bull



Mark Webber (Australia) - Red Bull



Sebastian Vettel (Germany) - Toro Rosso



Jenson Button (Britain) - Honda



Rubens Barrichello (Brazil) - Honda



Giancarlo Fisichella (Italy) - Force India



Lewis Hamilton (Britain) - McLaren



Heikki Kovalainen (Finland) - McLaren






## MELLOW SATURDAYS

Take it easy on Saturdays, join us at the ORVM lounge and piano bar for our delicious mini buffet offering an ideal location to hang out and unwind after a busy week. Mellow Saturdays offer a varied array of cereals, sandwiches, hot appetizers and mouth watering desserts served between 13.30 and 15.30.



## CHOCOLATE TREAT AT THE WESTIN

Indulge yourself in our exceptional chocolate treat served every Sunday at the ORVM Lounge and Piano Bar between 15.00 and 18.00. Thick Chocolate drinks and enticing chocolate desserts are served in the lush surroundings of the ORVM Lounge and Piano Bar.

Please call on 2138 1000 to reserve your table or e mail westin.dragonara@westin.com
Free Parking will be offered to all patrons.

www.starwoodmalta.com/westin





# Hamilton jirbaħ

## l-ewwel Grand Prix ta' l-istaġun

Minkejja l-ħafna aċċidenti li kkaratterizzaw l-ewwel Grand Prix ta' l-istaġun 2008 tal-Formula Wieħed, il-Britanniku Lewis Hamilton, fuq karozza McLaren, ħareġ rebbieħ fit-tentattiv li ipatti għad-diżappunt ta' sena ilu u jirbaħ it-titlu mondjali.

Il-Britanniku ta' 23 sena spiċċa 5.4 sekondi quddiem il-Ġermaniż Nick Heidfeld ta' BMW Sauber. Il-Ġermaniż Nico Rosberg fuq Williams daħal fit-tielet post biex tela' wkoll għall-ewwel darba fuq il-podju.

Iżda t-tiġrija f'Melbourne kienet ikkaratterizzata mill-ħafna aċċidenti tant li mit-22 karozza li bdew it-tiġrija, kienu biss sebgħa li spiċċawha.

Fost il-karozzi li ma spiċċawx it-tiġrija kien hemm dawk tal-Ferrari biex it-team Taljan, champion renjanti tal-kostrutturi, kellu l-agħar bidu ta' l-istaġun mill-1992. Madankollu Kimi Raikkonen rebaħ punt wara li Rubens Barrichello, li spiċċa fis-sitt post, ġie skwalifikat wara li ħareġ mill-pits meta d-dawl kien għadu aħmar.

Is-safety car kellha tinħareġ tliet darbiet minħabba l-ħsarat u l-kollużjonijiet tal-karozzi. L-ewwel darba li ħarġet is-safety car kien fl-ewwel dawra mal-ftuħ wara li ħames sewwieqa kellhom jirtiraw fosthom l-uniku sewwieq Awstraljan, Mark Webber. It-tieni darba li ħarġet is-safety car kien kważi f'nofs it-tiġrija wara li Felipe Massa tal-Ferrari ħabat ma' David Coulthard fuq RedBull.

Il-Ġermaniż tat-Toyota, Timo Glock, wassal għall-ħruġ tas-safety car għat-tielet darba fl-44 dawra wara li tilef il-kontroll, il-karozza tiegħu nqatgħet mill-art u baqgħet diehla fil-barriers. Iżda minkejja l-iżvantaġġi li bdiet toħloq is-safety car fuq il-vantaġġ ta' Hamilton, il-Britanniku, li beda wkoll mill-pole position, kien fi klassi għalih.

Hamilton kien sodisfatt b'dan is-suċċess meta qal: "Ridna li jkollna bidu pożittiv ta' l-istaġun u din ir-rebħa hija differenti mill-oħrajn għax inħoss li għamilt progress f'kull livell. Ma nistax ngħid li kienet rebħa perfetta iżda bil-mod li wżajt it-tyres, ikkontrollajt it-tiġrija u l-kunfidenza u l-kumidtà li kelli fil-karozza allura nista' ngħid li kelli l-aħjar tigrija fil-karriera tiegħi".

Fernando Alonso, li fl-istaġun li għadda kien involut f'diversi kontroversji mal-McLaren, spiċċa fir-raba' post fir-ritorn tiegħu ma' Renault segwit fil-ħames post minn Heikki Kovalainen tal-McLaren u l-Ġappuniż Kazuki Nakajima fuq Williams.

Iż-żewġ punti tas-seba' post intrebħu mill-Franċiż ta' Toro Rosso, Sebastien Bourdais.

Bourdais, champion taċ-Champ Car għal erba' darbiet, huwa l-ewwel sewwieq Franċiż li beda l-istaġun tal-Formula Wieħed mill-2004.

### Riżultati u ħinijiet Grand Prix ta' l-Awstralja





| | Sewwieq | Pajjiż | Team | Ħin |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Lewis Hamilton | (Britannja) | McLaren | 1:34:50.616 |
| 2. | Nick Heidfeld | (Ġermanja) | BMW Sauber | +00:05.478 |
| 3. | Nico Rosberg | (Ġermanja) | Williams - Toyota | 00:08.163 |
| 4. | Fernando Alonso | (Spanja) | Renault | 00:17.181 |
| 5. | Heikki Kovalainen | (Finlandja) | McLaren | 00:18.014 |
| 6. | Kazuki Nakajima | (Ġappun) | Williams - Toyota | 1 lap |
| **Irtiraw** | | | | |
| 7. | Sebastien Bourdais | (Franza) | Toro Rosso - Ferrari | 3 laps |
| 8. | Kimi Raikkonen | (Franza) | Ferrari | 5 laps |
| | Robert Kubica | (Polonja) | BMW Sauber | 11 laps |
| | Timo Glock | (Ġermanja) | Toyota | 15 laps |
| | Takuma Sato | (Ġappun) | Super Aguri - Honda | 26 laps |
| | Nelson Piquet | (Brażil) | Renault | 28 laps |
| | Felipe Massa | (Brażil) | Ferrari | 29 laps |
| | David Coulthard | (Britannja) | RedBull - Renault | 33 laps |
| | Jarno Trulli | (Italja) | Toyota | 39 laps |
| | Adrian Sutil | (Ġermanja) | Force India - Ferrari | 50 laps |
| | Mark Webber | (Awstralja) | RedBull - Renault | 58 laps |
| | Jenson Button | (Britannja) | Honda | 58 laps |
| | Anthony Davidson | (Britannja) | Super Aguri - Honda | 58 laps |
| | Sebastian Vettel | (Britannja) | Toro Rosso - Ferrari | 58 laps |
| | Giancarlo Fisichella | (Italja) | Force India - Ferrari | 58 laps |
| **Skwalifikat** | | | | |
| | Rubens Barrichello | (Brażil) | Honda | +00:52.453 |






# Raikkonen jirbaħ b'mod faċli

Iċ-champion renjanti tal-Formula Wieħed, il-Finlandiż Kimi Raikkonen, rebaħ b'mod faċli il-Grand Prix tal-Malasja li sar fiċ-ċirkwit ta' Sepang.

Is-sewwieq tal-Ferrari qabeż fl-ewwel post wara li sieħbu, il-Brażiljan Felipe Massa, ikkommetta żball (li sa dak il-ħin kien fl-ewwel post) bil-konsegwenza li anke kellu jirtira mit-tiġrija wara tletin dawra.

Minn dak il-mument, Raikkonen qatt ma ħares lura u beda jżid il-vantaġġ b'mod gradwali biex eventwalment daħal f'ħin ta' 1:31:18.555, b'vantaġġ ta' 19.57 sekondi, quddiem il-Polakk Robert Kubica (fuq BMW Sauber), u l-Finlandiż Heikki Kovalainen (McLaren) li daħal fit-tielet post.

Is-sewwieq Brittanniku tal-McLaren, Lewis Hamilton, li beda mid-disa' pożizzjoni wara li ġie penalizzat ħames postijiet wara li nstab ħati li fil-provi uffiċjali ostakola lil Nick Heidfeld, spiċċa fil-ħames post wara li tilef bosta sekondi prezzjużi meta għamel l-ewwel pit-stop tiegħu.

Qablu spiċċa t-Taljan Jarno Trulli (Toyota) li matul it-tellieqa kien fi sfida diretta ma' Kovalainen li min-naħa tiegħu wkoll ġie penalizzat bħal Hamilton wara li nstab ħati li ġurnata qabel ostakola lill-Ispanjol, Fernando Alonso (Renault) biex beda dan il-Grand Prix mit-tmien pożizzjoni. Kellha tkun waqfa fil-pit-stop ta' Trulli biex Kovalainen approfitta mit-tielet post. Fis-sitt post daħal il-Ġermaniż, Nick Heidfeld (BMW Sauber) quddiem l-Awstraljan Mark Webber (Red Bull) li rebaħ id-dwell tiegħu ma' Fernando Alonso.

B'din ir-rebħa Raikkonen tela' jokkupa t-tieni post bi 11-il punt, tliet punt distakk mil-leader tal-klassifika, Hamilton, filwaqt li Massa għadu qed ifittex l-ewwel punti tiegħu. Dan ifisser li wara li saru l-ewwel żewġ Grand Prix ta' l-istaġun, l-isfida ewlenija se tkun missielta bejn Hamilton u Raikkonen.

"Ninsab kuntent ħafna b'din ir-rebħa minħabba li qed inżomm il-pass tiegħi mal-leader tal-klassifika, wara dak il-bidu diżastruż, fl-Awstralja. Qed inħossni diżappuntat għall-kollega tiegħi, Felipe, li wara wirja tant tajba kellu jirtira mit-tiġrija wara t-tletin dawra. Iżda minkejja dan, xorta waħda qed inqis li Felipe se jkun wieħed mill-isfidanti minħabba li għad fadal ħafna tiġrijiet xi jsiru.

"Nista' ngħid li llum il-karozza ħadmet fil-perfezzjoni biex stajt nirbaħ b'vantaġġ sostanzjali fuq l-eqreb rival tiegħi.

"Ma nistax nistaqsi għal aktar filwaqt li nirringrazzja lill-mekkaniċi kollha tat-team tal-Ferrari għal dan is-suċċes," temm jgħid Raikkonen.

# Riżultati u ħinijiet Grand Prix tal-Malasja

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Ferrari | 1:31:18.555 |
| 2. | Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber | +00:19.570 |
| 3. | Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren | 00:38.450 |
| 4. | Jarno Trulli (Italja) Toyota | 00:45.832 |
| 5. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 00:46.548 |
| 6. | Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber | 00:49.833 |
| 7. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 01:08.130 |
| 8. | Fernando Alonso (Spanja) Renault | 01:10.041 |
| 9. | David Coulthard (Britannja) Red Bull | 01:16.220 |
| 10. | Jenson Button (Britannja) Honda | 01:26.214 |
| 11. | Nelson Piquet (Brażil) Renault | 01:32.202 |
| 12. | Giancarlo Fisichella (Italja) Force India | 1 lap |
| 13. | Rubens Barrichello (Brażil) Honda | 1 lap |
| 14. | Nico Rosberg (Ġermanja) Williams | 1 lap |
| 15. | Anthony Davidson (Britannja) Super Aguri | 1 lap |
| 16. | Takuma Sato (Ġappun) Super Aguri | 2 laps |
| 17. | Kazuki Nakajima Ġappun) Williams | 2 laps |

**Irtiraw**

| | |
|---|---|
| Sebastian Vettel (Ġermanja) Toro Rosso | 17 laps |
| Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 26 laps |
| Adrian Sutil (Ġermanja) Force India | 51 laps |
| Timo Glock (Ġermanja) Toyota | 55 laps |
| Sebastien Bourdais (Franza) Toro Rosso | 56 laps |

**Klassifiċi Sewwieqa**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 14 |
| 2. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Ferrari | 11 |
| 3. | Nick Heidfeld (Ġermanja) BMW Sauber | 11 |
| 4. | Heikki Kovalainen (Finlandja) McLaren | 10 |
| 5. | Robert Kubica (Polonja) BMW Sauber | 8 |
| 6. | Nico Rosberg (Ġermanja) Williams | 6 |
| 7. | Fernando Alonso (Spanja) Renault | 6 |
| 8. | Jarno Trulli (Italja) Toyota | 5 |
| 9. | Kazuki Nakajima (Ġappun) Williams | 3 |
| 10. | Sebastien Bourdais (Franza) Toro Rosso | 2 |
| 11. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 2 |

**Kostrutturi**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | McLaren | 24 |
| 2 | BMW Sauber | 19 |
| 3 | Ferrari | 11 |
| 4 | Williams | 9 |
| 5 | Renault | 6 |
| 6 | Toyota | 5 |
| 7 | Red Bull | 2 |
| 8 | Toro Rosso | 2 |
















CISK Finest Quality Lager Beer




# Tkompli t-taqtiegħa bejn

# Kavallieri u Stompers





Matul ix-xahar ta' Marzu kompliet it-taqtiegħa fil-quċċata tal-klassifika bejn Kavallieri u Stompers. Fil-ħarġiet tagħhom matul dan ix-xahar, iż-żewġ timijiet dejjem ħarġu rebbieħa bi skors konvinċenti. Kavallieri kellhom rebħiet tajba kontra Alligators u Globalair Overseas, filwaqt li Stompers rebħu kontra l-istess Alligators u Overseas u kisbu wkoll il-punti wara walk over fuq it-team ta' Qormi Sharks.

Il-kampjonat ikompli nhar id-29 ta' Marzu, bl-avversarji ta' Kavallieri u Stompers jerġgħu jkunu t-timijiet ta' Alligators u Overseas, liema logħbiet kienu ġew posposti minn Jannar. U jekk Kavallieri u Stompers żammew mal-wegħdiet tagħhom, Qormi Sharks iddiżappuntaw bil-kbir wara li f'żewġ okkazzjonijiet ma kellhomx plejers biżżejjed biex jgħaqqdu team sħiħ. Kif għidna qabel kienu Stompers u kif ukoll it-team ta' Globalair Overseas li gawdew biex is-Sharks baqgħu ankrati fl-aħħar post tal-klassifika mingħajr ebda punt.

Fil-Kampjonat tan-Nisa, il-għieda għall-ewwel post bejn Sharks Saddles u Kavallieri York Cisk Excel kompliet, bix-Sharks jirbħu żewġ konfronti kontra l-avversarji tagħhom u b'Kavallieri joħorġu rebbieħa f'konfront ieħor.

Intant fl-ewwel ġurnata ta' Marzu l-MRFU saritilha żjara mill-Prim Ministru ta' Malta, Dr. Lawrence Gonzi, fejn dan ġie milqugħ mill-uffiċjali ta' l-MRFU ġewwa l-Marsa. Matul din iż-żjara, Dr. Gonzi, iltaqa' ma' uħud mill-plejers kemm nisa u rġiel u kif ukoll tkellem mal-uffiċjali dwar il-proposti futuri fir-rigward ta' infrastruttura aħjar għar-rugby f'pajjiżna.

Ix-xahar ta' Marzu ra wkoll ir-riżenja tal-President ta' l-MRFU, Juan Borg Manduca, liema riżenja waslet wara raġunijiet familjari.







## Żjara mill-Prim Ministru ta' Malta






### Kampjonat Cisk Lager - Irġiel

| Team | L | R | D | T | PF | PK | DP | PB | PTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kavallieri York Cisk Excel RFC | 7 | 7 | 0 | 0 | 295 | 89 | 206 | 6 | 34 |
| Stompers TGI Fridays RFC | 7 | 6 | 0 | 1 | 240 | 67 | 173 | 6 | 30 |
| Globalair Overseas RUFC | 8 | 4 | 0 | 4 | 164 | 130 | 34 | 5 | 21 |
| Alligators Cisk Export RFC | 7 | 1 | 0 | 6 | 78 | 231 | -153 | 2 | 6 |
| Budweiser Qormi Sharks RFC | 7 | 0 | 0 | 7 | 25 | 281 | -256 | 0 | 0 |

### Kampjonat Ben Bennet 7' s – Nisa

| Team | L | R | D | T | PF | PK | DP | PB | PTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sharks Saddles WRFC | 22 | 18 | 0 | 4 | 415 | 58 | 357 | 15 | 87 |
| Kavallieri York Cisk Excel WRFC | 22 | 15 | 0 | 7 | 467 | 94 | 373 | 14 | 74 |
| Panthers Huggins WRFC | 22 | 0 | 0 | 22 | 0 | 746 | -746 | 0 | 0 |









# Kampjonat tan-Nisa Ben Bennett 7's Tri-Championship

| | |
|---|---|
| Kavallieri York Cisk Excel WRFC | 31 |
| Panthers Huggins WRFC | 0 |
| Sharks Saddles WRFC | 15 |
| Panthers Huggins WRFC | 0 |
| Sharks Saddles WRFC | 5 |
| Kavallieri York Cisk Excel WRFC | 12 |
| Kavallieri York Cisk Excel WRFC | 48 |
| Panthers Huggins WRFC | 0 |
| Sharks Saddles WRFC | 32 |
| Panthers Huggins WRFC | 0 |
| Sharks Saddles WRFC | 25 |
| Kavallieri York Cisk Excel WRFC | 0 |
| Kavallieri York Cisk Excel WRFC | 46 |
| Panthers Huggins WRFC | 0 |
| Kavallieri York Cisk Excel WRFC | 32 |
| Panthers Huggins WRFC | 0 |
| Sharks Saddles WRFC | 48 |
| Panthers Huggins WRFC | 0 |
| Sharks Saddles WRFC | 15 |
| Kavallieri York Cisk Excel WRFC | 05 |



**Overseas RUFC Globalair** 13
**Stompers RFC TGI Fridays** 37

### HT 8 - 15 Championship

**Overseas RUFC Globalair** - S. Schembri Warren, D. Goodwin, N. West, P. Camilleri, T. Devaney, D. Psaila (captain), A. O'Reilly, C. Cassar, J. Barlogio, S. Duffy, D. Azzopardi, G. Van Reevan, C. Cachia, P. Sparling, C. Boccaccini
**Sostituti** - R. Stevenson, S. Jones, T. Paivarinta, B. Dalton, F. Dumestre
**Coach** - Philip Felice

**Stompers RFC TGI Fridays** - L. Mifsud, Z. Demajo, D. Cerketa, J. Ellul, K. Zammit, J. Tonna, J. Cornthwaite, C. Diamantino, M. Galea, C. Morten, J. Reljic, M. Fountain, A. Camilleri (captain), L. Debattista, G. Boulais
**Sostituti** - D. Mascena, M. Camilleri, C. Zammit, M. Von Brockdorff, J. Bonnici, M. Mirabelli, T. Diacono, N. Gatt, C. Zerafa, T. Vernon, S. Attard, J. Zammit
**Coach** - Noah Hardie

**Referee** - Steven Busuttil
**Skorers** - Tries - Ellul x1, Morten x2, West x1, Cornthwaite x1, Debattista x1, Azzopardi x1
**Conversion** - Reljic x1
**MOM** - Christofel Diamantino - Stompers RFC TGI Fridays

**Alligators RFC Cisk Export** 27
**Kavallieri York RFC Cisk Excel** 62

### HT 20 - 27 Championship

**Alligators RFC Cisk Export** - R. Sammut, T. Micallef, D. Cutajar, A. Cutajar, S. Cordina, T. Womack, A. Hillman, A. Morales, B. Sammut, R. Parnis-England, C. Sammut, M. Farrugia (captain), J. Acheson, K. Grixti, P. Cape
**Sostituti** - R. Elliott, R. Mizzi, M. Muscat, A. Bezzina, J. Busuttil, N. Zarb, A. Pace
**Coach** - Barry Von Moll

**Kavallieri York RFC Cisk Excel** - I. Borda, B. Miller, J. Pace, G. Attard, A. Grech Sant, J. Cutajar, D. Grima (captain), R. Bonavia, S. Doublesin, R. Attard, I. Agius, M. Bonavia, R. Vella, E. Lautier, P. Micallef
**Sostituti** - N. Borg, A. Bartolo, D. Borg, D. Schembri, A. Camilleri, K. Psaila Montford, I. Borg, B. Miller
**Coach** - Richard Beerman

**Referee** - Samuel Ramage
**Skorers** - Tries – R. Attard x1, Vella x1, Acheson x2, Cape x1, Grima x3, Camilleri x1, Doublesin x2, R. Bonavia x1, Schembri x1
**Conversions** - R. Attard x6, Acheson x2, Farrugia x1
**MOM** - Jamie Acheson - Alligators RFC Cisk Export

**Qormi Sharks RFC Budweiser** 0
**Overseas RUFC Globalair** 15

### Walk Over Championship

**Qormi Sharks RFC Budweiser** -
**Sostituti** -
**Coach** -

**Overseas RUFC Globalair** -
**Sostituti** -
**Coach** -

**Referee** -

**Stompers RFC TGI Fridays** 48
**Alligators RFC Cisk Export** 0

### HT 26 - 0 Championship

**Stompers RFC TGI Fridays** - L. Mifsud, Z. Demajo, D. Cerketa, D. Mascena, J. Ellul, J. Tonna, J. Cornthwaite, C. Diamantino, M. Galea, C. Morten, J. Reljic, M. Fountain, A. Camilleri, L. Debattista, G. Boulais
**Sostituti** - M. Camilleri, M. Von Brockdorf, M. Attard, S. Attard, J. Zammit, C. Zerafa, P. Satariano
**Coach** - Noah Hardie

**Alligators RFC Cisk Export** - R. Sammut, T. Micallef, K. Decesare, A. Bezzina, D. Cutajar, C. Bugeja, A. Hillman, T. Womack, B. Sammut, A. Acheson, D. Garcia, R. Farrugia, C. Cachia, J. Barlogio
**Sostituti** - R. Elliiott, M. Muscat, K. Grixti, A. Pace, C. Sammut, N. Zarb, J. Busuttil, R. Mizzi
**Coach** - Barry Von Moll

**Referee** - Donald Hewer
**Skorers** - Tries – G. Boulais x2, M. Camilleri, J. Cornthwaite, P. Satariano, M. Attard, D. Cerketa, M. Galea
**Conversions** - J. Reljic x3, P. Satariano
**MOM** - Max Galea - Stompers TGI Fridays

**Overseas RUFC Globalair** 20
**Kavallieri York RFC Cisk Excel** 27

### HT 15 - 5 Championship

**Overseas RUFC Globalair** - S. Schembri Warren, D. Goodwin, P. Camilleri, D. Psaila (captain), A. O'Reilly, J. Howland, P. Allen, J. Barlogio, S. Duffy, D. Azzopardi, G. Van Reevan, E. Axisa, C. Cachia, B. Dalton
**Sostituti** - T. Devaney, T. Paivarinta, C. Cassar, I. Agius, R. Stevenson, S. Jones
**Coach** - Philip Felice

**Kavallieri York RFC Cisk Excel** - J. Pace, I. Borg, I. Borda, D. Borg, J. Cutajar, P. Azzopardi, D. Grima (captain), R. Bonavia, S. Doublesin, R. Attard, K. Psaila Montford, M. Bonavia, R. Vella, M. Hutchinson, P. Micallef
**Sostituti** - A. Camilleri, A. Bartolo, G. Attard, B. Miller, P. Mangion, N. Grech, D. Schembri, A. Grech Sant, B. Miller
**Coach** - Richard Beerman

**Referee** - Steven Busuttil
**Skorers** - Tries – B. Dalton, P. Allen, D. Goodwin, C. Cassar, I. Borda, P. Azzopardi, R. Attard
**Conversion** - R. Attard x3, M. Hatchenson
**MOM** - Roderick Attard - Kavallieri York Cisk Excel

**Stompers RFC TGI Fridays** 15
**Qormi Sharks RFC Budweiser** 0

### Walk Over Championship

**Stompers RFC TGI Fridays** -
**Sostituti** -
**Coach** -

**Qormi Sharks RFC Budweiser** -
**Sostituti** -
**Coach** -

**Referee** -

Walk Over
Walk Over


New Carlsberg bottle. Too good to cover up.
DENMARK
Carlsberg
Carlsberg
Carlsberg
Carlsberg
Probably the best beer in the world

## Stompers RFC

Carlsberg Official Sponsors Season 2007/8

www.sportivmalta.com SPORTIV



Quddiem - Christopher Zammit, John Ellul, Jovan Reljic, Andrew Camilleri, Guillaume Boulais, Matthew Mirabelli (Captain), Maximilian Galea, Mark Spiteri, Jonathan Tonna
Wara - Keith Zammit, Christopher Morton, Luke Debattista, Mario Fountain, Darren Mascena, Christoffel Diamantino, Matthew Von Brockdoff, Dragan Cerketa, Antoine Bonello

www.stompersrugby.com

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET



## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 29 ta' Frar 2008

**Race 1 - Bronze 6 (3140) - 1'19"7**
1. Karnak Du Caux (Baldacchino Noel)
2. King Size Spender (Attard Gorg)
3. Giant Silvio (Camilleri Charles)
4. Sugar Candy (Mizzi Darren)

**Race 2 - Bronze 2 (3140) - 1'17"7**
1. Not To Worry (Farrugia Julian)
2. Vasterbo Lymmel (Clifton Raymond)
3. Tomali Rose (Scicluna Joseph)
4. Juliette Rodney (Attard Gorg)

**Race 3 - Bronze 4 (3140) - 1'18"7**
1. Kenor Celeste (Clifton Raymond)
2. Pondus Sunc (Schembri Gorg)
3. Deverry (Gatt Rodney)
4. Ignace Lesdelles (Portelli Frank)

**Race 4 - Bronze 1 (3140) - 1'18"6**
1. L'Echo Kerster (Zammit Brian)
2. Nashwan Boy (Debono Charlo)
3. Jeo De Touvois (Vassallo Chris)
4. Echo Lloyd (Gauci Francis Jn.)

**Race 5 - Silver 4 (3140) - 1'17"6**
1. Judon Du Cap Vert (Schembri Gorg)
2. Iptus (Debono Charlo)
3. El Paso STR (Camilleri Charles)
4. Keep Haufor (Agius Peter)

**Race 6 - Gold 5 (3140) - 1'17"4**
1. New Kid In Town (Farrugia Karmenu)
2. Joko De La Lande (Portelli Frank)
3. Junior De Bresles (Garzia Emmanuel)
4. Gigo Lloyd (Dalli Fidel)

**Race 7 - Silver 5 (3140m) - 1'18"8**
1. Inedit Du Tachen (Carabott James)
2. Qantele (Cauchi Omar)
3. Lucky Star (Formosa Shaun)
4. What's Up (Briffa Oliver)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 2 ta' Marzu 2008

**Race 1 - Bronze 3 (3140m) - 1'20"3**
1. Robin Lou (Portelli Frank)
2. Gandhi Brogard (Farrugia Karmenu)
3. Haut Les Coeurs (Fenech Mario)
4. Cost A Lot (Hili Brian)

**Race 2 - Silver 2 (3140m) - 1'18"2**
1. G Force Son (Zammit Brian)
2. Poirot (Lewis Chris)
3. Kaolin De Bannes (Fenech Anthony)
4. Jeans Des Bannes (Scicluna Joseph)

**Race 3 - Gold 3 (3140m) - 1'18"3**
1. Tough East (Mizzi Darren)
2. Gamin Launcher (Xerri Jeffrey)
3. Buck Crownline (Borg Owen)
4. Emil Brebro (Zammit Brian)

**Race 4 - Flat Race (2250m)**
1. Crocolyrique (S.Borg)
2. Tantalus (O.Briffa)
3. Saintax (D.Zammit)
4. Mick Athos (P.Abela)

**Race 5 - Gold 1 (3140m) - 1'18"6**
1. Heros De Morvil (Baldacchino Noel)
2. Massi Pioneer (Zammit Jonathan)
3. Faverol (Demanuele Tony)
4. Coinbox (Camilleri Charles)

**Race 6 - Premier (3140m) - 1'17"1**
1. Power Cape (Caruana Karl)
2. Freak (Camilleri Charles)
3. Hiracan De Brehan (Galea David)
4. Fox Waltz (Magro Charles)

**Race 7 - Gold 2 (3140m) - 1'18"4**
1. Excelsior DK (Camilleri Charles)
2. Kif Du Heurt (Farrugia Andrew)
3. Kortal Du Vivier (Ellul David)
4. United Mic (Farrugia Julian)

**Race 8 - Gold 4 (3140m) - 1'17"9**
1. BWT Mensroom (Refalo Claudio)
2. Lianger (Zahra Charles)
3. Jean Perrine (Debono Charles)
4. Le Cinq Mai (Tanti Tony)

**Race 9 - Silver 1 (3140m) - 1'19"8**
1. Elizar Laday (Farrugia Julian)
2. Indy Du Jonc (Tanti Tony)
3. Yankee De Vie (Camilleri Charles)
4. Istin (Ellul Michael)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 7 ta' Marzu 2008

**Race 1 - Bronze 4 (2140m) - 1'18"6**
1. Brightlight Sib (Cortis Alex)
2. All The World (Cassar Frencu)
3. Alias (Scerri Joseph)
4. Icash De Nancras (Scicluna Joseph)

**Race 2 - Bronze 1 (2140m) - 1'18"4**
1. Jalsovien (Carabott Etienne)
2. King Kong Simb (Bezzina Paul)
3. Tomali Rose (Camilleri Charles)
4. Pomerol Merc (Cassar Sam)

**Race 3 - Silver 5 (2140m) - 1'17"2**
1. Patriarque (Gatt Rodney)
2. Leader Changerie (Baldacchino Noel)
3. Robin Lou (Farrugia Julian)
4. Freedom Hyppinge (Camilleri Charles)

**Race 4 - Open (2140m) - 1'15"4**
**It-Tazza L-Kbira HSBC - Semi Final 1**
1. James De l'Iton (Baldacchino Noel)
2. Hans Des Landiers (Carabott James)
3. Korentin (Farrugia Julian)
4. Illico De Reville (Agius Peter)

**Race 5 - Gold 2 (2140m) - 1'16"1**
1. Kortal Du Vivier (Ellul David)
2. BWT Mensroom (Refalo Claudio)
3. Past Dream (Magro Charles)
4. Greatballs Of Fire (Vella Salvu)

**Race 6 - Open (2140m) - 1'17"6**
**It-Tazza L-Kbira HSBC - Semi Final 2**
1. Just Bourbon (Cassar Frencu)
2. Hudson Blue (Briffa John)
3. Pilot Kloster (Camilleri Charles)
4. BBS Balthazar (Farrugia Karmenu)

**Race 7 - Silver 1 (2140m) - 1'17"0**
1. Istin (Ellul Michael)
2. Speecy Gold RP (Farrugia Julian)
3. Joker Pitstop (Camilleri Charles)
4. Poirot (Lewis Chris)

**Race 8 - Bronze 3 (2140m) - 1'17"8**
1. Deverry (Gatt Rodney)
2. Lilly Ru (Farrugia Julian)
3. Jarkol D'Ivoire (Demanuele Tony)
4. Drabant Are (Cassar Frencu)



29.02.08 - Race 4 - Bronze 1



29.02.08 - Race 3 - Bronze 4

02.03.08 - Race 1 - Bronze 3



07.03.08 - Race 3 - Silver



07.03.08 - Race 6 - It-Tazza l-Kbira HSBC (Semi Final 2)



# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tas-Sibt, 15 ta' Marzu 2008

**Race 1 - Bronze 6 (2140m) - 1'18"6**
1. Flying Cowboyland (Demanuele Tony)
2. Yakin (Farrugia Julian)
3. Karnak Du Caux (Baldacchino Noel)
4. Peaceful Girl (Mizzi Darren)

**Race 2 - Bronze 2 (2140m) - 1'17"6**
1. Cost A Lot (Hili Brian)
2. Pronto Pronto (Caruana Karl)
3. Kenor Celeste (Clifton Raymond)
4. King De Beaulieu (Ellul David)

**Race 3 - Silver 4 (2140m) - 1'15"6**
1. Jump Of Glory (Camilleri Charles)
2. Qantele (Cauchi Omar)
3. Granit Toft (Gafa Emmanuel)
4. Katuelo (Mizzi Darren)

**Race 4 - Silver 3 (2140m) - 1'16"8**
1. Flying Spur (Demanuele Tony)
2. Lucky Charm (Baldacchino Noel)
3. El Paso STR (Camilleri Charles)
4. Not To Worry (Farrugia Julian)

**Race 5 - Gold 1 (2140m) - 1'16"7**
1. Staro Tonic (Camilleri Charles)
2. Freak (Vassallo Paul)
3. Race Ball (Demanuele Tony)
4. Grover I.T (Baldacchino Noel)

**Race 6 - Gold 3 (2140m) - 1'15"9**
1. New Kid In Town (Farrugia Karmenu)
2. Gamin Launcher (Xerri Jeffrey)
3. Martini As (Mizzi Darren)
4. Karl Borealis (Brincat Nazzareno)

**Race 7 - Gold 5 (2140m) - 1'16"2**
1. Jarnac Du Moulin (Farrugia Andrew)
2. Beautiful Accent (Calleja Clifforty)
3. Kancho D'Occagnes (Vassallo Chris)
4. G Force Son (Caruana Karl)

**Race 8 - Silver 2 (2140m) - 1'15"9**
1. Jeans Des Bannes (Scicluna Joseph)
2. Kaolin De Bannes (Fenech Anthony)
3. Kabak Haie Neuve (Vassallo Chris)
4. Kendo Du Chene (Bilocca Ivan)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 16 ta' Marzu 2008

**Race 1 - Bronze 5 (2140m) - 1'19"3**
1. Smokin Brodde (Baldacchino Noel)
2. Athos Leber (Briffa Ramon)
3. Glowing Star (Camilleri Charles)
4. Kiriqui (Refalo Claudio)

**Race 2 - Bronze 3 (2140m) - 1'18"1**
1. Super Chic (Ellul Michael)
2. Ignace Lesdelles (Portelli Frank)
3. Carmolas Prince (Farrugia Mario (Niger))
4. Il Est Des Ajoncs (Refalo Claudio)

**Race 3 - Gold 4 (2140m) - 1'16"7**
1. Joyful Du Douetil (Attard Jesmond)
2. Jean Perrine (Farrugia Julian)
3. Rybo Celion (Vella Salvu)
4. Killer De Caveland (Camilleri Charles)

**Race 4 - Galopp (1225m)**
1. Kohima (E.Zammit)
2. Aube Rose (R.Grima)
3. Generous Spirit (O.Briffa)
4. Crocolyrique (S.Borg)

**Race 5 - Gold 2 (2140m) - 1'16"5**
1. Permit Hanover (Baldacchino Noel)
2. Faverol (Demanuele Tony)
3. Hewillbeawinner (Cassar Sam)
4. Massi Pioneer (Farrugia Jonathan)

**Race 6 - Premier (2140m) - 1'15"6**
1. Jaholet (Briffa Benny)
2. Hiracan De Brehan (Galea David)
3. Power Cape (Caruana Pierre)
4. Breeze Brodde (Cassar Frencu)

**Race 7 - Gold 4 (2140m) - 1'17"1**
1. Emil Brebro (Caruana Karl)
2. Improve Simb (Mizzi Darren)
3. Josepha Du Hainaut (Agius Peter)
4. Shadow Fax (Ghigo Ludvig)

**Race 8 - Silver 4 (2140m) - 1'17"9**
1. Carmolas Prick (Demanuele Tony)
2. Jec De Touvois (Vassallo Chris)
3. Job Du Fosse (Farrugia Julian)
4. Joscano (Cassar Sam)

**Race 9 - Silver 2 (2140m) - 1'16"0**
1. Sorrento (Gatt Rodney)
2. Inedit Du Tachen (Carabott James)
3. Orehus Exclusive (Camilleri Charles)
4. Miami Du Coq (Ghigo Michael)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 23 ta' Marzu 2008

**Race 1 - Bronze 4 (2640m) - 1'19"3**
1. Icash De Nancras (Scicluna Joseph)
2. Julie Du Loisir (Spiteri Emmanuel)
3. Juaben (Farrugia Julian)
4. Joyau Du Tremblay (Camilleri Charles)

**Race 2 - Bronze 1 (2640m) - 1'18"7**
1. Niagara Crown (Farrugia Jonathan)
2. Pretty Post (Ellul David)
3. Echo Lloyd (Farrugia Karmenu)
4. Global Dragon (Portelli Frank)

**Race 3 - Silver 1 (2640m) - 1'17"4**
1. Super Swede (Sciberras Kevin)
2. Houston (Demanuele Tony)
3. G Force Son (Caruana Karl)
4. Sorrento (Gatt Rodney)

**Race 4 - Flat Race (1750m)**
1. Prividge Boy (E. Zammit)
2. Valley Fog (D. Zammit)
3. Miss Rouge (S. Borg)
4. Grangewood (L. Azzopardi)

**Race 5 - Gold 1 (2640m) - 1'16"6**
1. Kintaro (Schembri Gorg)
2. Black Guy (Grech Martin)
3. Issey D'Azur (Agius Peter)
4. Jaguar De France (Calleja Clifforty)

**Race 6 - Open (2140m) - 1'15"2**
**It-Tazza L-Kbira HSBC - FINAL**
1. Hudson Blue (Bilocca Ivan)
2. James De l'Iton (Baldacchino Noel)
3. Pilot Kloster (Camilleri Charles)
4. Hans Des Landiers (Carabott James)

**Race 7 - Gold 3 (2640m) - 1'16"6**
1. New Kid In Town (Farrugia Karmenu)
2. Tough East (Mizzi Darren)
3. Past Dream (Magro Charles)
4. Charlie Smitt (Debono Charlo)

**Race 8 - Silver 3 (2640m) - 1'18"5**
1. Lucky Charm (Baldacchino Noel)
2. Maestro Starline (Farrugia Julian)
3. Miami Du Coq (Ghigo Michael)
4. El Paso STR (Camilleri Charles)


15.3.08 - Race 8 - Silver 2



15.3.08 - Race 5 - Gold 1




16.3.08 - Race 4 - Galopp




16.3.08 - Race 3 - Gold 4




23.3.08 - Race 6 - It-Tazza l-Kbira HSBC - FINAL

# PLAY THE GAME

# SEPARATE YOUR WASTE






MINISTERU
GĦALL-AFFARIJIET
RURALI U L-AMBJENT
www.mrae.gov.mt

**FREEPHONE**

SERVIZZI AMBJENTALI - NUMRU WIEĦED

**8007 2210**

# ĠERREJJA TAT-TROTT

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Camilleri Charles | 84 | 13 | 12 | 14 | 10 | 7 | 15.48% | 58.33% | 177 |
| Baldacchino Noel | 83 | 14 | 6 | 4 | 2 | 14 | 16.87% | 31.33% | 132 |
| Farrugia Julian | 79 | 8 | 8 | 10 | 5 | 13 | 10.13% | 39.24% | 113 |
| Farrugia Karmenu | 25 | 6 | 4 | 1 | 2 | 4 | 24.00% | 52.00% | 62 |
| Demanuele Tony | 44 | 3 | 7 | 4 | 3 | 5 | 6.82% | 38.64% | 60 |
| Cassar Frencu | 44 | 4 | 5 | 3 | 2 | 8 | 9.09% | 31.82% | 56 |
| Mizzi Darren | 22 | 3 | 5 | 3 | 3 | 3 | 13.64% | 63.64% | 50 |
| Schembri Gorg | 40 | 4 | 3 | 4 | 1 | 6 | 10.00% | 30.00% | 49 |
| Refalo Claudio | 24 | 5 | 2 | 0 | 3 | 4 | 20.83% | 41.67% | 46 |
| Gatt Rodney | 43 | 3 | 4 | 2 | 5 | 7 | 6.98% | 32.56% | 46 |
| Ellul David | 53 | 3 | 3 | 2 | 5 | 9 | 5.66% | 24.53% | 42 |
| Ellul Michael | 22 | 4 | 0 | 3 | 2 | 3 | 18.18% | 40.91% | 36 |
| Portelli Frank | 18 | 3 | 3 | 0 | 3 | 1 | 16.67% | 50.00% | 36 |
| Bilocca Ivan | 20 | 4 | 1 | 0 | 2 | 3 | 20.00% | 35.00% | 34 |
| Debono Charlo | 19 | 2 | 3 | 1 | 3 | 2 | 10.53% | 47.37% | 31 |
| Sciculuna Joseph | 21 | 2 | 2 | 3 | 3 | 3 | 9.52% | 47.62% | 31 |

# ĠERREJJA TAT-TROTT UNDER 25

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gatt Rodney | 43 | 3 | 4 | 2 | 5 | 7 | 6.98% | 32.56% | 46 |
| Cassar Sam | 19 | 0 | 3 | 1 | 2 | 2 | 0.00% | 31.58% | 16 |
| Gerada Clive | 5 | 1 | 1 | 0 | 0 | 0 | 20.00% | 40.00% | 11 |
| Briffa James | 9 | 1 | 0 | 2 | 0 | 2 | 11.11% | 33.33% | 11 |
| Xerri Jeffrey | 6 | 0 | 2 | 1 | 1 | 1 | 0.00% | 66.67% | 11 |
| Zammit Jonathan | 9 | 0 | 2 | 1 | 0 | 3 | 0.00% | 33.33% | 10 |
| Cauchi Omar | 3 | 0 | 2 | 1 | 0 | 0 | 0.00% | 100.00% | 10 |
| Farrugia Josef | 2 | 1 | 0 | 1 | 0 | 0 | 50.00% | 100.00% | 9 |
| Portelli Shaun | 3 | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 33.33% | 33.33% | 7 |
| Vassallo Clint | 10 | 0 | 1 | 0 | 1 | 2 | 0.00% | 20.00% | 5 |
| Borg Owen | 14 | 0 | 0 | 2 | 0 | 0 | 0.00% | 14.29% | 4 |
| Ghigo Ludvig | 7 | 0 | 0 | 0 | 1 | 1 | 0.00% | 14.29% | 1 |

# ĠERREJJA TAL-GALOPP (sat-18-2-2008)

| Ġerrej | Rides | Wins | 2nd | 3rd | Pts Win | Pts Place | Pts Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BORG SARHA | 2 | 0 | 2 | 0 | 0 | 10 | 10 |
| MALLIA MATTHEW | 1 | 1 | 0 | 0 | 7 | 0 | 7 |
| ZAMMIT ERIC | 2 | 1 | 0 | 0 | 7 | 0 | 7 |
| ZAMMIT DEMIS | 2 | 0 | 0 | 1 | 0 | 4 | 4 |
| SULTANA.MICHAEL | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | 3 |
| BRIFFA OLIVER | 2 | 0 | 0 | 0 | 0 | 2 | 2 |
| AZZOPARDI LOUIS | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| CATANIA KIRSTEN | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| PACE CHARLES | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| ABELA PAUL | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| GRIMA RAMON | 1 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |



James De l`lton

# ŻWIEMEL TAT-TROTT

| Żiemel | Org | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| James De l`lton | FR | 6 | 4 | 1 | 0 | 0 | 0 | 66.67% | 83.33% | 32 |
| BWT Mensroom | SE | 6 | 4 | 1 | 0 | 0 | 0 | 66.67% | 83.33% | 32 |
| New Kid In Town | SE | 6 | 3 | 2 | 0 | 1 | 0 | 50.00% | 100.00% | 30 |
| Pilot Kloster | SE | 6 | 2 | 2 | 2 | 0 | 0 | 33.33% | 100.00% | 26 |
| Hello Classique | FR | 6 | 2 | 1 | 1 | 0 | 0 | 33.33% | 66.67% | 20 |
| BBS Balthazar | SE | 5 | 2 | 1 | 0 | 1 | 1 | 40.00% | 80.00% | 19 |
| G Force Son | SE | 6 | 2 | 0 | 2 | 1 | 0 | 33.33% | 83.33% | 19 |
| Kintaro | SE | 6 | 2 | 0 | 2 | 0 | 2 | 33.33% | 66.67% | 18 |
| Kortal Du Vivier | FR | 5 | 2 | 0 | 1 | 1 | 0 | 40.00% | 80.00% | 17 |
| Permit Hanover | DE | 5 | 2 | 0 | 1 | 0 | 1 | 40.00% | 60.00% | 16 |
| Kancho D`Occagnes | FR | 3 | 2 | 0 | 1 | 0 | 0 | 66.67% | 100.00% | 16 |
| Hudson Blue | SE | 6 | 1 | 1 | 2 | 1 | 0 | 16.67% | 83.33% | 16 |
| Freak | SE | 4 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 | 25.00% | 75.00% | 15 |
| Kelso Bricois | FR | 4 | 1 | 2 | 0 | 0 | 0 | 25.00% | 75.00% | 15 |
| Joker Pitstop | DK | 5 | 1 | 1 | 2 | 0 | 0 | 20.00% | 80.00% | 15 |

# ŻWIEMEL TAL-GALOPP (sat-18-2-2008)

| Żiemel | Org | Wins | 2nd | 3rd | € | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|
| PRINCE SOLOR | FR | 1 | 0 | 1 | 180 | 10 |
| CROCOLTRIQUE | FR | 0 | 2 | 0 | 180 | 10 |
| POUR L'AMOUR | FR | 1 | 0 | 0 | 180 | 7 |
| MINGLAZ | FR | 0 | 0 | 1 | 45 | 4 |
| TANTALUS | DE | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| FLAMINING BALLET | GB | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| FLY'S WAY | FR | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| CRESENT LADY | GB | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| SAINTAX | FR | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| MICK ATHOS | FR | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| AUBE ROSE | FR | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| KOHIMA | IRE | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |

# Malta Champions Ewropej tal-Pool



European 8-Ball Pool Championships 2008 Malta

It-team nazzjonali Malti rebaħ il-Kampjonati Ewropej ta' l-8-Ball Pool li saru ġewwa pajjiża fl-aħħar ta' Frar. Dawn il-kampjonati attiraw mhux anqas minn 230 player minn disa' pajjiżi Ewropej.

Il-kampjonati kienu maqsumin f' ħames kategoriji, dik ta' l-Irġiel A, Irġiel B, Kategorija Femminili, Żgħażagħ Taħt it-18 u Taħt il-21 sena. Malta ħadet sehem fil-kategoriji kollha.

Wara s-suċċess tar-rebħ tal-kampjonati, fis-sena 2002, it-team nazzjonali Malti A reġa' għamel impatt kbir meta għat-tieni darba kiseb dan l-unur tant prestiġġjuż. Fl-ewwel fażi tal-logħob, Malta spiċċat fit-tieni post u b'hekk ikkwalifikat għas-semi-finali. F' din il-logħba t-team Malti ltaqa kontra t-team qawwi ta' Wales u ħareġ rebbieħ bl-iskor konvinċenti ta' 8-3. Bl-istess skor it-team Ingliż għeleb lil dak ta' l-Irlanda fit-tieni semi-finali biex b'hekk Malta kellha taffronta lit-team nazzjonali Ingliż fil-final. It-team Ingliż kien kompost minn players professjonali u kien it-team rebbieħ tal-Kampjonati Mondjali li saru f'Lulju li għadda. B'appoġġ kontinwu u ħeġġa, il-players Maltin affrontaw l-isfida tat-team Ingliż u meritatament it-team Malti rebaħ bl-iskor ta' 8-4. Din kienet it-tieni darba għat-team nazzjonali Malti li rebaħ dawn il-kampjonati. Fl-2002, Malta wkoll kienet għelbet lill-Ingilterra fil-final bl-iskor ta' 8-7.

It-team Malti, immexxi minn Carmel Cilia, kien kompost minn Clint Azzopardi, Mario Cutajar, Ivan Rizzo, Clayton Attard, Stephen Mangion u Antione Cuschieri.

Fil-kategoriji l-oħra t-team Malti B safa eliminat fis-semi-finali mit-team B ta' l-Ingilterra filwaqt li t-timijiet taż-Żgħażagħ ta' Taħt it-18 u l-21 sena u dak Femminili ma kkwalifikawx għas-semi-finali.

Fil-Kampjonati ndividwali ta' Taħt it-18–il sena, il-player Malti Lydon Debono kien il-protagonista ewlieni meta fl-età tenera ta' 14–il sena wasal sal-final tal-kampjonati. Debono kien konsistenti ħafna fil-logħob tiegħu u kellu jċedi biss fil-final kontra l-player Ingliż, Steve Petty.

Fil-kategorija ndividwali ta' l-Irġiel spikka Mario Brincat li rnexxielu jasal sal-kwarti-finali u kien ferm viċin li jegħleb lill-player professjonali Ingliż u champion tad-dinja renjanti, Gareth Potts. Brincat tilef bl-iskor ta' 7-6.

Rebħa oħra Maltija waslet fil-kategorija tal-Wheelchairs meta, fil-final, il-player Malti Brian Borg, għeleb lil Phil Jones ta' Channel Islands bl-iskor ta' 4-1.

Vincent Degiorgio, segretarju ġenerali tal-Malta Pool Association u Direttur tal-Kampjonati Ewropej, kien sodisfatt bir-riżultati miksuba mill-parteċipanti Maltin kollha. Dan jinkoraġġixxi aktar lill-assoċjazzjoni sabiex tkompli taħdem biex tkabbar il-livell tal-logħba tal-Pool f'pajjiżna.

F'kummenti li ħadna mingħand is-segretarju ġenerali fi tmiem il-Kampjonati, Vincent Degiorgio, qalilna hekk…

"Organizzazzjoni ta' dan il-livell tirrikjedi ammont sostanzjali ta' xogħol. L-Assoċjazzjoni kienet ilha taħdem fuq din l-organizzazzjoni għal dawn l-aħħar sentejn. Issa wara dan l-avveniment kbir riesaq avveniment akbar, dak tal-Kampjonati Mondjali li mistennija jsiru bejn Ġunju u Lulju fi Blackpool, fl-Ingilterra. Malta, bħala rebbieħa tal-Kampjonati Ewropej tinsab fuq quddiem fil-lista tal-favoriti. Iċ-ċans tat-team nazzjonali Malti li jirbaħ dawn il-kampjonati qiegħed hemm u l-players Maltin se jippruvaw minn kollox biex dan iseħħ. Wara li jintlgħab il-logħob tal-gruppi u jiġu deċiżi t-timijiet li jikkwalifikaw, il-logħob jintlagħab fuq bażi ta' 'knock-out' u kull logħba tista' faċilment tintrebaħ jew tintilef. Dan ifisser li f'każ li Malta jirnexxielha tikkwalifika ma' l-aħħar tmienja, iċ-ċansijiet għar-rebħ jikbru. Fl-2006, Malta kisbet post fil-final ta' dawn il-kampjonati u b'hekk il-players Maltin jinsabu aktar fiduċjużi li jistgħu jilħqu l-ogħla targa li twassal għar-rebħ ta' l-akbar unur li toffri l-logħba tal-Pool. F'dawn il-kampjonati jieħdu sehem mhux anqas minn sittax–il pajjiż li jinkludu l-Awstralja, Afrika t'Isfel, Kenja, West Indies, Ingilterra, Skozja, Wales, Irlanda, l-Irlanda ta' Fuq, Channel Islands, Franza, Belġju, Spanja, Greċja u Malta."



Fl-aħħarnett staqsejna lil Vincent Degiorgio dwar l-operat ta' l-Assoċjazzjoni u s-segretarju ġenerali tenna:

"Kif għidt qabel, l-Assoċjazzjoni tinvolvi ħafna xogħol u l-akbar problema tibqa' dejjem dik finanzjarja. Matul dawn l-aħħar snin, l-Assoċjazzjoni ma kellhiex sponsor ewlieni u dan xekkel mhux ftit ir-ritmu ta' parteċipazzjoni nternazzjonali. L-aktar żewġ avvenimenti nternazzjonali, bla dubju, huma l-Kampjonati Ewropej u l-Kampjonati Mondjali.

"L-Assoċjazzjoni m'għandhiex il-mezzi finanzjarji biex tieħu sehem fiż-żewġ kampjonati kull sena. Fil-fatt f'dawn l-aħħar sitt snin, eskluż meta l-Kampjonati Ewropej saru f'pajjiżna, Malta ħadet sehem biss fil-Kampjonati Mondjali. Din hija ħasra kbira u huwa ta' żvantaġġ għall-players nazzjonali tagħna u għaldaqstant ma jkunux jistgħu jgħollu l-livell tal-logħba u jiksbu aktar esperjenza nternazzjonali. Barra minn dan, il-players li jirrappreżentaw lil pajjiżna ġie li kellhom iħallsu perċentwal sostanzjali ta' l-ispejjeż minn buthom." Huwa kompla "bħal kull assoċjazzjoni oħra l-ħolma tagħna hija li xi darba l-Malta Pool Association ikollha post bil-faċilitajiet tagħha. Dan iwassal biex aktar kompetizzjonijiet u attivitajiet ikunu jistgħu jiġu organizzati bil-għan li l-introjtu jikber u kif ukoll il-livell tal-logħba jikber."

M P A 8

### Team ta' l-Irġiel – Kategorija A

| | |
|---|---|
| **Sezzjoni Nru. 1** | |
| Malta vs Belgium | 12 - 3 |
| Ireland vs Channel Islands | 10 - 5 |
| France vs Scotland | 9 - 6 |
| Northern Ireland vs Wales | 7 - 8 |
| **Sezzjoni Nru. 2** | |
| Channel Islands vs Malta | 1 - 14 |
| Scotland vs Belgium | 7 - 8 |
| Wales vs Ireland | 7 - 8 |
| Northern Ireland vs England | 4 - 11 |
| **Sezzjoni Nru. 3** | |
| Malta vs Scotland | 11 - 4 |
| Channel Islands vs Wales | 2 - 13 |
| England vs Ireland | 7 - 8 |
| France vs Northern Ireland | 8 - 7 |
| **Sezzjoni Nru. 4** | |
| Wales vs Malta | 8 - 7 |
| Channel Islands vs England | 4 - 11 |
| Northern Ireland vs Belgium | 10 - 5 |
| Ireland vs France | 9 - 6 |
| **Sezzjoni Nru. 5** | |
| England vs Wales | 10 - 5 |
| Scotland vs Northern Ireland | 5 - 10 |
| France vs Channel Islands | 8 - 7 |
| Belgium vs Ireland | 6 - 9 |
| **Sezzjoni Nru. 6** | |
| England vs Malta | 10 - 5 |
| Wales vs France | 12 - 3 |
| Ireland vs Scotland | 7 - 8 |
| Channel Islands vs Belgium | 5 - 10 |
| **Sezzjoni Nru. 7** | |
| Malta vs Northern Ireland | 9 - 6 |
| France vs England | 4 - 11 |
| Belgium vs Wales | 4 - 11 |
| Scotland vs Channel Islands | 9 - 6 |
| **Sezzjoni Nru. 8** | |
| France vs Malta | 6 - 9 |
| Ireland vs Northern Ireland | 4 - 11 |
| England vs Belgium | 13 - 2 |
| Wales vs Scotland | 11 - 4 |
| **Sezzjoni Nru. 9** | |
| Malta vs Ireland | 9 - 6 |
| Belgium vs France | 5 - 10 |
| Northern Ireland vs Channel Islands | 7 - 8 |
| Scotland vs England | 3 - 12 |

### Team ta' l-Irġiel – Kategorija A (ikompli)

| | |
|---|---|
| **Semi Finali** | |
| England vs Ireland | 8 - 3 |
| Wales vs Malta | 3 - 8 |
| **Finali** | |
| England vs Malta | 4 - 8 |

### Team ta' l-Irġiel – Kategorija B

| | |
|---|---|
| **Sezzjoni Nru. 1** | |
| Ireland vs Malta | 8 - 7 |
| Channel Islands vs Scotland | 5 - 10 |
| Wales vs Belgium | 10 - 5 |
| **Sezzjoni Nru. 2** | |
| Scotland vs Ireland | 5 - 10 |
| Malta vs England | 6 - 9 |
| Belgium vs Channel Islands | 6 - 9 |
| **Sezzjoni Nru. 3** | |
| England vs Ireland | 10 - 5 |
| Scotland vs Belgium | 12 - 3 |
| Wales vs Malta | 10 - 5 |
| **Sezzjoni Nru. 4** | |
| Ireland vs Belgium | 11 - 4 |
| England vs Wales | 11 - 4 |
| Malta vs Channel Islands | 9 - 6 |
| **Sezzjoni Nru. 5** | |
| Wales vs Ireland | 6 - 9 |
| Channel Islands vs England | 1 - 14 |
| Scotland vs Malta | 1 - 14 |
| **Sezzjoni Nru. 6** | |
| Wales vs Channel Islands | 15 - 0 |
| Malta vs Belgium | 10 - 5 |
| England vs Scotland | 10 - 5 |
| **Sezzjoni Nru. 7** | |
| Channel Islands vs Ireland | 2 - 13 |
| Scotland vs Wales | 4 - 11 |
| Belgium vs England | 3 - 12 |
| **Semi Finali** | |
| England vs Malta | 8 - 3 |
| Ireland vs Wales | 8 - 6 |
| **Finali** | |
| England vs Ireland | 8 - 4 |

### Team ta' l-Under 21

| | |
|---|---|
| **Sezzjoni Nru. 1** | |
| England vs Ireland | 10 - 5 |
| **Sezzjoni Nru. 2** | |
| Ireland vs Malta | 6 - 9 |
| **Sezzjoni Nru. 3** | |
| Malta vs England | 2 - 13 |
| **Sezzjoni Nru. 4** | |
| Ireland vs England | 4 - 11 |
| **Sezzjoni Nru. 5** | |
| Malta vs Ireland | 3 - 12 |
| **Sezzjoni Nru. 6** | |
| England vs Malta | 10 - 5 |
| **Finali** | |
| England vs Ireland | 8 - 6 |

### Team tal-Juniors

| | |
|---|---|
| **Sezzjoni Nru. 1** | |
| Scotland vs Ireland | 8 - 7 |
| Channel Islands vs Malta | 9 - 6 |
| Wales vs England | 1 - 14 |
| **Sezzjoni Nru. 2** | |
| England vs Scotland | 10 - 5 |
| Malta vs Wales | 6 - 9 |
| Ireland vs Channel Islands | 5 - 10 |
| **Sezzjoni Nru. 3** | |
| Scotland vs Malta | 10 - 5 |
| England vs Ireland | 10 - 5 |
| Channel Islands vs Wales | 8 - 7 |
| **Sezzjoni Nru. 4** | |
| Wales vs Scotland | 3 - 12 |
| Channel Islands vs England | 4 - 11 |
| Malta vs Ireland | 9 - 6 |
| **Sezzjoni Nru. 5** | |
| Scotland vs Channel Islands | 10 - 5 |
| Ireland vs Wales | 4 - 11 |
| England vs Malta | 12 - 3 |
| **Semi Finali** | |
| England vs Wales | 8 - 6 |
| Scotland vs Channel Islands | 8 - 2 |
| **Finali** | |
| England vs Scotland | 8 - 4 |

### Team tan-Nisa

| | |
|---|---|
| **Sezzjoni Nru. 1** | |
| Northern Ireland vs Ireland | 13 - 2 |
| Channel Islands vs Malta | 6 - 9 |
| England vs Wales | 7 - 8 |
| **Sezzjoni Nru. 2** | |
| Wales vs Northern Ireland | 10 - 5 |
| Malta vs England | 0 - 15 |
| Ireland vs Channel Islands | 11 - 4 |
| **Sezzjoni Nru. 3** | |
| Northern Ireland vs Malta | 13 - 2 |
| Wales vs Ireland | 10 - 5 |
| Channel Islands vs England | 1 - 14 |
| **Sezzjoni Nru. 4** | |
| England vs Northern Ireland | 6 - 9 |
| Channel Islands vs Wales | 2 - 13 |
| Malta vs Ireland | 5 - 10 |
| **Sezzjoni Nru. 5** | |
| Northern Ireland vs Channel Islands | 12 - 3 |
| Ireland vs England | 6 - 9 |
| Wales vs Malta | 15 - 0 |
| **Semi Finali** | |
| Wales vs Ireland | 8 - 0 |
| Northern Ireland vs England | 7 - 8 |
| **Finali** | |
| Wales vs England | 4 - 8 |

### Wheelchairs Singles Event

| | |
|---|---|
| Brian Borg MAL vs Phil Jones CI | 3 - 0 |
| Joseph Cardona MAL vs Ronald Galea MAL | 2 - 3 |
| Phil Jones CI vs Joseph Cardona MAL | 3 - 1 |
| Ronald Galea MAL vs Brian Borg MAL | 1 - 3 |
| Brian Borg MAL vs Joseph Cardona MAL | 1 - 3 |
| Phil Jones CI vs Ronald Galea MAL | 3 - 0 |
| Phil Jones CI vs Brian Borg MAL | 0 - 3 |
| Ronald Galea MAL vs Joseph Cardona MAL | 3 - 2 |
| Joseph Cardona MAL vs Phil Jones CI | 0 - 3 |
| Brian Borg MAL vs Ronald Galea MAL | 3 - 1 |
| Joseph Cardona MAL vs Brian Borg MAL | 2 - 3 |
| Ronald Galea MAL vs Phil Jones CI | 1 - 3 |
| **Finali** | |
| Brian Borg MAL vs Phil Jones CI | 4 - 1 |



# BMW Malta Marathon 2008




# Jonathan Balzan

## jiġri għall-kotba ta' l-istorja




Kien mistieden jieħu sehem fil-BMW Malta Marathon bl-għan li jikseb ħin veloċi, iżda Joshua Kipchumba kien kapaċi jagħmel ferm aktar minn hekk.

Sa minn kmieni fit-tellieqa deher li l-Kenjan, rebbieħ tal-maratona ta'sentejn ilu b'ħin ta' 2:21:00, kien se jiġri f'ħin aħjar minn dak li l-Marokkin, Abdel Kebir Marchanne, kien irreġistra fl-2005. Marchanne kien irreġistra ħin ta' 2:19:08 u għaldaqstant l-istennija kienet dwar b'kemm seta' jtejjeb il-ħin ta' l-avversarju tiegħu.

Eventwalment huwa għamel dan b'31 sekonda għalkemm l-impressjoni inizjali kienet li huwa kien se jmur ferm aħjar minn hekk. "Nista' niġri ħafna iktar veloċi," Kipchumba nnifsu ammetta wara... "imma xorta waħda kuntent bil-ħin u l-fatt li ksirt ir-rekord jagħtini sodisfazzjon kbir."

Kipchumba kien ħarab fuq quddiem mas-sinjal tal-bidu tal-maratona filwaqt li Kirwa Choge tal-Kenja u l-atleta mill-Burundi, Joachim Nshimirmana, ippruvaw iżommu l-pass miegħu. Iż-żewġ atleti stinkaw biex jaqbżuh f'diversi stadji tat-tellieqa iżda kull darba sabu lil Kipchumba b'pass aktar mgħaġġel biex b'hekk dejjem żamm postu.

Tant li l-ħin finali tiegħu ta' 2:18:37 kien kważi żewġ minuti aħjar minn dak ta' Kirwa Choge li kiseb ħin ta' 2:20:35, filwaqt li Nshimirmana spiċċa fit-tielet post b'ħin ta' 2:20:59.

Minkejja r-riżultat ta' Kipchumba, l-eroj tal-ġurnata għal dawk kollha li ngħabru fuq il-linja tat-tmiem kien il-Malti, Jonathan Balzan, li temm il-ġirja tiegħu bl-aħjar ħin qatt miksub minn Malti fuq distanza ta' maratona. Il-ferħ u l-biki tiegħu hekk kif kien ikkonfermat il-ħin ta' 2:26:29 kien iktar milli ġustifikat.

"Li nkun l-iżjed Malti veloċi fuq xi distanza minn dejjem kienet il-ħolma tiegħi. Minn meta bdejt niġri kont noħlom li xi darba nista' nilħaq dan l-għan," ikkumenta Balzan eżatt wara t-tellieqa u żied "kont naħseb li hija xi ftit impossibbli, iżda dejjem bqajt naħdem għaliha u llum nista' ngħid li rnexxieli."

"Ħdimt ħafna għal dan ir-riżultat, dejjem bl-għajnuna ta' ħafna nies. Nibda mill-coach tiegħi, Roger Zammit, persuna li dawwarli l-metodi tat-taħriġ tiegħi u nkompli bl-isponsos ta' www.enjoytherun.com, Ronhill u Diadora. Fuq kollox irrid nirringrazzja lill-familja tiegħi ta' l-appoġġ kollu tagħhom matul is-sena kollha."

### Ringrazzjament lil min Ħaqqu

Il-maġġoranza ta' l-atleti, hekk kif jispiċċaw avveniment daqshekk impenjattiv bħall-maratona, f'moħħhom jibqa' biss il-ħsieb ta' kif jieħdu lura ftit tan-nifs u jpoġġu f'ġisimhom l-enerġija neċċessarja.

Dawk kienu wkoll il-prijoritajiet ta' Carmen Hili hekk kif hi kienet l-ewwel mara li daħlet f'din l-edizzjoni tal-BMW Malta Marathon u kif jixraq wara riżultat simili, hija ġiet imdawra mill-ġurnalisti li kollha riedu jafu kif ħassitha tul it-tellieqa.

It-tweġiba ta' Carmen kienet f'waqtha u saħqet "nibda billi nirringrazzja lil Alla għaliex bis-saħħa tiegħu ksibt dan ir-riżultat prestiġġjuż". Qabel ma kompliet bil-kummenti tagħha fuq it-tellieqa, Carmen waqfet tistejqer għaliex in-nifs kien batut wisq biex tkompli bil-konversazzjoni. Sinjal ta' umiltà u fidi li ġenwinament jolqtuk f'mument simili fejn l-għejja tkun qiegħda ttappan moħħ l-atleta.

Speċjalment għaliex Hili faċilment setgħet iffokat biss fuq ir-riżultat tagħha, liema riżultat kien wieħed tajjeb ħafna. Hija ġriet id-distanza

ta' 42 kilometru f'ħin ta' tliet sigħat u minuta, li kien ftit biss 'il bogħod mir-rekord tal-maratona.

### James Douglas jikkonferma d-dominju fin-Nofs Maratona

James Douglas ikkonferma s-suċċess miksub is-sena li għaddiet fin-nofs maratona meta huwa kiseb ħin ta' 1:09:20. "Bdejt veloċi ħafna, ftaħt vantaġġ wara l-ewwel mil u minn hemm 'il quddiem ma ħaristx lura" stqarr l-Ingliż li jiġri mal-klabb ta Birkirkara St. Joseph.

"Kienet sena diffiċli għalija; darbtejn bdilt fejn noqgħod u aktar minn hekk bdilt ukoll l-impjieg. F'ċirkostanzi simili jkun il-ġiri li jsofri




għaliex ma jkollokx ħin neċċessarju biżżejjed għat-taħriġ. Madankollu l-coach qalli li stajt nikseb ħin aħjar minn 1:10 u ferħan li kkonfermajt li kellu raġun".

Fit-tieni post daħal Ciaran Doherty f'ħin ta' 1:10:30, bl-ewwel Malti jkun Brian Magri ta' Pembroke Athleta, li daħal fit-tielet post rispettivament f'ħin ta' 1:11:33.

L-atleta veterana Maltija ta' Pembroke Athleta, Carol Walsh, rebħet in-nofs maratona tan-nisa. Għalkemm rebbieħa Carol Walsh ftit kienet filburdata li tiċċelebra. Wara t-tellieqa ħalliet dawn il-kummenti - "Ibni kien involut f'inċident ikrah u dawn l-aħħar ħmistax qattajthom l-isptar viċin tiegħu. Għalkemm ftit kelli moħħ, in-nofs maratona nħobbha wisq biex nitlifha u l-istess waqt serviet ta' ftit distrazzjoni".

Angela Sammut ta' St. Patrick's AC spiċċat it-tieni, b'Joelle Cortis ta' Pembroke Athleta tidħol fit-tielet post.

# BMW Malta Marathon 2008











## Klassifika Maratona

| Bib# | Poż | Ħin | Min/Km | Atleta | Sess | Data Twelid | Naz |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1001 | 1 | 2:18:38 | 3:17 | Kipchumba Joshua | M | 1968 | KEN |
| 1002 | 2 | 2:20:35 | 3:20 | Choge Julius Kirwa | M | 1978 | KEN |
| 1003 | 3 | 2:20:59 | 3:20 | Nshimiramana Joachim | M | 1973 | BDI |
| 1004 | 4 | 2:26:27 | 3:28 | Balzan Jonathan | M | 1972 | MLT |
| 1005 | 5 | 2:30:33 | 3:34 | Cilia Charles | M | 1965 | MLT |
| 1006 | 6 | 2:35:49 | 3:42 | Martin Jason | M | 1969 | MLT |
| 1296 | 7 | 2:37:14 | 3:44 | Sacco Jimmy | M | 1962 | MLT |
| 1206 | 8 | 2:37:51 | 3:44 | Abdilla Joseph | M | 1969 | MLT |
| 1007 | 9 | 2:41:57 | 3:50 | Galea Johann | M | 1981 | MLT |
| 1008 | 10 | 2:44:30 | 3:54 | Chetcuti Richard | M | 1975 | MLT |
| 1035 | 11 | 2:46:17 | 3:56 | Luening Sebastian | M | 1970 | GER |
| 1009 | 12 | 2:51:05 | 4:03 | Campion Mark | M | 1972 | GBR |
| 1010 | 13 | 2:51:08 | 4:03 | Cardinali Mauro | M | 1969 | ITA |
| 1022 | 14 | 2:54:11 | 4:08 | Jones Michael | M | 1967 | GBR |
| 1012 | 15 | 2:54:19 | 4:08 | Kempf Joachim | M | 1983 | GER |
| 1248 | 16 | 2:54:23 | 4:08 | Agius Martin | M | 1957 | MLT |
| 1011 | 17 | 2:59:13 | 4:15 | Wurm Harald | M | 1967 | AUT |
| 1282 | 18 | 3:00:21 | 4:16 | Neumann Peter | M | 1969 | GER |
| 1016 | 19 | 3:01:41 | 4:18 | Caruana Renato | M | 1969 | MLT |
| 1021 | 20 | 3:01:48 | 4:19 | Hili Carmen | F | 1970 | MLT |

## Klassifika Nofs Maratona

| Bib# | Poż | Ħin | Min/Km | Atleta | Sess | Data Twelid | Naz |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | 1 | 1:09:21 | 3:17 | Douglas James | M | 1971 | GBR |
| 9 | 2 | 1:10:31 | 3:21 | Doherty Ciaran | M | 1974 | IRL |
| 5 | 3 | 1:10:40 | 3:21 | Magri Brian | M | 1964 | MLT |
| 4 | 4 | 1:10:51 | 3:21 | Attard Robert | M | 1972 | MLT |
| 7 | 5 | 1:11:34 | 3:24 | Lewis Martin | M | 1983 | GBR |
| 6 | 6 | 1:12:53 | 3:27 | Zammit Kevin | M | 1978 | MLT |
| 3 | 7 | 1:14:56 | 3:33 | Grech Gerald | M | 1976 | MLT |
| 1 | 8 | 1:16:07 | 3:36 | Marchane Abdelkabir | M | 1972 | MAR |
| 15 | 9 | 1:16:07 | 3:36 | Gellel Michael | M | 1972 | MLT |
| 11 | 10 | 1:16:44 | 3:38 | Garcia Espejo Sergio | M | 1983 | ESP |
| 162 | 11 | 1:16:46 | 3:38 | Sperrin Paul | M | 1958 | GBR |
| 12 | 12 | 1:17:04 | 3:39 | Mifsud Adrian | M | 1971 | MLT |
| 13 | 13 | 1:17:58 | 3:42 | Lia Simon | M | 1972 | MLT |
| 638 | 14 | 1:18:10 | 3:42 | Rust Stephane | M | 1970 | FRA |
| 16 | 15 | 1:18:14 | 3:42 | Camilleri Nigel | M | 1980 | MLT |
| 183 | 16 | 1:18:24 | 3:43 | La Carrubba Maurizio | M | 1971 | ITA |
| 14 | 17 | 1:18:57 | 3:45 | Sammut David | M | 1964 | MLT |
| 30 | 18 | 1:20:32 | 3:49 | Brimmer Morgan | M | 1975 | MLT |
| 544 | 19 | 1:20:40 | 3:49 | Incelli Antonio | M | 1972 | ITA |
| 23 | 20 | 1:20:47 | 3:50 | Buhagiar John | M | 1972 | MLT |



On the racetrack it competes with sports cars.
On the road there is no competition.
M ES 4387
It was born with an additional gene: power – making the BMW 130i the top athlete in the compact class. The difference is more than just a word: the revolutionary lightweight BMW 6-cylinder engine boosting 265 bhp power output, 300 Nm torque, 250 km/h top speed, acceleration from 0-100 km/h in just 6.1 seconds and boasting rear-wheel drive - which is unique in this segment - the BMW 130i delivers unrivalled dynamic and agile performance. With a 5 star award in the Euro NCAP test* it is also the safest sprinter in the compact class. But be honest – would you have expected anything else from a BMW?
The BMW 1 Series comes with BMW Basic Service Inclusive covering free scheduled maintenance for 5 years or 60,000 km as standard.
BMW 1 Series
www.bmw.com.mt
BMW
Sheer Driving Pleasure
MUSCATS MOTORS Rue D'Argens, Gzira GZR1368 Tel: 2326 4581, 2326 4000
Fax: 2326 4592 E-mail: info@mml.mizzi.com.mt

 minn Joseph Serracino

**It-Tieni parti**

# L-Ambjent tal-Port il-Kbir

## Bidu ta' Tradizzjoni



Id-dgħajsa ta' bl-Erbgħa ta' l-Isla tidher dieħla fl-ewwel post f'waħda mill-edizzjonijiet akkaniti tat-Tiġrija ta' Jum il-Ħelsien

Naħseb li tkun idea tajba, dejjem għall-benefiċċju tal-qarrejja ta' dan il-magażin popolari, li qabel ma nibdew nitkellmu dwar l-oriġini ta' din it-tradizzjoni antika nippruvaw nagħtu ħarsa ħafifa lejn iż-żmien u l-ambjent tal-Port il-Kbir, meta l-istoriċi tagħna jaħsbu li saru l-ewwel tiġrijiet ta' l-opri tal-baħar. B'hekk aħna lkoll nifhmu aħjar il-kobor ta' din it-tradizzjoni u napprezzaw aktar il-ħidma fejjieda u s-sagrifiċċju kbir ta' bosta ħabrieka, li tul il-medda tas-snin ħadmu u stinkaw bla heda biex din it-tradizzjoni tibqa' ħajja fost il-poplu tagħna u ssir ta' kull sena fil-Port il-Kbir.

L-oriġini ta' din it-tradizzjoni teħodna lura għall-bidu tas-seklu sbatax. Fil-fatt, il-bidu ta' dawn it-tiġrijiet ħabat fiż-żmien meta l-Port il-Kbir beda jissaħħaħ f'dak li hu l-iżvilupp marittimu, u dan it-tisħiħ beda jiġġenera ħafna xogħol għall-baħħara u għan-nies konnessi mal-baħar. Kien żmien meta t-theddida ta' Assedju ieħor mit-Torok kienet għadha teżisti, l-aktar wara t-telfa kbira li ġarrab il-Mislem, f'Lepanto. Iżda mas-snin din il-biżgħa bdiet tonqos u l-Port il-Kbir beda jitkattar bix-xogħol li kienu jiġġenneraw l-iġfna u x-xwieni ta' l-Ordni u ta' l-alleati tagħhom li ta' spiss kienu jżuruna.

Sintendi f'dak iż-żmien id-daħla tal-Port il-Kbir ma kinitx kif inhi llum, imħarsa bil-Break Water li kien nbena fil-bidu tas-seklu għoxrin (1903). Il-bokka tiegħu kienet miftuħa, mingħajr ilqugħ ta' xejn, u kull tip ta' maltemp kbir, l-aktar l-irjieħ qawwija mill-Grigal kienu jħarbtu u jagħmlu ħsarat kbar lix-xwieni u lill-bċejjeċ l-oħra tal-qlugħ li kienu jorbtu mal-mollijiet tal-Barrieri (taħt is-swar tal-Belt) jew ta' Lascaris (taħt is-swar tal-Floriana) kif ukoll lill-inġenji żgħar tal-baħar li kienu jkunu mmażżrati qrib ix-xtut tal-Birgu u l-Isla faċċata tad-daħla tal-port.

M'hemmx dubju li d-dehra pittoreska tal-Port il-Kbir kienet issaħħar lil kull pittur għatxan għal xi xena mill-isbaħ ta' port sabiħ bi sfond marittimu. Fil-fatt, għadd ġmielu ta' xeni pittoreski tal-Port il-Kbir, impittrin minn artisti ta' fama fis-sekli ta' wara, illum esebiti għall-pubbliku fil-Mużew ta' l-Arti fil-Belt Valletta juru l-ġmiel u s-seħer ta' dan il-port marittimu u storiku.

M'hemmx dubju, li l-ewwel ħarsa ħafifa ta' kull frustier, huwa u dieħel il-Port il-Kbir taqa' fuq il-Kastell ta' Sant Iermu, mibni mill-ġdid wara l-Assedju l-Kbir fuq il-ponta tal-Belt Valletta, li topografikament taqsam iż-żewġ portijiet tagħna. Fuq naħa nsibu l-Port il-Kbir li fih issawru t-tiġrijiet tad-dgħajjes u fuq in-naħa l-oħra l-Port ta' Marsamxett li aktar tard ta sehem kbir fit-tisħiħ u ġenerazzjoni ta' din it-tradizzjoni. Ovvjament, mix-xtut li naraw fuq iż-żewġt ignub lil din il-belt storika, imdawra u msaħħa bi swar għoljin, l-aktar importanti fosthom huma dawk li jagħtu għall-Port il-Kbir li jibdew minn taħt il-Barrakka ta' Isfel u jestendu sa taħt is-swar tal-Floriana li kienu nbnew fl-1630.

Ma' dawn il-mollijiet kienu jorbtu bosta xwieni, iġfna, skejjen, sprunari u dgħajjes oħra tal-qlugħ li kienu jidħlu fil-port b'kull tip ta' merkanzija u bzonnijiet oħra meħtieġa għal pajjiżna. Kien żmien ukoll meta dawn ix-xtut kienu ffrenkwentati ħafna min-nies li kienu jinżlu jagħmlu x-xirjiet tagħhom mill-ħwienet li kienu armati matulhom, kif ukoll mis-suq tal-ħut li kien jarma fin-naħat tal-knisja tal-Liesse (1620), tefgħa ta' ġebla 'l fuq mid-Dwana l-antika li nbniet fl-1774/6.

Fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Port il-Kbir, fuq il-blat, qrib it-Torri ta' Orsi, fejn wara nbena l-Forti Rikasoli, fl-1670, kien hemm il-forok ta' tgħalliq ta' l-Ordni li kienu nbnew fiż-żmien il-Gran Mastru L'Isle Adam bħala twissija għal dawk kollha li jeħduha kontra t-tmexxija ta' l-istess Ordni. Kif nafu, il-Port il-Kbir hu port naturali, jikkonsisti b'firxa wiesa' ta' baħar kaħlani li testendi mill-bokka tiegħu, tibqa' dieħla sal-Marsa u taħsel ix-xtut ta' erba' daħliet il-ġmiel tagħhom fuq ix-xellug tiegħu. L-ewwel daħla hi dik tar-Rinella, l-unika bajja ramlija fil-Port, u li f'epoka li qegħdin insemmu kienet imfittxija ħafna għall-għawm mill-familji li kienu jgħixu fit-tlitt ibliet. It-tieni daħla hi dik tal-Kalkara u jingħad li f'dawn in-naħat kienu jgħixu ftit familji tas-sajjieda u xi bdiewa li kienu jaħdmu l-ftit raba' li kien hemm f'dawk l-inħawi.

Bla dubu ta' xejn, it-tielet daħla tal-port (Dockyard Creek) hi l-aktar daħla mportanti fl-istorja glorjuża ta' pajjiżna u, bla dubju, f'din it-tradizzjoni. Fiż-żmien li qegħdin nitkellmu dwaru, din id-daħla kienet magħrufa bħala Daħlet ix-Xwieni u kienet l-aktar parti popolata fil-Port il-Kbir. Fuq il-ġnub tagħha, ħerġin sa nofs il-port fuq ilsna art u mifrudin minn xulxin bil-baħar, insibu l-aktar żewġt ibliet antiki u storiċi tal-port. Fuq naħa nsibu lill-Birgu (il-Belt Vittoriosa) bil-Kastell ta' Sant'Anġlu jiddomina il-ponta tiegħu, u fuq in-naħa l-oħra lil Senglea (il-Belt Invicta) magħrufa popolarment bħala Isla. F'dak iż-żmien il-mollijiet ta' dawn iż-żewġt ibliet kienu jingħaqdu ma' dawk ta' Bormla (wara l-Belt Cospicua) fejn il-baħar kien jidħol sal-pjazza Gavino Gulia.

Peress li din id-daħla kienet xi ftit kennija, mal-mollijiet tagħha kienu jorbtu x-xwieni ta' l-Ordni kif ukoll diversi tipi ta' inġenji tas-sajd bħal skejjen, xprunari, dgħajjes bil-qlugħ u opri żgħar tas-sajd bħal Ferilli, Kajjikki u sintendi dgħajjes tax-xogħol. Aktar 'l isfel, maġenb il-Maċina (1631) kienu jsorġu x-xwieni u l-galjuni ta' l-Ordni biex fuqhom isiru t-tiswijiet u l-manutenzjoni mill-ħaddiema Maltin u barranin li kienu jaħdmu fit-tarznari ta' l-Ordni li kellha fix-xatt tal-Birgu, wara fl-Isla (li wieħed kien joħroġ għalihom minn żewġ mini fis-swar ta' Bormla) u f'xatt il-Belt. Jingħad li fuq ġewwa nett tad-daħla, il-baħar kien ramli u xi storiċi jsostnu li s-sajjieda Bormliżi kienu jikkultivaw il-frott tal-baħar.

Kien żmien ukoll li kemm l-Isla u l-Birgu kellhom popolazzjoni kbira. Kienu bliet iffortifikati tajjeb, mimlijin bi djar kbar u kerrijiet, mgħammrin bi sptarijiet, b'ħabsijiet ta' l-ilsira u swieq ta' kull xorta. Il-familji li kienu jgħammru fihom kienu mħallta, kemm sinjuri kif ukoll fqar. Naturalment f'dawn il-bliet kienu jgħixu ħafna nies tas-snajja li kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom fit-tarznari ta' l-Ordni u oħrajn privati li kien hemm wara l-Isla, kif ukoll numru kbir ta' familji tas-sajjieda, barklori, baħħara, burdnara u oħrajn konnessi mal-baħar. Matul il-jum, kemm madwar il-Ponta ta' l-Isla kif ukoll fin-naħat tat-toqba fil-Birgu kien ikun miżgħud bid-dgħajjes, ferilli, kajjikki, xprunari, braken, barkazzi, iżda ma nżul ix-xemx, is-sidien ta' dawn l-inġenji kienu ordnati li jeħduhom il-menqa ta' Bormla, fejn illum hemm il-baċir numru wieħed, u jħalluhom marbutin hemm sas-sebħ taħt għassa stretta minħabba l-biżgħa ta' ħarbiet ta' xi lsira.

